



Dokument ta' sessjoni

A9-0288/2023

Parti 1

11.10.2023

RAPPORT

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni
Ewropea għas-sena finanzjarja 2024
(11565/2023 – C9-0336/2023 – 2023/0264(BUD))

Parti I: Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għall-Baġits

Rapporteurs: Siegfried Mureşan (Taqsima III – Il-Kummissjoni)
Nils Ušakovs (Taqsimiet oħra)

WERREJ

	Pàgna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	4
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET BARRANIN	24
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP	32
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI.....	38
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	44
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	53
ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA.....	59
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	63
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU	68
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI.....	73
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD	84
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI.....	89
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI	94
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI	98
DIKJARAZZJONI KONĠUNTA ADOTTATA FIT-TRILOGU BAĠITARJU TAL-25 TA' APRIL 2023	105
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	107
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	108

Ippubblikati separatament

- Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat għall-Baġits matul il-laqgħat tiegħu tat-2 ta' Ottubru 2023 dwar l-abbozzi ta'

Parti 2 – A9-0288/2023

emenda għall-baġit ġenerali

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 (11565/2023 — C9-0336/2023–2023/0264 (BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra d-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċizzjoni 2014/335/UE, Euratom¹,
- wara li kkunsidra r-rapport *interim* tiegħu dwar il-proposta għal reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027²,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (COM(2021)0337),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 bit-titolu “Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027” (COM(2023)0336) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjahha (SWD(2023)0336),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna (COM(2023)0338),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (COM(2023)0335),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-impatt fuq il-baġit tal-UE tal-2024 taż-żieda tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2023 dwar l-estimi tad-dħul u tal-

¹ ĠU L 424, 15.12.2020, p.1.

² Testi adottati, P9_TA(2023)0335.

³ Testi adottati, P9_TA(2023)0194.

infiq tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2024⁴,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar it-titjib tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti u adegwat għal sfidi godda⁵,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2022/2496 tal-15 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027⁶,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027⁷ u d-dikjarazzjonijiet konġunti maqbuli bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni f'dan il-kuntest⁸ u d-dikjarazzjonijiet unilaterali relatati⁹,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ("FII")¹⁰,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012¹¹ (ir-"Regolament Finanzjarju"),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni¹²,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima")¹³,
- wara li kkunsidra l-Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tat-13 ta' Diċembru 2017¹⁴ u r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwarha¹⁵,

⁴ Testi adottati, P9_TA(2023)0119.

⁵ Testi adottati, P9_TA(2022)0450.

⁶ ĠU L 325, 20.12.2022, p. 11.

⁷ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

⁸ ĠU C 444 I, 22.12.2020.

⁹ Testi adottati, P9_TA(2020)0357.

¹⁰ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

¹¹ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

¹² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

¹³ ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1.

¹⁴ ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

¹⁵ Testi adottati, P8_TA(2017)0010.

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta’ Frar 2023 dwar strateġija tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività industrijali, lill-kummerċ u lill-impjiegi ta’ kwalità¹⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta’ Mejju 2022 dwar il-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra Russa fl-Ukrajna għall-UE – it-tishiĥ tal-kapaċità tal-UE li taġixxi¹⁷,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta’ Frar 2023 bit-titolu “Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti” (COM(2023)0062),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta’ Lulju 2023 dwar l-adeżjoni maż-żona Schengen¹⁸, ir-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta’ Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta’ Schengen fil-Bulgarija u r-Rumanija: abolizzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri interni fuq l-art, tal-baħar u tal-ajru¹⁹, ir-risoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta’ Ottubru 2022 u tat-18 ta’ Ottubru 2022²⁰ dwar l-adeżjoni tar-Rumanija u tal-Bulgarija maż-żona Schengen u r-rapport tat-23 ta’ Novembru 2022 tal-missjoni volontarja komplementari ta’ ġbir ta’ informazzjoni fir-Rumanija u fil-Bulgarija dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta’ Schengen u l-iżviluppi tiegħu mill-2011, mibgħut lill-Parlament Ewropew f’Diċembru 2022, u l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-adeżjoni taż-żewġ pajjiżi maż-żona Schengen,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta’ Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)0640) u r-risoluzzjoni tal-Parlament tal-15 ta’ Jannar 2020 b’rispons għaliha²¹,
- wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025,
- wara li kkunsidra l-Ftehim adottat fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC (COP21) f’Pariġi fit-12 ta’ Diċembru 2015 (il-Ftehim ta’ Pariġi) u l-Ftehim adottat fil-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bijodiversità fid-19 ta’ Diċembru 2022 (il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta’ Kunming-Montreal),
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, – wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, adottat mill-Kummissjoni fil-5 ta’ Lulju 2023 (COM(2023)0300),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024, adottata mill-Kunsill fil-5 ta’ Settembru 2023²² u mibgħuta lill-Parlament Ewropew fit-8 ta’ Settembru 2023 (11565/2023 – C9-0336/2023),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 94 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

¹⁶ Testi adottati, P9_TA(2023)0053.

¹⁷ ĠU C 479, 16.12.2022, p. 75.

¹⁸ Testi adottati, P9_TA(2023)0278.

¹⁹ ĠU C 388, 13.11.2020, p. 18.

²⁰ ĠU C 94 E, 3.4.2013, p. 13 u ĠU C 149, 28.4.2023, p. 11.

²¹ ĠU C 270, 7.7.2021, p. 2.

²² ĠU C 317, 7.9.2023, p. 3.

- wara li kkunsidra l-opinjoni jiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarij, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi,
- wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0288/2023),

Taqsimha III – Il-Kummissjoni Ewropea

1. Jisħaq li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, wara l-pandemija tal-COVID-19, għebet magħha aktar konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sostanzjali għall-poplu tal-Ewropa u madwar id-dinja, żiedet l-inflazzjoni, iġġenerat l-insigurtà tal-enerġija u l-faqar enerġetiku, għolliet il-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija u rriżultat fi kriżi tal-ġholi tal-ħajja għal miljuni ta' persuni, speċjalment għall-aktar vulnerabbli; jissottolinja li l-kuntest ġeopolitiku u ekonomiku l-ġdid, abbinat mad-deterjorament tal-kriżi tat-tibdil fil-klima u tal-bijodiversità u l-avvenimenti meteoroloġiċi estremi u d-diżastri naturali bla preċedent ikkaġunati minnu b'impatt fuq in-nies u fuq il-komunitajiet fl-Ewropa u fil-viċinat tagħha, wassal għal ħtiġijiet ġodda ta' politika, b'mod partikolari fil-qasam tal-klima u l-enerġija, l-investimenti soċjali, id-difiża, l-agricoltura u l-politika industrijali;
2. Ifakkar li l-Kummissjoni, fit-tfassil tal-abbozz tal-baġit għall-2024 (minn hawn 'il quddiem "l-abbozz tal-baġit") abbażi tar-regolament eżistenti dwar il-qafas finanzjarju pluriennali ("QFP"), issottolinjat b'mod espliċitu l-"limiti" tal-qafas "wara tliet snin ta' kriżijiet mingħajr preċedent" u saħqet li r-regolament intlaħaq ftehim dwaru "f'kuntest ġeopolitiku u ekonomiku kompletament differenti";
3. Ifakkar, barra minn hekk, li ħmistax wara l-pubblikazzjoni tal-abbozz tal-baġit, il-Kummissjoni ressqet proposta biex tirrevedi r-regolament dwar il-QFP, flimkien ma' proposti leġiżlattivi biex jiġu stabbiliti l-Faċilità għall-Ukrajna u l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), filwaqt li ddikjarat li l-pakkett irid ikun fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2024 u għalhekk fil-ħin għall-baġit 2024;
4. Jinnota li, minkejja l-proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi l-QFP, il-Kunsill għażel li jifformula l-pożizzjoni tiegħu dwar il-baġit 2024 bil-punt tat-tluq li ma kien se jkun hemm l-ebda bidla fil-qafas; jiddispjaċih ħafna li, minkejja r-restrizzjonijiet drastiċi, il-Kunsill għażel li japplika approċċ ta' "żamma ta' *status quo*" għall-qari tiegħu tal-baġit, u naqqas l-appropriazzjonijiet ta' impenn fl-abbozz ta' baġit b'EUR 772 miljun u l-appropriazzjonijiet ta' pagament b'EUR 515-il miljun fl-intestaturi kollha tal-QFP b'mod li jnaqqas l-impatt tal-Unjoni, il-kapaċità tagħha li taġixxi u r-rilevanza globali tagħha u b'mod li ma jagħtix kas il-kuntest ekonomiku u soċjali diffiċli; iqis li t-tnaqqis propost mill-Kunsill mhuwiex ġustifikat, mhuwiex immexxi minn valutazzjoni oġġettiva tal-ħtiġijiet jew tal-kapaċità tal-assorbiment u jmur kontra, f'ħafna każijiet, ambizzjonijiet ta' politika u ftehimiet politiċi kondiviżi; jiddeċiedi, għalhekk, li jistabbilixxi mill-ġdid l-appropriazzjonijiet fuq il-linji kollha mnaqqsa mill-Kunsill għal-livell tal-abbozz tal-

baġit;

5. Ifakkar li l-baġit jista' jiġi adottat biss skont ir-regolament dwar il-QFP fis-seħħ; itenni l-konvinzjoni soda tiegħu li regolament rivedut dwar il-QFP irid jipprovdi l-qafas għall-baġit 2024 u, sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet demokratiku skont l-ispirtu tat-Trattat, iqis li huwa xieraq li l-Parlament jiformula l-pożizzjoni tiegħu abbażi ta' qafas rivedut; jiddeċiedi, għalhekk, li jfassal il-qari tiegħu dwar il-baġit tal-2024 f'konformità mar-rapport *interim* tiegħu dwar ir-reviżjoni tal-QFP;
6. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu, li ilu jħaddan żmien twil, li prijoritajiet jew kompiti ta' politika ġodda għandhom ikunu akkumpanjati minn flus ġodda u li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni jrid ikollhom ammont ta' persunal xieraq u riżorsi adegwati biex iwettqu l-mandat tagħhom; jiddispjaċih li s-sitwazzjoni baġitarja attwali wasslet lill-Kummissjoni biex tirrialloka fondi sinifikanti matul il-perjodu tal-QFP; jenfasizza li l-infiq kollu permezz tal-baġit tal-Unjoni jrid ikun soġġett għal skrutinju parlamentari;
7. Jissottolinja li huwa essenzjali li jsir progress malajr fir-rigward ta' riżorsi proprji ġodda, kemm għall-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) kif ukoll għar-robustezza finanzjarja u l-implimentazzjoni tal-oqfsa finanzjarji pluriennali attwali u futuri; jilqa' l-ewwel pakkett ta' riżorsi proprji ġodda ppreżentat mill-Kummissjoni f'Diċembru 2021 u t-tieni pakkett aġġustat ippubblikat f'Ġunju 2023; jistieden lill-Kunsill javvanza mingħajr dewmien biex jiżgura l-introduzzjoni f'waqtha ta' riżorsi proprji ġodda, f'konformità mal-pjan direzzjonali legalment vinkolanti anness mal-FII; jissottolinja li se jkunu meħtieġa riżorsi proprji ġodda aktar robusti biex jiġi ggarantit baġit tal-Unjoni adattat għall-iskop fis-snin li ġejjin u jistenna b'interess proposti ambizzjużi u innovattivi mill-Kummissjoni li jmorru lil hinn mill-FII;
8. Jissottolinja li l-baġit 2024 irid ikun allinjat mal-oġġettivi u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ħidma kontinwa biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità għall-infiq tal-baġit tal-Unjoni stabbiliti fil-FII, bħala parti mill-għan usa' li l-Unjoni ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050; ifakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha skont il-FII li tevalwa regolarment il-progress lejn l-oġġettivi ta' integrazzjoni tal-klima; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u tiegħu l-miżuri korrettivi meħtieġa jekk u meta jkun meħtieġ;
9. Jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni skont liema l-oġġettiv ta' 10 % għall-infiq relatat mal-bijodiversità fl-2026 u l-2027 x'aktarx mhux se jintlaħaq u dwar in-nuqqas ta' perkors ċar lejn l-ilħuq tal-oġġettivi miftiehma; jissottolinja, għalhekk, il-ħtieġa li jsiru aktar sforzi fil-baġit 2024 biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġġettivi ta' nfiq għall-bijodiversità għall-2026 u l-2027; jistieden lill-Kummissjoni tagħti l-attenzjoni dovuta lill-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-infiq fuq il-klima fil-baġit 2014-2020 u lill-ħtieġa li n-nefqa relatata mal-klima u l-bijodiversità tiġi segwita b'mod preċiż għall-programmi u l-azzjonijiet kollha; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-finanzjament għall-klima u dak għall-bijodiversità;

10. Itenni li l-programmi, il-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni għandhom jiġu implimentati b'mod li jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fit-twettiq tal-oġettivi taġġhom; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħidma tal-Kummissjoni, f'konformità mal-FII, biex issegwi l-infiq relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, b'mod partikolari permezz ta' valutazzjoni tal-impatt *ex post* fuq il-ġeneru u rappurtar dwar il-volumi; jistieden lill-Kummissjoni tapplika din il-metodoloġija għall-programmi kollha tal-QFP sabiex turi r-risultati għall-baġit 2024 akkumpanjati mill-ġbir, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni sistematiċi ta' data diżaggregata skont il-ġeneru;

Strumenti speċjali

11. Ifakkar li l-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi żewġ strumenti speċjali ġodda lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP – l-Istrument EURI biex jimmaniġġja aħjar l-ispejjeż tal-ħlas lura tad-dejn u l-Faċilità għall-Ukrajna mfasla biex tiżgura soluzzjoni strutturali fit-tul għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna – u li żżid l-approprijazzjonijiet għall-Istrument ta' Flessibbiltà u għar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza;
12. Itenni l-valutazzjoni tiegħu, issa kondiviża mill-Kummissjoni, li trid tinstab soluzzjoni strutturali għall-ħlas lura tal-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI; ifakkar li l-Parlament insista b'mod konsistenti li l-ispejjeż tal-ħlas lura tal-EURI għandhom jitqiegħdu lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP; jinnota li l-ispejjeż tal-ħlas lura tal-EURI huma stmati għal EUR 4 biljun fl-abbozz tal-baġit meta mqabbla mal-ammont ta' EUR 2,1 biljun iprogrammati inizjalment u għalhekk, mingħajr ir-reviżjoni tal-QFP, jeżawrixxu l-Istrument ta' Flessibbiltà u jużaw parti mill-Istrument ta' Marġini Uniku fl-2024;
13. Jinnota li l-Kunsill, fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-baġit 2024, inaqas l-approprijazzjonijiet imwarrba għall-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI abbażi tat-tama li l-kostijiet tat-teħid b'self huma fl-aħħar mill-aħħar aktar baxxi milli previst fl-abbozz tal-baġit; jinsisti li, skont il-prinċipju tal-prudenza baġitarja, l-awtorità baġitarja għandha sserraħ fuq it-tbassir oġġettiv tal-Kummissjoni u l-aġġornamenti fl-Ittra Emendatorja; jipproponi, għalhekk, li l-ammont tal-abbozz tal-baġit jerġa' jiġi kif kien u, f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu, li titħassar il-linja baġitarja mill-Intestatura 2b u li l-ammont sħiħ jitqiegħed fl-strument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP;
14. Jilqa' l-proposta li l-Faċilità għall-Ukrajna tiġi stabbilita bħala soluzzjoni strutturali aktar fit-tul għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna ankrata fil-baġit tal-Unjoni; jissottolinja li l-appoġġ għall-Ukrajna għandu jinkludi wkoll azzjonijiet, attivitajiet u proġetti transfruntiera fi sħubija mal-pajjiżi ġirien; jinsisti li r-Riżerva għall-Ukrajna trid tiġi mobilizzata mill-awtorità baġitarja fil-proċedura baġitarja annwali; jinsisti li n-nomenklatura baġitarja trid tipprevedi l-granularità u t-trasparenza meħtieġa biex jiġu żgurati sorveljanza u deċiżjonijiet xierqa mill-awtorità baġitarja; jipproponi, għalhekk, il-ħolqien ta' linji baġitarji ġodda li jissodisfaw dan l-għan;
15. Jissottolinja li l-flessibbiltà baġitarja kienet kruċjali biex l-Unjoni tirreaġixxi għall-avvenimenti mhux previsti u biex taġġusta l-prijoritajiet tal-infiq taġġha skont l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali; jenfasizza, madankollu, li l-baġit tal-Unjoni mhuwiex mġhammar bil-flessibbiltà li jeħtieġ; itenni, għalhekk, il-fehma tiegħu li l-Istrument ta' Flessibbiltà għandu jiżdied b'EUR 1,457 biljun fl-2024

f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu;

16. Iqis li d-domandi fuq ir-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR) x'aktarx li jiżdiedu u, għalhekk, li t-tisħiħ sostanzjali tas-SEAR huwa kruċjali biex l-Unjoni tkun tista' taġixxi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza kkawżati minn diżastri naturali kbar, avvenimenti meteoroloġiċi estremi jew kriżijiet tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri u fil-pajjiżi tal-adeżjoni u wkoll biex tappoġġja lil pajjiżi mhux tal-UE li jsofru minn kunflitti, kriżijiet tar-rifuġjati, diżastri naturali jew emerġenzi umanitarji; iżid, għalhekk, l-allokazzjonijiet għas-SEAR fl-2024 b'EUR 1,092 biljun fl-2024 f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu; iżomm l-approprijazzjonijiet għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament Globali u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit kif propost fl-abbozz tal-baġit;

Intestatura 1 - Suq Uniku, Innovazzjoni u Aġenda Diġitali

17. Ifakkar li l-programmi taħt l-Intestatura 1 jiżvolġu rwol ewlieni fl-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni, fit-tisħiħ tal-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-ekonomija tal-UE, fl-appoġġ għall-SMEs u għan-negozji ġodda u fl-investment fl-infrastruttura transfruntiera, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jixprunaw it-tkabbir ġust, sostenibbli u inklużiv, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità;
18. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni ma tatx segwitu għall-impenn tagħha skont il-programm ta' ħidma għall-2023 li "[tistinka] biex [toħloq] Fond Ewropew ġdid għas-Sovranità"; jirrikonoxxi li, minkejja d-daqs u l-kamp ta' applikazzjoni limitati tagħha, il-proposta STEP għandha l-potenzjal li tagħti riżultati aktar malajr billi tuża l-istrutturi tal-programmi eżistenti u tfittex li toħloq sinerġiji u b'hekk tgħin biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi mhux tal-UE u tingħata spinta lill-investment f'setturi strateġiċi ewlenin; iqis li l-proposta STEP għandha tagħxi bħala pjattaforma ta' ttestjar għal Fond għas-Sovranità komprensiv fil-perjodu tal-QFP li jmiss;
19. Jissottolinja li, bħala parti mill-proposta STEP, għandhom jiġu allokati approprjazzjonijiet addizzjonali għall-Programm InvestEU u għall-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC); jipproponi, għalhekk, li l-appropriazzjonijiet għall-garanzija ta' InvestEU jiżdiedu b'EUR 1,05 biljun u għall-EIC b'EUR 125 miljun fl-2024 f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu; jipproponi, barra minn hekk, li jerġgħu jsiru disponibbli EUR 500 miljun f'diżimpenji tar-riċerka skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju għall-EIC fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, flimkien mal-EUR 95 miljun inklużi fl-abbozz tal-baġit;
20. Ifakkar li l-Att dwar iċ-Ċipep, li ntlaħaq ftehim dwaru reċentement, għandu impatt sinifikanti fuq il-baġit taħt l-Intestatura 1, b'mod partikolari għal Orizzont Ewropa u għal Ewropa Diġitali; iqis li t-tnaqqis tal-Kunsill għall-finanzjament tal-Att dwar iċ-Ċipep huwa partikolarment diffiċli biex wieħed jifhmu peress li l-ftehim dwar il-leġiżlazzjoni ntlaħaq reċentement u t-tnaqqis imur kontra prijorità ċara tal-Unjoni; jissottolinja li, f'konformità mal-ftehim politiku dwar l-Att dwar iċ-Ċipep, huma meħtieġa EUR 50 miljun addizzjonali biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' finanzjament matul il-perjodu mill-2024 sal-2027; jipproponi, għalhekk, li jiġi kopert 25 % ta' dak in-nuqqas billi jiġu

allokati EUR 12,5-il miljun lill-Impriża Konġunta taċ-Ċipep fl-2024;

21. Ifakkar li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) hija kruċjali biex tingħata spinta lill-investiment f'networks trans-Ewropej ta' prestazzjoni għolja u sostenibbli, biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-settur tal-enerġija fil-futur, pereżempju permezz ta' appoġġ għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika, u biex l-ekonomija tal-UE tiġi dekarbonizzata, u b'hekk titħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika u tiġi promossa l-interkonnnettività; jissottolinja li l-FNE – Trasport, permezz ta' "korsiji ta' solidarjetà" pereżempju tul id-Danubju, huwa vitali biex jingħata l-appoġġ għall-infrastruttura tat-trasport fl-Ukrajna u lejn l-Ukrajna, biex tiġi żviluppata l-infrastruttura fir-reġjuni tal-viċinat u biex ikun permess it-trasport ta' għelejjel u oġġetti kritiċi fiż-żewġ direzzjonijiet u jilqa' d-deċiżjoni li l-Ukrajna tiġi assoċjata mal-programm; jipproponi li l-appropriazzjonijiet għall-FNE – Trasport jiżdiedu b'EUR 100 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit fl-2024 sabiex jiġu appoġġjati dawn l-għanijiet;
22. Jisħaq li Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb huwa kruċjali għall-kompetittività tal-Unjoni u għat-tisħiħ tal-aċċess tan-negozji tal-UE, speċjalment l-SMEs, għas-swieq; jenfasizza li l-SMEs b'mod partikolari ntlawta ħażin mill-inflazzjoni għolja u mill-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jipproponi, b'riżultat ta' dan, żieda ta' EUR 10 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit għall-fergħa tal-SMEs tal-programm tas-Suq Uniku, b'mod partikolari għall-mekkaniżmi tal-bidu (start-up) u ta' espansjoni (scale-up); itenni, barra minn hekk, ir-rwol tal-programm fil-kontribut għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti; jipproponi, f'dan ir-rigward, żieda ta' EUR 5 miljun biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi veterinarji għall-mard tal-annimali u ż-żoonożi, b'mod partikolari għall-għlied kontra t-tuberkulożi bovina;
23. Jissottolinja li t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, li huma ġusti, u l-iffukar mill-ġdid tal-politika industrijali jirrikjedu investiment sinifikanti fl-iżvilupp tal-ħiliet, inkluż permezz tat-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, u fit-tnaqqis tad-distakk diġitali bejn iż-żoni urbani u rurali permezz ta' aċċess ugwali għal teknoloġiji emerġenti, litteriżmu diġitali msaħħaħ u opportunitajiet imtejba fiż-żoni rurali u inqas żviluppati; jindika, pereżempju, il-valur tal-Akkademji b'Emissjonijiet Zero Netti; jipproponi, għalhekk, li l-appropriazzjonijiet għall-iżvilupp tal-ħiliet fl-ambitu tal-programm tas-Suq Uniku jiżdiedu b'EUR 10 miljun;
24. Jenfasizza r-rwol vitali li jiżvolġi Orizzont Ewropa biex jappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni u jgħin biex ir-riżultati tar-riċerka u l-ideat innovattivi jinbidlu fi prodotti u servizzi li jstimulaw il-ħolqien tal-impjiegi, jagħtu spinta lill-kompetittività globali tan-negozju tal-UE u jappoġġjaw l-isforzi biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità; ifakkar li l-programm għadu sottoskritt iżżejjed u għalhekk mhuwiex kapaċi jappoġġja numru kbir ta' proġetti ta' riċerka evalwati bħala "eċċellenti"; jipproponi, għalhekk, li l-allokkazzjonijiet għall-programm jiżdiedu b'total ta' EUR 140 miljun meta mqabbel mal-abbozz tal-baġit (esklużi ż-żidiet relatati mal-Pjattaforma STEP), b'rinforzi għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u r-Ragruppamenti "Saħħa", "Kultura", "Klima, Enerġija u Mobbiltà" u "Ikel";
25. Jissottolinja r-rwol essenzjali li jiżvolġu l-aġenziji deċentralizzati attivi taħt din l-intestatura, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi ġeopolitiċi; jipproponi li jiżdiedu l-appropriazzjonijiet u l-persunal għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà u

l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija f'konformità mal-ħtiġijiet identifikati tagħhom u mal-mandati tagħhom li qed jespandu;

26. Isaħħaħ l-Intestatura 1 b'EUR 1 454 239 500 f'approprjazzjonijiet ta' impenn 'il fuq mill-abbozz tal-baġit (esklużi l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji) u b'EUR 1 684 239 500 meta mqabbel mal-qari tal-Kunsill; jirrimarka li EUR 1 175 000 000 mir-rinforzi tiegħu huma speċifiċi għall-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa; jissottolinja li, f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu, il-limitu massimu għall-Intestatura 1 jiżdied b'EUR 1,375 biljun fl-2024;

Intestatura 2a — Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

27. Jissottolinja r-rwol ewlieni li tiżvolġi l-politika ta' koeżjoni fit-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika tal-UE u fit-tiżviħ tal-ekonomija tal-UE billi tikkontribwixxi għal tkabbir u żvilupp ġusti u sostenibbli, tippromwovi l-konverġenza u s-solidarjetà ekonomiċi u soċjali bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, tappoġġja t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, trawwem l-innovazzjoni u l-impjiegi u tindirizza l-inugwaljanzi reġjonali u soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħaffu l-pass fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u b'hekk jiżguraw l-assorbiment f'waqtu tagħha, speċjalment fid-dawl tal-pressjoni ta' implimentazzjoni addizzjonali maħluqa mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza; jissottolinja l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwità tal-proġetti permezz tat-tqassim gradwali xieraq tal-proġetti mill-perjodu tal-QFP 2014-2020 għall-perjodu 2021-2027;
28. Jinsab imħasseb serjament dwar il-prezzijiet persistentement għoljin tal-enerġija u tal-ikel u l-inflazzjoni għolja fit-tul b'impatti ekonomiċi negattivi wiesgħa li qed iwasslu, b'mod partikolari, għal kriżi tal-għoli tal-ħajja madwar l-Unjoni; jisħaq fuq ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi biex tipprovdi għajjnuna u solliev lill-persuni, lill-komunitajiet u lir-reġjuni l-aktar milquta; jenfasizza, f'dak ir-rigward, li, fl-2024, EUR 4,8 biljun mill-baġit tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) taħt ġestjoni kondiviża għandhom jiġu allokati għall-għajjnuna alimentari u l-assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn, lil hinn mill-objettiv ta' 4 %; jistieden lill-Istati Membri jallokaw aktar mill-fondi tal-FSE+ tagħhom lill-organizzazzjonijiet li jipprovdu assistenza u għajjnuna alimentari lill-persuni l-aktar vulnerabbli u fil-bżonn fid-dawl tal-kriżi attwali tal-għoli tal-ħajja;
29. Jisħaq fuq l-importanza ta' finanzjament adegwat għall-programmi taħt l-Intestatura 2a sabiex jiġi żgurat li l-politika ta' koeżjoni, bħala l-politika ta' investment ewlenija tal-UE, tilħaq l-objettivi tagħha; jissottolinja li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma kruċjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi tal-UE u jitlob li d-djalogu bejn il-livell lokali u reġjonali, minn naħa, u l-livell tal-UE, min-naħa l-oħra, jissaħħaħ, inkluż permezz ta' finanzjament adegwat għall-azzjonijiet u l-istituzzjonijiet rilevanti; jenfasizza l-ħtieġa li l-bliet jirċievu biżżejjed finanzjament biex ikunu jistgħu jimplimentaw il-programmi tal-UE lokalment;
30. Jiddispijaċi li, minħabba l-flessibbiltà limitata tal-QFP attwali, il-Kummissjoni rrikorriet għall-orjentazzjoni mill-ġdid tal-politika ta' koeżjoni, li mhijiex għodda ta' rispons għall-kriżijiet iżda li ntużat ripetutament biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet fil-flessibbiltà baġitarja jew fil-mekkaniżmi ta' rispons għall-kriżijiet fil-QFP għad-detriment tal-

objettivi ta' politika fit-tul tagħha;

31. Jaççetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-Intestatura 2a;

Intestatura 2b - Reżiljenza u valuri

32. Jissottolinja li, jekk jiġi żgurat li l-kostijiet tat-teħid b'self tal-Istrument EURI jkunu koperti mill-istrument speċjali tal-EURI lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP, dan ikollu l-effett li jirkupra xi marġni fl-Intestatura 2b u joħloq spazju baġitarju fl-Istrumenti ta' Flessibilità u ta' Marġni Uniku; jissottolinja li, speċjalment minħabba r-rati għolja tal-imgħax, il-programmi taħt l-Intestatura 2b ġew affettwati mill-preżenza tal-linja baġitarja tal-EURI fi ħdan l-istess intestatura peress li l-Kummissjoni ġiet *de facto* impedita milli tipproponi rinforzi fejn huma meħtieġa;
33. Jindika, f'dan ir-rigward, il-programmi emblematiċi Erasmus+ u Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES), li jiżvolġu rwol vitali fl-appoġġ għall-opportunitajiet ta' mobbiltà fit-tagħlim, fit-titjib tal-ħiliet u tal-impjegabbiltà tan-nies u fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali; jenfasizza r-rwol li jiżvolġi l-Erasmus+ fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni universitarja, fl-immodernizzar tal-edukazzjoni u fl-appoġġ għal azzjonijiet imfassla biex inaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola; jenfasizza l-kontribut siewi li ta biex jappoġġja lill-istudenti u lill-għalliema Ukreni mill-gwerra 'l hawn;
34. Jenfasizza li l-liġi tirrikjedi li ż-żewġ programmi jistabilixxu miżuri biex jagħtu spinta lir-rati ta' parteċipazzjoni fost il-persuni b'anqas opportunitajiet; jiddispaċih li l-parteċipanti minn sfondi żvantaġġati spiss ma jitħallewx jieħdu sehem fil-programm minħabba li l-għotjiet mhumiex biżżejjed f'kuntast ta' inflazzjoni li qed togħla bil-qawwa u ta' żieda fl-għoli tal-ħajja; huwa impenjat li jiżgura li l-Erasmus+ ma jsirx programm selettiv *de facto* miftuħ biss għal dawk li jifilħu jħallsu biex jipparteċipaw; ifakkar li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tistabilixxi miżuri ta' appoġġ finanzjarju għal persuni b'anqas opportunitajiet u jitlob aġġustament mill-ġdid tal-għotjiet ta' Erasmus+ biex jitqiesu l-inflazzjoni ogħla u l-ispejjeż ogħla tal-ħajja; jipproponi, għalhekk, żieda ta' EUR 100 miljun għall-Erasmus+ u EUR 2 miljun għall-KES 'il fuq mill-abbozz tal-baġit speċifikament biex jiġi żgurat li l-programmi jkunu aċċessibbli għal kulħadd;
35. Jissottolinja l-importanza ta' Unjoni tas-Saħħa aktar b'saħħitha u tħejjija msaħħa fl-Ewropa ta' wara l-pandemija, kif ukoll il-ħtieġa li l-effetti u l-implikazzjonijiet fit-tul tal-COVID jiġu mifhuma u ttrattati aħjar, inkluż permezz tal-finanzjament ta' riċerka traslazzjonali, provi kliniċi u studji kruċjali; jenfasizza r-rwol vitali li l-programm EU4Health jiżvolġi f'dan ir-rigward, kif ukoll fl-appoġġ għal azzjonijiet intiżi biex tinkiseb kopertura tas-saħħa universali madwar l-Unjoni, inkluż aċċess ta' kwalità għas-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u aċċess għat-teknoloġiji l-ġodda u għall-apparati ta' monitoraġġ mill-bogħod, għat-telemediċina u għall-apparati dijanjostiċi appoġġjati mill-intelliġenza artifiċjali, li jistgħu jgħinu biex tingħata kura aħjar fiż-żoni rurali; jipproponi, għalhekk, li l-appropriazzjonijiet tal-programm jiżdiedu b'EUR 20 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit, inkluż bħala għajnuna biex jiġu kkompensati r-riallokazzjonijiet lejn l-Awtorità tal-UE għat-Tħejjija u għar-Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa;
36. Jinsab allarmat bl-impatt dejjem jikber ta' avvenimenti meteoroloġiċi estremi u diżastri naturali fl-Ewropa, fil-viċinat tagħha u globalment, u jinsab imħasseb dwar il-kapaċità

tal-UE li tirispondi b'mod effettiv u fil-ħin; jissottolinja li dawn id-diżastri huma dejjem aktar marbuta mat-tibdil fil-klima u għalhekk x'aktarx li jseħħu bi frekwenza u intensità akbar fil-futur; jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir investiment f'miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għall-klima, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli u li tingħata spinta lill-kapaċità ta' rispons tal-Unjoni; iżid, għalhekk, l-appropriazzjonijiet għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili b'EUR 20 miljun 'il fuq mill-abbozz ta' baġit sabiex jiġi żgurat rispons effettiv u jiġu protetti l-ħajjiet tal-bnedmin, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni ta' timijiet mediċi konġunti f'emerġenzi;

37. Jenfasizza r-rwol ewlieni li għandu l-programm Ewropa Kreattiva fl-appoġġ tas-setturi kulturali u kreattivi, fit-trawwim tal-litteriżmu medjatiku u fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, u fil-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media bħala l-bażi għal demokrazija li tiffunzjona; jissottolinja li ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni, wara l-pandemija tal-COVID-19, kellhom impatt sinifikanti fuq is-setturi kulturali u kreattivi, li spiss huma magħmula minn organizzazzjonijiet żgħar u artisti individwali; jipproponi, għalhekk, li jiżdied il-finanzjament għall-programm Ewropa Kreattiva b'EUR 25 miljun 'il fuq mill-abbozz ta' baġit, bi EUR 15-il miljun għall-fergħa tal-Kultura u EUR 10 miljun għall-fergħa Transsettorjali;
38. Itenni l-importanza tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej u d-drittijiet taċ-ċittadini, fit-trawwim ta' involviment ċiviku attiv u fil-bini ta' soċjetajiet reżiljenti; ifakkar li l-programm huwa vitali fil-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, speċjalment importanti fil-kuntest taż-żieda li tista' titkejjel fil-vjolenza kontra n-nisa, u l-vjolenza kontra l-komunità LGBTQI+; jissottolinja l-valur tal-programm fl-appoġġ għall-prinċipji ewlenin tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, is-solidarjetà, il-ġustizzja, in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u l-inklużività; jipproponi, għalhekk, li jiżdiedu l-appropriazzjonijiet għall-programm b'EUR 6 miljun 'il fuq mill-abbozz ta' baġit, b'rinforsi għall-fergħat tal-“involvement u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini”, Daphne u l-“Valuri tal-Unjoni”;
39. Iqis li huwa meħtieġ li jissaħħaħ l-appoġġ għal-linja baġitarja Ċiprijotta-Torka b'EUR 2 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit sabiex jiġi ffinanzjat il-Kumitat għall-Persuni Nieqsa f'Ċipru u jiġi appoġġjat il-Kumitat Tekniku bikomunali għall-Wirt Kulturali;
40. Jissottolinja s-sinifikat tad-dimensjoni soċjali fil-baġit tal-Unjoni u l-ħtieġa ta' dialogu soċjali effettiv u informazzjoni u taħriġ xierqa għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, bil-ħsieb li jkomplu jiġu żviluppati u jiżdiedu l-kapaċità u l-involvement tas-sħab soċjali; iżid, għalhekk, il-finanzjament għal-linji rilevanti kull wieħed b'EUR 1 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit;
41. Ifakkar fir-rwol essenzjali tal-aġenziji deċentralizzati taħt l-Intestatura 2b; iżid il-livelli ta' finanzjament u ta' persunal għall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali f'konformità mal-ħtiġijiet identifikati tal-aġenziji u biex jiġi żgurat li jkollhom biżżejjed persunal biex jimmaniġġja l-ammont ta' xogħol tagħhom u jwettqu l-mandat tagħhom;
42. Jissottolinja l-importanza li l-baġit tal-Unjoni jiġi protett kontra l-frodi, il-korruzzjoni u

mġiba ħażina oħra; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq ir-rwol ċentrali li għandu l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-użu tal-fondi ta' Next Generation EU, u biex tiġi żgurata konformità mal-istat tad-dritt; jipproponi, għalhekk, rinforzi mmirati għall-UPPE u żieda fil-livelli tal-persunal tiegħu biex jippermettilu jwettaq il-mandat tiegħu; jistieden lill-Istati Membri kollha jingħaqdu mal-UPPE biex jiżguraw protezzjoni aktar b'saħħitha tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

43. Isaħħaħ l-Intestatura 2b b'mod ġenerali b'EUR 199 485 306 f'approprjazzjonijiet ta' impenn 'il fuq mill-livelli tal-abbozz tal-baġit (esklużi l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji) u b'EUR 8 12 302 190 meta mqabbla mal-qari tal-Kunsill; ifakkar li, f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu; il-kostijiet tal-Istrument EURI ma jiġux ikkunsidrati taħt l-Intestatura 2b;

Intestatura 3 - Riżorsi Naturali u Ambjent

44. Jissottolinja li l-proposta STEP tinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn addizzjonali fl-2024 għall-Fond għall-Innovazzjoni taħt l-Intestatura 3 u żieda proporzjonata fil-limitu massimu; iqis li l-allokkazzjoni proposta għall-Fond għall-Innovazzjoni timmarka progress importanti lejn l-ibbaġitjar sħiħ tiegħu; ifakkar fir-rwol importanti li għandu l-Fond għall-Innovazzjoni fl-appoġġ tal-investment fil-produzzjoni u l-infrastruttura tal-idroġenu; jipproponi, għalhekk, li tinħoloq linja baġitarja ġdida għall-Fond għall-Innovazzjoni, b'approprjazzjonijiet ta' EUR 1,25 biljun f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu;
45. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-impatt negattiv tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq is-sigurtà, l-affordabbiltà u l-ktajjen tal-provvista tal-ikel fuq skala globali, u dwar il-kapaċità tas-settur agrikolu u tal-bdiewa li jifilħu għall-pressjoni inflazzjonarja u ż-żieda fil-prezzijiet tal-input; jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-konsegwenzi tal-gwerra fuq il-bdiewa u fuq il-produzzjoni tal-ikel, inkluż fir-rigward tal-importazzjonijiet mill-Ukrajna, u tipproponi miżuri kif meħtieġ; jenfasizza l-ħtieġa li l-bdiewa ġodda u żgħażaġh jiġu meġhuna permezz ta' mekkaniżmi ta' appoġġ addizzjonali bħala soluzzjoni strutturali u b'hekk jiġu żgurati s-sostenibbiltà tas-settur u t-tiġdid ġenerazzjonali; jipproponi, għalhekk, li jiżdied l-appoġġ għall-introjt għall-bdiewa żgħażaġh b'EUR 40 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit;
46. Jenfasizza l-importanza tal-iskemi tal-iskejjel fl-ambitu tal-Politika Agrikola Komuni biex jiġi żgurat aċċess usa' għall-ikel tajjeb għas-saħħa u nutrittiv għat-tfal u jirrimarka li l-firxa tal-iskemi hija affettwata miż-żieda fil-prezzijiet tal-ikel; jiddeċiedi, għalhekk, li jżid l-appoġġ għall-iskemi b'EUR 5 miljun 'il fuq mill-appoġġ għall-abbozz tal-baġit;
47. Jissottolinja r-rwol ċentrali li għandu l-Programm LIFE, bħala programm emblematicu, biex jinkisbu riżultati fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex jintlaħaq l-għan tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, billi jiġu appoġġjati miżuri ta' mitigazzjoni tal-klima u ta' adattament għaliha, jitnaqqsu l-emissjonijiet u jiżdied l-użu tal-enerġija rinnovabbli, jiġu protetti l-ekosistemi u titreġġa' lura x-xejra allarmanti tat-telf tal-bijodiversità; jinsab imħasseb dwar iż-żieda fl-avvenimenti meteoroloġiċi estremi kkawżati mit-tibdil fil-klima u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' azzjoni urġenti; jenfasizza r-rwol tal-programm LIFE biex it-tranżizzjoni ġusta titħaffef; jipproponi, għalhekk, li l-approprjazzjonijiet għall-programm jiżdiedu bi EUR 30 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-

baġit;

48. Ifakkar li, tradizzjonalment, Ittra Emendatorja se tikkonkludi l-kwistjoni rigward ir-riżorsi disponibbli fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija u li l-approċċ għall-emendi jista' jiġi aġġustat kif xieraq matul il-konċiljazzjoni;
49. Isaħħaħ l-Intestatura 3 b'EUR 1 325 000 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn 'il fuq mill-abbozz tal-baġit (esklużi l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji) u b'EUR 1 335 000 000 meta mqabbel mal-qari tal-Kunsill; jirrimarka li EUR 1 250 000 000 mir-rinforzi tiegħu huma speċifiċi għall-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa; jissottolinja li, f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu, il-limitu massimu għall-Intestatura 3 jiżdied ukoll b'EUR 1,25 biljun fl-2024;

Intestatura 4 - Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri

50. Jissottolinja li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kunflitti armati u l-instabbiltà fir-reġjuni ġirien, kif ukoll il-faqar, il-ġuħ, il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima u x-xejriet sottostanti fl-iżvilupp ekonomiku, il-bidliet demografiċi jkomplu jimbuttaw lin-nies biex jiġu fl-Unjoni għar-rifuġju, is-sikurezza jew il-libertà, biex ifittxu haġja aħjar jew biex jergġu jingħaqdu ma' membri tal-familja mill-qrib, u b'hekk jagħmlu pressjoni sinifikanti fuq il-programmi u l-aġenziji taħt l-Intestatura 4; ifakkar, f'dak ir-rigward, fil-fehma tiegħu li l-finanzjament taħt l-Intestatura għandu jiżdied b'EUR 250 miljun fl-2024, f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu;
51. Itenni l-ħtieġa li tiġi implimentata politika dwar il-migrazzjoni u l-ażil li tkun ibbażata fuq is-solidarjetà, ir-responsabbiltà kondiviża u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-valuri u l-impenji internazzjonali tal-Unjoni; jisħaq li l-gwerra żiedet bil-kbir il-persjoni fuq is-sistemi tal-ażil u ta' akkoljenza fl-Istati Membri u li l-Unjoni jeħtieġha tipprovdi appoġġ aktar fit-tul lill-Istati Membri ospitanti biex tiffaċilita l-akkoljenza u l-integrazzjoni tar-rifuġjati mill-Ukrajna, kif ukoll rifuġjati oħra li jkunu ngħataw protezzjoni internazzjonali, tiffaċċja x-xejriet reċenti tal-migrazzjoni u tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-migrazzjoni, inkluż fir-rigward tar-ritorn effettiv, sikur u dinjituż u l-proċeduri ta' riammissjoni; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jiġu antiċipati l-implikazzjonijiet finanzjarji ta' ftehim f'waqtu dwar il-Patt dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni u li jissaħħaħ il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) fid-dawl tar-rwol ċentrali tiegħu biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Patt; ifakkar fir-rwol importanti li jaqdu l-awtoritajiet reġjonali u lokali fil-proċess ta' integrazzjoni fuq il-post filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi tal-Istati Membri; jiddeċiedi, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, li jsaħħaħ l-AMIF b'EUR 110 miljuni 'l fuq mill-abbozz tal-baġit fl-2024 minħabba l-kontribut pożittiv tiegħu fl-ġhoti ta' appoġġ immedjat lir-rifuġjati;
52. Ifakkar fir-rwol essenzjali li taqdi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil fl-appoġġ lill-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri tal-ażil u tal-protezzjoni internazzjonali; jipproponi li jiżdiedu l-livelli tal-persunal u tal-finanzjament għall-aġenzija f'konformità mal-ammont akbar ta' xogħol tagħha;
53. Jisħaq li l-ġestjoni u l-protezzjoni effettivi u ġusti tal-fruntieri esterni tal-Unjoni huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-Unjoni, filwaqt li tiġi ggarantita l-implimentazzjoni bla xkiel u effiċjenti tal-politika tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u l-ażil

u jiġi ppreservat il-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni u l-funzjonament xieraq taż-żona Schengen; jiŝhaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa ta' prevenzjoni aħjar tal-migrazzjoni irregolari biex il-persuni vulnerabbli jiġu protetti min-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u tat-traffikar u tiġi indirizzata l-istrukturalizzazzjoni tal-migranti bħala parti minn attakki ibridi; jissottolinja r-rwol vitali li għandu l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) f'dak ir-rigward; jinnota li l-Kummissjoni tipproponi li ssaħħaħ il-BMVI 'l fuq mil-livelli ta' programmazzjoni finanzjarja fl-abbozz tal-baġit, għalkemm jirrimarka li dan ir-"rinfurzar" jikkumpensa parzjalment biss riallokazzjonijiet ripetuti mill-BMVI għall-finanzjament ta' mandati ta' aġenzija riveduti; jipproponi li jiżdedu l-appropriazzjonijiet għall-BMVI b'EUR 60 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit, inkluż biex jiħaffu l-ađeżjoni tar-Rumanija u tal-Bulgarija maż-żona Schengen u l-implimentazzjoni tal-iskemi pilota stabbiliti mal-Kummissjoni;

54. Jenfasizza l-ħtieġa ta' żieda ulterjuri fl-appropriazzjonijiet u l-persunal għall-eu-LISA biex jiġi żgurat li l-aġenzija tkun tista' timplimenta proġetti kritiċi ta' sigurtà interna u ta' ġestjoni tal-fruntieri; jissottolinja l-ħtieġa li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) ikollha r-riżorsi meħtieġa biex twettaq il-mandat u l-attivitajiet operazzjonali tagħha b'mod effettiv u jiddeċiedi, għalhekk, li l-abbozz tal-baġit għall-aġenzija jerġa' jiġi kif kien;
55. Isaħħaħ l-Intestatura 4 b'mod ġenerali b'EUR 173 941 500 f'appropriazzjonijiet ta' impenn 'il fuq mill-abbozz tal-baġit u b'EUR 193 941 500 meta mqabbel mal-qari tal-Kunsill; jissottolinja li, f'konformità mar-rapport *interim* tiegħu dwar il-QFP, il-limitu massimu għall-Intestatura 4 jiżded ukoll b'EUR 250 miljun fl-2024

Intestatura 5 - Sigurtà u difiża

56. Jenfasizza li l-isfidi tad-difiża żdiedu mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u b'hekk l-appoġġ għas-settur tad-difiża sar importanti aktar minn qatt qabel biex jiġi żgurat li l-Ewropa tkun kontinent sikur; jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni fis-sigurtà internazzjonali u jqis li l-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża twassal għal aktar effiċjenza, iffrankar potenzjali u nfiq aktar intelliġenti u hija kruċjali għat-tiŝiħ tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni; itenni l-ħtieġa li tingħata spinta malajr lill-kapaċità u l-interoperabbiltà tal-produzzjoni industrijali tad-difiża tal-Istati Membri, b'mod partikolari dawk fuq quddiem nett u għalhekk l-aktar esposti għat-theddid attwali;
57. Jirrimarka li bl-Att dwar it-Tiŝiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża ttieħdu passi sinifikanti 'l quddiem permezz tal-Att dwar l-Akkwist Komuni fuq in-naħa tad-domanda għad-difiża u tal-Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon²³ min-naħa tal-provvista; jinnota li ż-żewġ regolamenti jeżawrixxu l-marġnijiet kollha tal-Intestatura 5 u jirrikjedu l-użu tal-Istrument ta' Flessibbiltà fl-2024, flimkien ma' riallokazzjonijiet sostanzjali mill-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF);
58. Jiŝhaq li l-proposta STEP tinkludi appropriazzjonijiet addizzjonali għall-FEŻ; jipproponi, għalhekk, li l-appropriazzjonijiet għall-FEŻ jiżdedu b'EUR 625 miljun fl-2024

²³ Ir-Regolament (UE) 2023/1525 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2023 dwar l-appoġġ għall-produzzjoni tal-munizzjon (ASAP) (ĠU L 185, 24.7.2023, p. 7).

f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu;

59. Jinnota l-importanza tal-“mobbiltà militari” biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu appoġġ rapidu fil-kuntest tal-gwerra billi jaġġornaw il-kapaċità tal-infrastruttura għal trasport militari tqil u fuq skala kbira, isaħħu l-kurituri tat-trasport u jtejbu l-loġistika; jissottolinja li l-programm huwa sottoskritt iżżejjed, għandu kapaċità ta' assorbiment sostanzjali u se jkun impenjat bis-sħiħ sa tmiem l-2023; jiddeċiedi, għalhekk, li jżid l-appropriazzjonijiet għall- “mobbiltà militari” b'EUR 45 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit;
60. Isaħħaħ l-Intestatura 5 b'mod ġenerali b'EUR 670 000 000 f'appropriazzjonijiet ta' impenn 'il fuq mill-abbozz tal-baġit u b'EUR 687 000 000 meta mqabbla mal-Kunsill; jirrimarka li EUR 625 000 000 mir-rinforzi tiegħu huma speċifiċi għall-STEP; jissottolinja li, f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu, il-limitu massimu għall-Intestatura 5 jiżdied ukoll b'EUR 625 miljun fl-2024;

Intestatura 6 - Il-Viċinat u d-Dinja

61. Jenfasizza li, b'mod partikolari wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kuntest internazzjonali ddeterjora malajr b'riżultat tal-kriżijiet tal-ikel, tal-enerġija u dawk ekonomiċi, li żiedu b'mod drammatiku l-pressjoni fuq l-Intestatura 6; jiddeplora l-fatt li l-finanzjament taħt l-Intestatura 6 kien inadegwat mill-bidu tal-QFP u li l-QFP ma kkunsidrax il-kontinwazzjoni tal-finanzjament għall-ħtiġijiet tar-rifuġjati mis-Sirja, l-Iraq u pajjiżi oħra, u kważi ma ħalla l-ebda spazju biex jiġu indirizzati sfidi addizzjonali;
62. Jinnota li r-riżerva tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali ġiet eżawrita malajr ħafna u ntużat lil hinn mill-iskop ewlieni tagħha li tirrispondi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti, filwaqt li l-baġit għall-għajnuna umanitarja kien jiddependi ħafna fuq il-mobilizzazzjoni tal-SEAR imġebbda ħafna; itenni, f'dan ir-rigward, li l-finanzjament taħt l-Intestatura għandu jiżdied b'EUR 2,875 biljun fl-2024, f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu;
63. Jisħaq fuq l-importanza tal-linja baġitarja tal-Viċinat tan-Nofsinhar fl-appoġġ għar-riformi politiċi, ekonomiċi u soċjali fir-reġjun, fl-għoti ta' assistenza lir-rifuġjati, b'mod partikolari lir-rifuġjati Sirjani u Palestinjani, u fl-għoti ta' appoġġ tul ir-rotot migratorji tan-Nofsinhar; jipproponi, għalhekk, li jiżdiedu l-appropriazzjonijiet għal-linja baġitarja b'EUR 650 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit, inkluż biex jiġi żgurat finanzjament adegwat u prevedibbli għall-UNWRA biex jingħata rispons għall-ħtiġijiet intensifikati fuq il-post;
64. Jissottolinja li l-gwerra kellha effett partikolarment sinifikanti fuq pajjiżi fil-Viċinat tal-Lvant, bħar-Repubblika tal-Moldova, li pprovdeu kenn u assistenza lir-rifuġjati li qed jaħarbu mill-gwerra u li ffaċċjaw l-effetti sekondarji tal-inflazzjoni u prezzijiet tal-enerġija għoljin ħafna; jissottolinja l-importanza ta' appoġġ sostnut għall-pajjiżi kandidati fl-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa relatati mal-adeżjoni u fit-tisħiħ tar-reżiljenza tagħhom u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu; jilqa' d-deċiżjoni li l-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova jingħataw status ta' pajjiż kandidat u jinsisti fuq il-ħtieġa li jintużaw il-fondi meħtieġa biex jiġi appoġġjat il-proċess ta' adeżjoni tagħhom; jiddeċiedi, għalhekk, li jżid l-appropriazzjonijiet b'EUR 450 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit

għall-Viċinat tal-Lvant; jipproponi, barra minn hekk, li jiżdied l-appoġġ relatat mal-adeżjoni fl-ambitu tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) b'EUR 50 miljun fl-2024 għall-Balkani tal-Punent;

65. Jikkondividi l-valutazzjoni tal-Kunsill li l-Kummissjoni kellha tqis il-ħtiġijiet ta' għajjnuna umanitarja li jirriżultaw mill-gwerra fl-abbozz tal-baġit; iqis li, minħabba l-kuntest internazzjonali diffiċli ħafna, l-instabbiltà ġeopolitika li qed tiżdied, iż-żieda fil-faqar estrem u diżastri naturali aktar frekwenti u avvenimenti meteoroloġiċi estremi, il-ħtiġijiet ta' għajjnuna umanitarja fl-2024 x'aktarx li jkunu aktar sostanzjali milli stmat mill-Kunsill fil-qari tiegħu; ifakkar, barra minn hekk, li l-għajjnuna umanitarja lill-Ukrajna se tkompli tkun koperta taħt l-Intestatura 6 aktar milli taħt il-Faċilità għall-Ukrajna; jissottolinja li l-aċċess insuffiċjenti għall-għajjnuna umanitarja jolqot l-aktar lil dawk l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal; jirrimarka li l-baġit tal-Unjoni għall-għajjnuna umanitarja kien jiddependi ħafna fuq l-SEAR, u b'hekk ir-riżorsi tbiegħdu mill-obiettivi l-oħra tal-SEAR u tnaqqset il-kapaċità tal-Unjoni li tirrispondi għall-emerġenzi; jipproponi, għalhekk, li jiżdiedu l-approprijazzjonijiet għall-għajjnuna umanitarja b'EUR 550 miljun meta mqabbla mal-abbozz tal-baġit;
66. Ifakkar li r-riżerva tal-NDICI hija mfassla biex tippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod aġli u effettiv għal xenarju ta' politika esterna li qed jinbidel u għall-isfidi emerġenti permezz tal-flessibbiltà baġitarja; jipproponi, għalhekk, li l-approprijazzjonijiet fir-riżerva jiżdiedu b'EUR 800 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit fl-2024;
67. Jissottolinja l-appoġġ tiegħu għall-implimentazzjoni tal-ftehim ta' paċi fil-Kolombja u l-ħtieġa li jtkomplew l-azzjonijiet rilevanti ffinanzjati fl-ambitu tal-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Kolombja; jipproponi, għalhekk, li l-approprijazzjonijiet jissaħħu b'EUR 10 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit għall-programm ġeografiku "Il-Kontinenti Amerikani" fl-ambitu tal-NDICI; itenni, barra minn hekk, l-impenn sod tiegħu li jipproteġi u jippromovi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali globalment u jżid l-allokazzjoni għall-programm tematiku "drittijiet u libertajiet fundamentali" b'EUR 10 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit ;
68. Itenni l-impenn tiegħu għad-dimensjoni internazzjonali tal-Erasmus+, li jippermetti skambji ta' mobilità tat-tagħlim ma' pajjiżi sħab madwar id-dinja; iżid, għalhekk, l-approprijazzjonijiet għad-dimensjoni internazzjonali tal-Erasmus+ b'EUR 10 miljun 'il fuq mill-abbozz tal-baġit, maqsuma b'mod ugwali bejn l-NDICI u l-IPA III;
69. Ifakkar li l-imgħax dovut mit-EUR 18-il biljun fis-self tal-AMF+ li qed jiġi żborżat lill-Ukrajna fl-2023 kellu jiġi kopert mill-Istati Membri, u l-baġit tal-Unjoni jikkontribwixxi biss fil-każ ta' riżorsi disponibbli; iqis li tali riżorsi mhumiex disponibbli u għalhekk iħassar il-linja baġitarja u jnaqqas l-approprijazzjonijiet għas-sussidju tar-rata tal-imgħax tal-AMF+;
70. Isaħħaħ b'mod ġenerali l-Intestatura 6 b'EUR 2 525 000 000 f'approprijazzjonijiet ta' impenn 'il fuq mill-abbozz tal-baġit u b'EUR 2 407 100 000 meta mqabbel mal-qari tal-Kunsill; jissottolinja li, f'konformità mar-rapport *interim* tal-QFP tiegħu, il-limitu massimu għall-Intestatura 6 jiżdied b'EUR 2,875 biljun fl-2024;

Intestatura 7 - Amministrazzjoni Pubblika Ewropea

71. Ifakkar li l-infiq taħt l-Intestatura 7 għandu jiġi stabbilit fuq livell li jiggarrantixxi li l-Unjoni jkollha amministrazzjoni effettiva u effiċjenti; jirrimarka, f'dak ir-rigward, li l-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-QFP tnaqqas il-ħtieġa ta' rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku għall-infiq taħt l-Intestatura 7 fl-2024;
72. Jaċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill għall-Intestatura 7 fir-rigward tat-Taqsima III;

Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

73. Ifakkar fl-importanza tal-proġetti pilota u tal-azzjonijiet preparatorji bħala għodod għall-formulazzjoni ta' prijoritajiet politiċi u għall-introduzzjoni ta' inizjattivi ġodda li għandhom il-potenzjal li jinbidlu f'attivitajiet u programmi permanenti tal-Unjoni; jadotta, wara analiżi bir-reqqa tal-proposti kollha ppreżentati u filwaqt li jqis bis-sħiħ il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti legali u l-implimentabbiltà, pakkett ibbilanċjat ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji li jirrifletti l-prijoritajiet politiċi tal-Parlament; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta malajr il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji u ttiprovdi feedback dwar il-prestazzjoni u r-risultati tagħhom miksuba fil-prattika;

Pagamenti

74. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi pprovdut livell suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2024 u jiddeċiedi, bħala regola ġenerali, li jsahhañ l-appropriazzjonijiet ta' pagament fuq dawk il-linji li huma emendati f'approprjazzjonijiet ta' impenn jinnota l-livell baxx ta' pagamenti propost mill-Kummissjoni għall-2024, attribwibbli għal dewmien fl-implimentazzjoni ta' xi programmi minħabba l-adozzjoni tard tagħhom u t-tfixkil tal-proġetti minħabba l-kriżi tal-COVID-19; jissottolinja, f'dan il-kuntest, ir-riskju ta' arretrati ta' pagamenti fis-snin ta' wara tal-perjodu tal-QFP u għall-QFP sussegwenti u jfakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar ir-reviżjoni tal-QFP f'dak ir-rigward;

Taqsimiet Oħra

Taqsimi I – Il-Parlament Ewropew

75. Huwa konxju mir-restrizzjonijiet tal-Intestatura 7 fil-QFP attwali; ifakkar li dawn ir-restrizzjonijiet huma r-riżultati tat-tnaqqis applikat mill-Kunsill għall-proposta inizjali diġà baxxa ħafna tal-Kummissjoni waqt il-qbil dwar il-QFP 2021-2027 attwali; jesprimi l-istagħġib u t-tħassib serju tiegħu dwar id-deċiżjoni unilaterali tal-Kummissjoni li tnaqqas l-estimi tal-Parlament għall-2024, li għal darb'oħra tikser it-tradizzjoni ta' kooperazzjoni tajba bejn iż-żewġ istituzzjonijiet; ifakkar li l-estimi tal-Parlament tħejjew u ġew adottati b'attenzjoni partikolari għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni; f'dan l-isfond, ireġġa' lura l-approprijazzjonijiet tal-baġit tiegħu għall-2024 stabbiliti għal EUR 2 383 401 312, f'konformità mal-estimi tiegħu tad-dħul u l-infiq adottati mill-Plenarja fl-20 ta' April 2023; jinkorpora aġġustamenti tekniċi newtrali għall-baġit biex tiġi riflessa informazzjoni aġġornata li ma kinitx disponibbli fil-bidu ta' din is-sena;
76. Jinnota li, filwaqt li l-baġit tiegħu huwa inkluż fit-Taqsimi I – Il-Parlament Ewropew, l-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej (APPF) hija korp indipendenti tal-Unjoni; jilqa' l-fatt li n-numru ta' karigi allokat li lill-APPF huwa identifikat b'mod ċar fit-tabella tal-persunal u li l-ammont speċifiku relatat mal-persunal tiegħu huwa inkluż fir-rimarki baġitarji għaż-żewġ punti 1200 u 1400; jistenna li din l-informazzjoni tkompli tiġi żvelata fil-baġits futuri; jaqbel li, abbażi ta' dan, jitneħħa l-Artikolu 502 min-nomenklatura baġitarja tal-2024 'il quddiem;
77. Itenni l-prijoritajiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja li jmiss, jiġifieri, baġit tal-Parlament li jkun iffukat fuq il-funzjonijiet ewlenin tiegħu ta' koleġiżlatur, li jaġixxi bħala fergħa waħda tal-awtorità baġitarja, li jirrappreżenta liċ-ċittadini u jiskrutinizza l-ħidma ta' istituzzjonijiet oħra, kif ukoll jipprovi r-riżorsi għal proġetti ta' prijorità dwar l-involviment maċ-ċittadini; Parlament ekoloġiku li jippromwovi l-iffrankar tar-riżorsi, Parlament aċċessibbli li jirrispetta bis-sħiħ il-kwistjonijiet tal-ġeneru u jsaħħaħ is-sigurtà, iċ-ċibersigurtà u l-iżvilupp tal-IT;
78. F'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tal-20 ta' April 2023 dwar l-estimi tad-dħul u nfiq tiegħu għas-sena finanzjarja 2024 u b'kont meħud tat-tweġibiet ipprovduti mis-Segretarju Ġenerali fid-19 ta' Lulju 2023:
 - (a) jitlob lill-Bureau jaħdem fuq soluzzjoni teknika li tippermetti lill-Membri jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw filwaqt li jibbenefikaw mil-liv tal-maternità, tal-paternità jew tal-mard fit-tul tagħhom;
 - (b) itenni t-talba tiegħu lill-Bureau biex jimmodifika l-Miżuri ta' Implimentazzjoni għat-Titolu VII tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS) biex jiżgura l-allinjament sħiħ tar-rati ta' allowances imġarrba fir-rigward tal-ivvjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament bejn uffiċjali, aġenti oħra u Assistenti Parlamentari Akkreditati (APAs); jirrikonoxxi li s-servizzi responsabbli tal-Parlament qed jabbozzaw proposta sabiex isolvu din il-kwistjoni u jinkoraġġixxi lill-Bureau biex jaġixxi hekk kif il-proposta titressaq;
 - (c) jiddispijaċih dwar l-oppożizzjoni kontinwa tal-Bureau li jannulla d-deċiżjonijiet tat-2 ta' Ottubru 2000 u tal-15 ta' Diċembru 2014 li jipprojbixxu b'mod espliċitu l-parteċipazzjoni tal-APAs f'delegazzjonijiet uffiċjali u f'missjonijiet

tal-kumitati; itenni t-talba tiegħu lill-Konferenza tal-Prezidenti u lill-Bureau, għal darb'oħra, biex jirrevedu d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni li jirregolaw il-ħidma tad-delegazzjonijiet u l-missjonijiet barra mill-Unjoni Ewropea u d-deċiżjoni dwar "Missjonijiet tal-Kumitat barra t-tliet postijiet tax-xogħol"; jissottolinja l-fatt li tali reviżjoni għandha tikkunsidra l-possibbiltà, soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, li l-APAs jakkumpanjaw lill-Membri f' delegazzjonijiet u missjonijiet uffiċjali tal-Parlament;

- (d) ifakkar lill-Bureau li huma meħtieġa informazzjoni u konsultazzjoni xierqa mal-Kumitat għall-Baġits qabel ma tiġi adottata kwalunkwe deċiżjoni ewlenija dwar kwistjonijiet relatati mal-bini minħabba l-implikazzjonijiet baġitarji importanti tagħhom; jilqa' l-politika ta' manutenzjoni għall-binjiet tal-Parlament adottata mill-Bureau fit-8 ta' Marzu 2021 li tintroduċi l-hekk imsejħa "passaporti tal-bini"; jitlob lill-Bureau jesplora opportunitajiet ta' ffrankar; jappella għal politika proattiva dwar il-bini li trid tiffoka fuq ir-rinnovazzjoni ekoloġika tal-istokk tal-bini u tiggarrantixxi li l-Parlament jistinka biex jimmassimizza l-effiċjenza enerġetika u b'hekk inaqqas il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-ispiża operattiva tal-faċilitajiet tal-Parlament.

Taqsimiet Oħra (Taqsimiet IV-X)

79. Jikkundanna l-approċċ orizzontali tal-Kummissjoni biex tnaqqas l-estimi tal-istituzzjonijiet sabiex ikun hemm konformità mal-prinċipju ta' persunal stabbli, u għal żieda massima ta' 2 % għan-nefqa mhux relatata mas-salarji, minkejja l-pressjonijiet inflazzjonarji għat-tieni sena konsekuttiva u irrispettivament mill-kompiti ġodda mogħtija lill-istituzzjonijiet mill-Kummissjoni u l-koleġiżlaturi;
80. Jenfasizza li l-akbar partijiet tal-baġits tal-istituzzjonijiet huma stabbiliti minn obbligi statutorji jew kuntrattwali affettwati mill-inflazzjoni u li m'għandhom l-ebda kontroll fuq ir-rati tal-inflazzjoni u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija; jinsab imħasseb dwar l-għoli tal-ħajja u ż-żieda fil-prezzijiet fil-Lussemburgu, b'mod partikolari ż-żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni li jwasslu għal diffikultajiet għall-istituzzjonijiet kollha bbażati fil-Lussemburgu fir-reklutaġġ tal-persunal; jitlob lill-istituzzjonijiet kollha bbażati fil-Lussemburgu jindirizzaw din il-kwistjoni li ilha teżisti anke mal-kontropartijiet Lussemburġi;
81. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet ikollhom biżżejjed persunal sabiex iwettqu l-mandat tagħhom; jilqa' l-isforzi kontinwi li saru mill-istituzzjonijiet biex jirriallokaw il-persunal u jsibu kisbiet addizzjonali fl-effiċjenza iżda jirrikonoxxi l-limiti ta' dan l-approċċ fil-kuntest ta' inflazzjoni attwali meta mqabbel simultanjament mar-responsabbiltajiet li qegħdin jikbru;
82. Iżid, għall-każijiet debitament ġustifikati li ġejjin, il-livell ta' approprjazzjonijiet jew il-persunal 'il fuq mill-abbozz tal-baġit sabiex l-istituzzjonijiet jingħataw biżżejjed riżorsi biex jirrispettaw l-obbligi legali u kuntrattwali tagħhom u jwettqu b'mod adegwat, effiċjenti u effettiv in-numru dejjem jikber ta' kompiti mill-mandat tagħhom; jipproponi għaldaqstant:
- (a) it-treġġiġh lura tal-livell ta' approprjazzjonijiet f'konformità mal-estimi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Ombudsman Ewropew, billi jiżdied il-livell ta' approprjazzjonijiet 'il fuq mill-abbozz tal-baġit għal-linji

baġitarji li jkopru approprjazzjonijiet fir-rigward tan-nefġiet kuntrattwali u obbligatorji;

- (b) it-treġġiġh lura tal-livell ta' approprjazzjonijiet parzjalment konformi mal-estimi tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna billi jiżdiedu l-approprjazzjonijiet 'il fuq mill-abbozz tal-baġit għal-linji baġitarji li jkopru approprjazzjonijiet fir-rigward ta' nefġiet kuntrattwali u obbligatorji;
- (c) żieda fil-pjanijiet ta' stabbiliment 'il fuq mill-abbozz tal-baġit bl-approprjazzjonijiet korrispondenti f'konformità mat-talbiet tal-istituzzjonijiet għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data biex ikunu jistgħu jiffaċċjaw responsabbiltajiet ġodda u parzjalment f'konformità mat-talbiet tal-istituzzjonijiet biex il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni jsaħħaħ il-kapaċitajiet taċ-ċibersigurtà u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jimplementa l-Boxxa Strateġika, isaħħaħ iċ-ċentru ta' rispons għall-kriżijiet u jsaħħaħ iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni.

o

o o

83. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-emendi għall-abbozz tal-baġit ġenerali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħra kkonċernati u lill-parlamenti nazzjonali.

20.9.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024
(2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Carina Ohlsson

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-instabbiltà dejjem tikber u ż-żieda ta' sfidi bla preċedent fil-viċinat Ewropew immedjat u fix-xena internazzjonali wasslu għal aktar talbiet għal intervent tal-Unjoni b'baġit adatt għal tali skop;
 - B. billi l-Unjoni jeħtiġilha tkompli tappoġġa l-Ukrajna fl-isforz tagħha għall-awtodifiża kontra l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, anki permezz ta' appoġġ militari, u tirrispondi għal bżonnijiet globali urġenti oħra hekk kif jevolvu;
 - C. billi l-Kummissjoni Ewropea pproponiet strument ġdid li jismu "Faċilità għall-Ukrajna", li jimmira li jammonta sa EUR 50 biljun għall-perjodu 2024-2027;
 - D. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri ħarġet ir-Rapport Speċjali 14/2023 intitolat "Programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali: Programmi komprensivi b'defiċjenzi fil-metodi għall-allokazzjoni tal-fondi u għall-monitoraġġ tal-impatt";
1. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni ppreżentat proposta baġitarja li tikkorrispondi għal-limitu massimu tal-QFP ta' EUR 15 830 miljun fl-Intestatura 6 li tissottolinja l-ħtiġijiet enormi fl-infiq għall-azzjoni esterna; ifakkar li l-Parlament, mill-bidu nett, qies insuffiċjenti l-limitu massimu tal-QFP fl-Intestatura 6, fid-dawl tal-ħtiġijiet ġeopolitiċi;
 2. Jemmen bis-sħiħ li hija meħtieġa reviżjoni tal-QFP biex il-baġit tal-Unjoni jkun adatt għall-iskop tiegħu sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali; jenfasizza li huwa kruċjali li jkun hemm biżżejjed finanzjamenti biex tissaħħaħ il-kredibbiltà tal-UE bħala attur aktar b'saħħtu, aktar assertiv u aktar strateġiku fix-xena dinjija; jilqa' għalhekk il-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni ppreżentata fl-20 ta' Ġunju; jemmen madankollu li tkun meħtieġa żieda saħansitra aktar sostanzjali fl-Intestatura 6 biex jiġu indirizzati d-diversi sfidi fil-viċinat u lil hinn minnu; jemmen bis-sħiħ li l-finanzjamenti għall-azzjoni esterna huma fundamentali għall-istabbiltà u għas-sigurtà tal-UE fid-dawl tal-

aggressjoni Russa tal-Ukrajna u tal-influwenza malizzjuża tagħha fuq il-viċinat u lil hinn minnu, għaldaqstant iqis imperattiv li l-UE żżomm il-preżenza attwali tagħha ta' potenza ta' stabilizzazzjoni; jistieden lill-Kunsill jaqbel dwar reviżjoni tal-QFP qabel tmiem is-sena sabiex ikun jista' jkollu impatt fuq il-baġit tal-2024; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni tippreżenta malajr kemm jista' jkun tqassim dettaljat għal kull linja baġitarja rigward iż-żidiet issuġġeriti għall-2024 ta' EUR 2 331 miljun (fil-prezzijiet tal-2018) sabiex l-awtorità baġitarja tagħmel użu sħiħ mill-fondi addizzjonali fl-Intestatura 6;

3. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-infiq għall-azzjoni esterna hija kkonċentrata fl-ambitu tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI/Ewropa Globali) u tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), b'allokazzjonijiet baġitarji delimitati skont ir-reġjun ġeografiku, li joffru flessibilità iżda, minħabba l-pressjoni bla preċedent, hemm bżonn urġenti li jitressqu inizjattivi u proposti ġodda; jitlob żidiet immirati b'mod partikolari fir-reġjuni milquta bi kriżi fejn il-ħtiġijiet huma l-aktar urġenti;
4. Jisħaq fuq l-importanza li jiżiedu l-finanzjamenti għal aktar persunal permanenti biex tiġi inkluża u razzjonalizzata l-ġlieda kontra l-indhila malizzjuża u d-diżinformazzjoni u jiġi definit qafas istituzzjonali effikaċi fi ħdan l-UE, pereżempju għall-implimentazzjoni ta' dawk l-istrutturi identifikati fir-rapport INGE adottat dan l-aħħar, fosthom tim Strat Com tas-SEAE speċifiku għal-Lvant Imbiegħed, task force tal-Kummissjoni u Ċentru Ewropew għal Theddid ta' Ndħil u tal-Integrità tal-Infurmazzjoni;
5. Jirrikonoxxi li għadu neċessarju li jiżdied l-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-UNRWA għall-2024, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja kritika tal-aġenzija, li timmina l-kapaċità li taqdi b'mod effikaċi r-rwol importanti tagħha; itenni l-importanza li tingħata assistenza lill-UNRWA bħala element ċentrali tal-istrateġija tal-UE biex tippromwovi s-sigurtà, l-istabbiltà u l-iżvilupp fil-Lvant Nofsani; jitlob għalhekk żieda ta' EUR 60 miljun tal-appoġġ finanzjarju tal-UE lill-UNRWA għall-2024 bil-għan li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi kruċjali offruti lil miljuni ta' rifuġjati Palestinjani;
6. Josserva li ż-żieda fl-infiq għall-azzjoni esterna trid tkun akkumpanjata minn oqfsa msaħħa ta' monitoraġġ u fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, wara r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, tagħmel l-infiq għall-azzjoni esterna aktar standardizzata, komparabbli u trasparenti; jemmen li jekk lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) jingħataw is-setgħat ta' monitoraġġ tal-infiq għall-azzjoni esterna, dan ikun approċċ validu biex jiżgura li l-fondi jintefqu sewwa u li l-fondi jikkontribwixxu għall-għanijiet esterni tal-UE;
7. Għadu jqis l-integrazzjoni tal-Balkani tal-Punent u l-progress tal-pajjiżi f'dawk li huma riformi, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tal-libertajiet fundamentali, prijorità ġeopolitika, speċjalment fil-kuntest tal-aggressjoni mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, li kellha eku qawwi fir-reġjun kollu kemm hu, iżda jinsisti fuq ir-rekwiżiti ta' kundizzjonalità rigward l-istat tad-dritt għal kull euro impenjat fil-baġit 2024; jilqa', barra minn hekk, il-prospettiva ta' adeżjoni tal-Ukrajna u tal-Moldova; jinsisti madankollu li hemm bżonn finanzjament addizzjonali biex jiġu appoġġati ż-żewġ pajjiżi fi triqithom lejn l-adeżjoni; jitlob li tissaħħaħ il-kundizzjonalità

tal-istat tad-dritt fil-flussi ta' finanzjament kollha marbuta mal-proċeduri ta' adeżjoni, b'mod partikolari fil-Balkani tal-Punent; jitlob li jissaħħu l-monitoraġġ u r-rapportar f'dak li għandu x'jaqsam mar-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt; jitlob, barra minn dan, li jitkompla l-appoġġ lill-forzi demokratiċi Belarussi, li jiżdied l-appoġġ lis-soċjetà ċivili u lill-media indipendenti tal-Georgia, kif ukoll li jsiru attivitajiet ta' konsolidament tal-paċi bejn is-soċjetà Armena u dik Ażerbajġana;

8. Jenfasizza l-bżonn ta' koerenza, obbligu ta' rendikont u effiċjenza fil-finanzjament tal-azzjoni esterna tal-UE; jitlob trasparenza akbar fil-finanzjamenti fl-ambitu tal-istrumenti ta' finanzjament estern u aktar skrutinju demokratiku fir-rigward ta' tagħhom, permezz ta' tmexxija strateġika min-naħa tal-Parlament u djalogu ġeopolitiku msaħħaħ bejn il-Parlament u l-Kummissjoni;
9. Ifakkar li l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) tal-UE jipprevedi kundizzjonalità qawwija u li l-finanzjamenti jridu jiġu modulati jew saħansitra sospiżi f'każ ta' regressjoni sinifikanti jew ta' nuqqas ta' progress persistenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-istat tad-dritt u mad-drittijiet fundamentali; itenni għal darb'oħra l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tfassal linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-kundizzjonalità; jisħaq fuq il-bżonn li tingħata prijorità lill-allinjament tal-pajjiżi fil-fażi ta' adeżjoni mal-politika estera u ta' sigurtà komuni tal-UE u li kwalunkwe finanzjament jitqies f'din il-loġika, biex jiġi żgurat li n-nefqa kollha tal-UE tkun taqbel b'mod sħiħ mal-għanijiet u mal-interessi strateġiċi tal-UE;
10. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq programm ta' taħriġ permanenti fil-post dwar l-azzjoni esterna tal-UE u l-PESK għad-diplomatiċi żgħażaġh tal-pajjiżi kandidati għall-adeżjoni mal-UE, li għandu jissejjes fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet meħuda mill-proġett pilota dwar l-akkademja diplomatika Ewropea u għandu jopera f'sinerġija sħiħa mal-istruttura permanenti futura ta' din l-akkademja; jenfasizza li, f'dan is-sens, il-programm imsemmi hawn fuq għandu jrawwem rabta mas-SEAE, mal-Kummissjoni Ewropea, mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew;
11. Jisħaq fuq il-bżonn li jiżdiedu l-allokazzjonijiet għall-mobbiltà militari fil-baġit 2024 u fl-ambitu tar-reviżjoni tal-QFP; josserva li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna turi l-bżonn li jiżdied il-baġit għall-proġetti tal-mobbiltà militari, li jkunu jħaffu r-risposta militari f'każ ta' aggressjoni, kif ukoll jikkontribwixxu biex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet ta' infrastrutturi ċivili, inkluż it-trasport ferrovjarju taċ-ċereali Ukreni lejn il-portijiet marittimi tal-Istati Membri tal-UE;
12. Jitlob appoġġ akbar lill-media indipendenti li tiġġieled id-diżinformazzjoni u l-propaganda Russi, b'mod partikolari l-media bil-lingwi nazzjonali tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, il-media bil-lingwa Russa fi ħdan ir-Russja u barra minnha, kif ukoll il-media fil-Balkani tal-Punent u fil-pajjiżi Afrikani li fihom huwa attiv il-Grupp Wagner;
13. Itenni li fl-2024 għandu jinżamm livell adegwat ta' finanzjamenti għall-Viċinat tan-Nofsinhar; jiddispaċiħ għalhekk bit-tnaqqis ta' EUR 100 miljun meta mqabbel mal-2023;
14. Jilqa' t-tkomplija tal-finanzjamenti għall-għajnuna umanitarja u għall-appoġġ lir-rifugiati Sirjani fil-pajjiż u fir-reġjun;

15. Josserva li l-għan tal-kooperazzjoni Ewropea fi kwistjonijiet ta' difiża huwa li l-Ewropa u ċ-ċittadini tagħha jsiru aktar sikuri u li jitnaqqsu l-ispejjeż billi jinħolqu sinerġiji; jenfasizza li l-gwerra tar-Russja ħalliet effetti kbar fuq il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK); jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat appoġġ finanzjarju adegwat, min-naħa tal-Istati Membri u permezz tal-Fond Ewropew għad-Difiża, biex tiġi definita PSDK soda, b'mod partikolari missjonijiet ċivili PSDK ambizzjużi u effikaċi u operazzjonijiet militari PSDK, u biex jiżdedu s-sigurtà u l-awtonomija strateġika tal-UE; iqis li tali sforzi jżidu l-kapaċità tal-Unjoni biex tikkontribwixxi għall-istabbiltà, għas-sigurtà u għall-paċi internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni u tar-rispett tad-dritt internazzjonali, b'kooperazzjoni mill-qrib man-Nazzjonijiet Uniti, man-NATO, mal-OSKE u mal-pajjiżi alleati, jew jekk meħtieġ, waħedha;
16. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li f'Ġunju 2023, il-Kunsill adotta deċiżjoni biex iżid l-limitu finanzjarju massimu kumplessiv tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) bi EUR 3,5 biljun u l-limitu finanzjarju massimu kumplessiv issa jammonta għal aktar minn EUR 12-il biljun (fil-prezzijiet kurrenti); josserva li l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) ippermettiet li jkun hemm appoġġ bla preċedent mill-Istati Membri tal-UE, inkluża l-konsenja ta' armi lill-Ukrajna;
17. Jilqa' l-Faċilità għall-Ukrajna, li għadha kemm ġiet proposta, u l-ammont kumplessiv propost tagħha li jlaħħaq il-EUR 50 biljun għall-perjodu 2024-2027; jilqa' l-kunċett tagħha li jorbot il-pjanijiet ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna mal-proċess ta' adeżjoni u jstieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-assistenza finanzjarja attwali tkun immirata lejn il-kriterji tagħna għall-adeżjoni; jirrikonoxxi l-bżonn ta' armonizzazzjoni tal-istrumenti ta' appoġġ finanzjarju għal skopijiet ta' użu effiċjenti u applikazzjoni rapida tal-għajjnuna; jissottolinja li, fl-istess ħin, l-ambitu tal-Faċilità għall-Ukrajna jrid jaqbel mal-prerogattivi leġislattivi, baġitarji u ta' kontroll tal-Parlament;
18. Jinsisti li jrid isir sforz kostanti biex jiġu adattati l-istrumenti ta' adeżjoni eżistenti u tinbena l-bażi ġuridika għall-IPA III fil-Moldova u fl-Ukrajna; jissottolinja l-bżonn li tiġi sostnuta prospettiva realistika ta' adeżjoni għall-Ukrajna u għall-Moldova; jilqa' l-assistenza li qed tingħata bħalissa lill-Georgia u japprova l-appoġġ mogħti fl-oqsma tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u tal-infrastrutturi;
19. Jissottolinja l-importanza tal-preżenza tal-UE fl-Afrika u jisħaq fuq il-fatt li l-viżibbiltà tal-għajjnuna għall-iżvilupp tal-UE trid tiżded fil-livell kemm tal-gvern kif ukoll tal-komunitajiet lokali fil-pajjiżi sħab; jstieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-azzjoni lokali, billi tinkoraġġixxi s-sens ta' sjieda tal-atturi lokali rigward proġetti ta' żvilupp, biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u l-inklużjoni; jenfasizza li l-użu tal-Global Gateway u ta' politika ta' żvilupp parteċipattiv bħala qafas għall-kooperazzjoni f'diversi livelli jista' jkollu effett multiplikatur soċjoekonomiku fuq skala dinjija;
20. Jstieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha fi sforzi mas-sħab internazzjonali biex jiġi ffaċilitat djalogu nazzjonali għdid fit-Tuneżija; ifakkar li l-NDICI-Ewropa Globali u l-ftehimiet ta' memorandum ta' qbil huma akkumpanjati b'kundizzjonijiet; ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura li dawn jiġu rispettati u li s-sospensjonijiet tal-finanzjamenti rilevanti jiġu applikati f'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux sodisfatti;
21. Jemmen li l-finanzjament ta' proġetti li jiffukaw fuq in-nisa u l-bniet fiż-żoni ta' kunflitt

u fiż-żoni milquta minn kriżi, inkluż fuq il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-bini mill-ġdid u l-ġhotti tas-setgħa lin-nisa, mhuwiex biżżejjed u għandu jissaħħaħ fir-regġuni ġeografiċi kollha fil-baġit b'invoviment sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati matul il-proċess ta' finanzjament; jitlob li d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet Afgani jissaħħu aktar u, fuq kollox, li dawn in-nisa u l-bniet ikollhom aċċess għall-edukazzjoni sekondarja u universitarja, anki permezz ta' boroż ta' studju tal-UE biex jistudjaw fl-iskejjel u fl-universitajiet tal-Istati Membri tal-UE; jemmen b'mod partikolari li l-proġetti li jimmiraw li jiġġieldu attivament id-diżinformazzjoni, speċjalment dwar dawn is-suġġetti, jistgħu jsaħħu aktar l-azzjonijiet tal-UE u jgħinu biex ikun hemm stabbiltà fit-tul;

22. Jisħaq fuq l-importanza li l-attenzjoni tiġi indirizzata lejn is-sitwazzjoni gravi fl-Afganistan u li jiġi żgurat appoġġ essenzjali lill-organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali u lill-persuni li jipromwovu attivament id-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, filwaqt li jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi pubbliċi essenzjali bħal-assistenza tas-saħħa u l-edukazzjoni;
23. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni kompliet tiżviluppa metodoloġija biex tintraċċa l-infiq relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-QFP 2021-2027, li tqis it-tfassil tal-politika u l-allokkazzjoni tar-riżorsi u, b'mod partikolari, il-preżentazzjoni ta' valutazzjoni *ex post* tal-impatt fuq il-ġeneru fuq livell aktar dettaljat u r-rapportar tal-volumi; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt fir-rigward tal-ġeneri b'mod olistiku u tagħmel mod kif id-data rilevanti kollha tkun disponibbli għat-traċċar;
24. Jenfasizza x-xogħol importanti li jagħmlu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jissalvagwardjaw id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem u jitlob li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni finanzjamenti addizzjonali għall-attivitajiet tagħhom, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+;
25. Jenfasizza li l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell globali għadhom interess fundamentali għall-azzjoni esterna tal-UE; itenni l-bżonn ta' aktar finanzjamenti ddestinati għall-appoġġ tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha, b'mod partikolari f'każ ta' għeluq ta' spazji ċiviċi, u billi tingħata attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġurnalisti, speċjalment dawk l-aktar f'riskju; jitlob aktar finanzjamenti biex jissaħħu l-kapaċitajiet tad-delegazzjonijiet tal-UE u tal-partijiet ikkonċernati ewlenin fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi prinċipali;
26. Jemmen li l-appoġġ ta' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jeħtieġ li jiżdied b'urġenza; itenni l-istedina tiegħu biex jiġi adottat pjan ta' finanzjament tal-UE għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), peress li l-Intestatura 6 tal-QFP ma tfornix biżżejjed mezzi ħalli l-azzjoni esterna tal-UE tgħin lill-pajjiżi sħab jiffinanzjaw l-istrateġiji tagħhom fil-qasam tal-SDGs; jisħaq fuq il-fatt li l-baġit tal-Unjoni għall-2024 għandu jkun allinjat mal-ambizzjonijiet tal-Unjoni li ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050, kif ukoll mal-impempenji internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi u l-Ftehim ta' Kunmin-Montreal;
27. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sforzi kontinwi biex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-16 ta' Diċembru 2020 li jipprevedu l-integrazzjoni tal-klima

u tal-bijodiversità fil-baġit tal-Unjoni u fl-infiq tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru; jilqa' l-isforzi għal rapportar aktar trasparenti u komprensiv fid-dokumenti baġitarji kif ukoll fis-sit web iddedikat għall-prestazzjoni, u jenfasizza l-ħtieġa li jsiru biżżejjed evalwazzjonijiet *ex post* b'enfasi partikolari fuq l-impatt; jistieden lill-Kummissjoni tqis bir-reqqa l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020 kif ukoll l-awditjar tal-prestazzjoni ta' Novembru 2022;

28. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-finanzjamenti għall-klima u għall-bijodiversità u jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-ammonti u l-ishma tan-nefqa li se jikkontribwixxu għaż-żewġ objettivi għal kull programm meta tippreżenta l-abbozz ta' baġit; ifakkar li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" huwa integrat fl-attivitajiet kollha tal-Unjoni permezz tal-implimentazzjoni baġitarja, kif miftiehem fil-FII, u jisħaq għalhekk fuq il-ħtieġa urġenti li jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fil-baġit kollu kemm hu fis-sitt dimensjonijiet tiegħu u li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa jekk u meta jkun neċessarju u mingħajr dewmien żejjed;
29. Ifakkar fir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2023 bit-titolu "Funzjonament tas-SEAE u favur UE aktar b'saħħitha fid-dinja", b'mod partikolari t-talba tiegħu biex is-SEAE jkun mgħammar b'riżorsi adegwati; jitlob għaldaqstant żieda fit-tabella tal-persunal ta' 35 pożizzjoni ta' xogħol, filwaqt li s-SEAE se jiżviluppa u jimplimenta proċeduri ta' rekrutazzjoni immirati, u b'mod partikolari jqis, fl-istess ħin, il-gruppi attwalment sottorappreżentati f'termini ta' bilanċ ġeografiku, ġeneru u minoranzi;
30. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lis-sikurezza nukleari u lit-tnejjija għad-diżastri fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna u tat-tħassib dwar is-sikurezza tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Zaporizhzhia, kif ukoll tal-inkapaċità persistenti tar-reġim ta' Lukashenko li jiżgura s-sikurezza nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari Belarussa ta' Astravyets;
31. Jemmen bis-siġħ li huwa neċessarju li tiżdied konsiderevolment l-għajjnuna umanitarja, akkumpanjata minn objettivi ċari fil-qasam tal-istat tad-dritt u tal-governanza, sabiex l-Unjoni tkun tista' tirrispondi għall-kriżijiet emerġenti u li għaldaqstant jeħtieġ li din il-linja baġitarja tiżdied b'EUR 1 biljun biex jiġi indirizzat b'mod sinifikattiv il-livell bla preċedent ta' bżonnijiet umanitarji fuq skala dinjija, aggravat mill-gwerra fl-Ukrajna u mir-riperkussjonijiet ekonomiċi globali tagħha, b'mod partikolari f'termini ta' insigurtà tal-ikel; jenfasizza li l-fondi tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza (SEAR) jistgħu jiġu mobilizzati għall-kriżijiet barra mill-UE matul is-sena finanzjarja kollha kemm hi.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	20.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 49 -: 6 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alviina Alametsä, Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Anna Bonfrisco, Reinhard Bütikofer, Włodzimierz Cimoszewicz, Katalin Cseh, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Javier Nart, Matjaž Nemec, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Manu Pineda, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Mounir Satouri, Andreas Schieder, Jordi Solé, Hermann Tertsch, Hilde Vautmans, Anders Vistisen, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Isabel Wiseler-Lima, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Vladimír Bilčík, Angel Dzhambazki, Andrey Kovatchev, Georgios Kyrtos, Carina Ohlsson, Juozas Olekas, Nikos Papandreou, Mick Wallace, Javier Zarzalejos
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Gheorghe Falcă, Dace Melbārde, Jan-Christoph Oetjen, Juan Ignacio Zoido Álvarez

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

49	+
ID	Anna Bonfrisco
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Traian Băsescu, Vladimír Bilčík, Gheorghe Falcă, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Andrey Kovatchev, Andrius Kubilius, David Lega, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Dace Melbārde, Isabel Wiseler-Lima, Javier Zarzalejos, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Željana Zovko
Renew	Katalin Cseh, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Georgios Kyrtos, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Jan-Christoph Oetjen, Hilde Vautmans
S&D	Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Carina Ohlsson, Juozas Olekas, Demetris Papadakis, Nikos Papandreou, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Andreas Schieder
Verts/ALE	Alviina Alametsä, Reinhard Bütikofer, Mounir Satouri, Jordi Solé, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz

6	-
ID	Thierry Mariani, Anders Vistisen
NI	Kostas Papadakis
The Left	Giorgos Georgiou, Manu Pineda, Mick Wallace

2	0
ECR	Angel Dzhambazki, Hermann Tertsch

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

20.9.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024
(2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Ilan De Basso

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

- A. billi f'kuntest ta' instabbiltà ġeopolitika, kriżijiet u diżastri naturali li qegħdin jiżdedu, l-UE jeħtiġilha ssaħħaħ ir-rwol tagħha permezz ta' kooperazzjoni kredibbli mal-pajjiżi sħab fil-viċinat u fin-Nofsinhar Globali;
 - B. billi, skont l-OCHA, huwa mistenni li 339 miljun ruħ ser jeħtieġu assistenza umanitarja sa tmiem l-2023 u l-UE jeħtiġilha tkun lesta li tipprovdi l-għajnuna b'mod konformi mal-impenji tagħha;
 - C. billi s-sitwazzjoni diġà akuta tal-insigurtà tal-ikel u tal-malnutrizzjoni fin-Nofsinhar Globali marret għall-aġar mill-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;
 - D. billi d-distakk bejn il-ħtiġijiet umanitarji u r-riżorsi qed jiżded; billi skont is-Servizz ta' Traċċar Finanzjarju tal-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarjiet Umanitarji tan-NU (OCHA), 57 % biss tal-ħtiġijiet ta' finanzjament ġew issodisfati fl-2022; billi l-finanzjament umanitarju globali għadu jiddependi ħafna fuq numru limitat ħafna ta' donaturi, fejn l-akbar għaxra donaturi umanitarji jipprovdu 80 % tal-finanzjament kollu; billi l-ħtieġa li tiġi estiża l-bażi tar-riżorsi għal azzjoni umanitarja hija akuta;
 - E. billi l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2024 lill-pajjiżi sħab fin-Nofsinhar Globali għandha tkun allinjata mal-ambizzjonijiet li sa mhux aktar tard mill-2050 l-Unjoni ssir newtrali għall-klima, kif ukoll mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi u l-Ftehim ta' Kunmin-Montreal, u għandhom jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030, tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà u tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero;
1. Jilqa' l-attenzjoni mogħtija lill-Intestatura 6 fil-proposta għar-reviżjoni tal-QFP għall-

perjodu 2024-2027 b'żieda ta' EUR 10,5 biljun fil-limitu massimu tal-Intestatura 6; jissottolinja li din iż-żieda għandha titqies bħala minimu sabiex l-Unjoni tkun tista' tindirizza d-diversi sfidi f'pajjiżi terzi u tikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenji tal-SDGs; ihegġegħ lill-Kunsill jaqbel dwar ir-reviżjoni tal-QFP fil-ħin biex dan ikollu impatt fuq il-baġit tal-2024; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jonoraw l-impenn li jiddedikaw mill-inqas 0,7 % tal-introjt nazzjonali gross tagħhom għall-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) u jilqa' f'dan ir-rigward il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2023 li jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jagħtu parti xierqa, pereżempju 10 %, tal-baġit tagħhom tal-ODA għal azzjoni umanitarja; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa urġenti għal aktar sforzi biex titwessa' l-bażi tar-riżorsi għal azzjoni umanitarja, bl-użu tar-riżorsi ta' donaturi tradizzjonali, emerġenti u potenzjali, is-settur privat kif ukoll partijiet interessati oħra, biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju;

2. Ifakkar li l-Unjoni għandha relazzjonijiet kooperattivi ma' għadd kbir ta' pajjiżi u li l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-impenji u l-oġġettivi internazzjonali li l-Unjoni qablet magħhom, b'mod partikolari l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Ftehim ta' Pariġi;
3. Jisħaq li flimkien mal-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, l-iżvilupp tal-bniedem huwa l-prijorità ewlenija tal-istrument NDICI-GE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-għajjnuna għall-iżvilupp tal-UE tilħaq lin-nies l-ewwel; jiddispjaċih li l-istrument NDICI-GE ma kienx iffinanzjat biżżejjed sa mill-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027, u dan ħoloq lakuna bejn l-ambizzjonijiet kbar tal-UE fuq livell globali u r-riżorsi disponibbli biex dawn jinkisbu. ifakkar li r-rieżami tal-istrument tal-NDICI-GE u r-reviżjoni tal-QFP, li għaliha għandu jiġi adattat mill-ġdid l-baġit tal-UE 2024, huma opportunitajiet ewlenin biex dan jinbidel.
4. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tirrispetta kull mira baġitarja stabbilita fir-regolament NDICI-GE, b'mod partikolari 30 % għall-klima, 85 % għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, 20 % għall-iżvilupp tal-bniedem u tipprovdi ċifri dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-oġġettivi orizzontali u l-ipprogrammar għall-perjodu li jifdal tal-QFP, b'mod partikolari dwar il-klima, il-migrazzjoni, il-bijodiversità u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri; jinnota li, għall-2021, il-parti tal-ammont impenjat li tikkontribwixxi għall-mira tal-migrazzjoni u tal-ispostament furzat kienet ta' 14 %, li taqbeż il-mira indikattiva ta' 10 %; jinnota b'mod partikolari li l-migrazzjoni hija l-komponent prinċipali taż-żieda ta' EUR 10.5 biljun fil-limitu massimu tal-Intestatura 6 fil-proposta għar-reviżjoni tal-QFP; jiddispjaċih li l-parti tal-ammonti impenjati li tikkontribwixxi għall-oġġettivi klimatiċi kienet ta' 18.5 %, li hija drastikament taħt il-mira ta' 30 %; jinsab imħasseb li, skont il-Kummissjoni, il-mira tal-infiq għall-bijodiversità tal-QFP ta' 10 % stabbilita għas-snin 2026 u 2027 x'aktarx mhux se tintlaħaq u għalhekk jissottolinja l-ħtieġa ta' aktar sforzi biex jiġi żgurat li din tintlaħaq; jenfasizza li d-distakk ta' finanzjament għall-bijodiversità għall-perjodu 2021-2030 huwa ta' madwar EUR 18,69-il biljun fis-sena u dan għandu jiġi rimedjat kemm jista' jkun malajr;
5. Ifakkar li mill-inqas 85 % tal-azzjonijiet il-ġodda implimentati fl-ambitu tal-istrument NDICI-GE għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala l-oġġettiv prinċipali jew sinifikanti u mill-inqas 5 % ta' dawk l-azzjonijiet għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-

ġeneri u l-emanċipazzjoni u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet bħala l-oġettiv prinċipali; jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni żviluppat ukoll metodoloġija biex issegwi l-infiq relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-QFP 2021-2027; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt fir-rigward tal-ġeneri tal-infiq b'mod olistiku u tiżgura kif id-data rilevanti kollha tkun disponibbli għat-traċċar;

6. Jappella għal investimenti addizzjonali biex jiġu indirizzati ix-xkiel fir-rikonoxximent u l-protezzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) kif ukoll ir-reazzjonijiet negattivi ġenerali kontra d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li għandu jiġi pprijoritizzat l-appoġġ immirat lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-komunitajiet li jippromwovu r-rispett tal-SRHR, id-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-komunità LGBTIQ+ u popolazzjonijiet marġinalizzati oħra.
7. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sforzi kontinwi lejn il-kisba tal-miri tal-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-baġit tal-Unjoni u fl-infiq tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-finanzjamenti għall-klima u għall-bijodiversità u jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-ammonti u l-partijiet tal-infiq li se jikkontribwixxu għaż-żewġ miri għal kull programm, inkluż l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali (NDICI-GE) meta tippreżenta l-abbozz ta' baġit; jenfasizza l-ħtieġa li jitwettqu evalwazzjonijiet *ex post* suffiċjenti b'enfasi partikolari fuq l-impatt tal-proġetti fuq il-klima u l-bijodiversità;
8. Jinnota bi tħassib kbir li l-għajnuna umanitarja għadha l-aktar strument taħt pressjoni fl-Intestatura 6; iwissi li mhux sostenibbli li jinsabu soluzzjonijiet *ad hoc* permezz ta' rinforzi baġitarji minn sorsi oħra ta' finanzjament jew riallokazzjonijiet u impenji mill-ġdid; jappella lill-Kummissjoni tistabbilixxi u żżomm linja bażi solida għal għajnuna umanitarja prevedibbli u bbażata fuq il-prinċipji peress li ma jidherx li t-tendenza ta' żieda fl-emerġenzi ser tonqos, anki minħabba l-impatt umanitarju tan-numru dejjem akbar ta' avvenimenti tat-temp previsti sal-2027; jenfasizza wkoll li hemm bżonn li jissaħħu l-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistema umanitarja u li jiżdiedu l-isforzi biex jitnaqqsu l-ħtiġijiet umanitarji; ifakkar li l-ħtiġijiet umanitarji fl-Ukrajna mhux ser ikunu koperti mill-Faċilità għall-Ukrajna proposta fir-reviżjoni tal-QFP; jitlob żieda ta' EUR 1 biljun barra mill-proposta tal-Kummissjoni għal-linja baġitarja HUMA, li tantiċipa l-ħtiġijiet imbassra mill-atturi umanitarji ewlenin u jqis li l-baġit umanitarju tal-UE fl-2022 laħaq EUR 2,62 biljun wara diversi rinforzi u li għad fadal ħtiġijiet simili għall-2024; jinsab estremament allarmat mis-sitwazzjoni li qed tmur għall-agħar tal-insigurtà tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, aggravata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-pajjiżi sħab fit-tisħiħ tas-sigurtà tal-ikel;
9. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li żżid il-parti tal-edukazzjoni tal-baġit tal-UE għall-għajnuna għall-iżvilupp minn 10 % għal 13 %; jieħu nota bi tħassib tal-illitteriżmu persistentement għoli fil-pajjiżi l-anqas żviluppati; jenfasizza li l-illitteriżmu huwa kwistjoni bbażata fuq il-ġeneru, u jaffettwa żewġ terzi tan-nisa madwar id-dinja;
10. Ifakkar li n-nisa u t-tfal ibatu l-akbar konsegwenzi ta' aċċess limitat għall-għajnuna

umanitarja u huma l-aktar vulnerabbli għall-vjolenza u l-abbużi; jitlob approċċi trasversali ċċentrati fuq it-tfal fid-deċiżjonijiet baġitarji; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi indikatur għat-tfal biex issegwi l-infiq estern tal-Unjoni fuq l-iżvilupp u l-protezzjoni tat-tfal f'ambjenti umanitarji, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2021-2024);

11. Jesprimi t-tħassib tiegħu għas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-refuġjati tal-Palestina (UNRWA), u jitlob li jiżdied l-appoġġ finanzjarju tal-UE lill-Aġenzija fl-2024 għal kontribuzzjoni totali ta' EUR 110 miljun, biex jiġi żgurat il-forniment mingħajr interruzzjoni ta' servizzi vitali lil waħda mill-aktar popolazzjonijiet vulnerabbli fil-Lvant Nofsani;
12. Jafferma mill-ġdid ir-rwol ewlieni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) bħala atturi tal-iżvilupp fl-implimentazzjoni tal-aġenda tal-azzjoni esterna u l-valuri tal-UE; jitlob l-involviment attiv tagħhom fl-ipprogrammar tal-baġit.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	20.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Hildegard Bentele, Stéphane Bijoux, Dominique Bilde, Christophe Clergeau, Ryszard Czarnecki, Mónica Silvana González, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Janina Ochojska, Michèle Rivasi, Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Frances Fitzgerald, Marlene Mortler, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Róża Thun und Hohenstein

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

16	+
PPE	Hildegard Bentele, Frances Fitzgerald, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Marlene Mortler, Janina Ochojska
Renew	Stéphane Bijoux, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Christophe Clergeau, Mónica Silvana González, Karsten Lucke, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho
The Left	Miguel Urbán Crespo
Verts/ALE	Erik Marquardt, Michèle Rivasi

2	-
ID	Dominique Bilde, Bernhard Zimniok

1	0
ECR	Ryszard Czarnecki

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

31.8.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024
(2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Eva Maria Poptcheva

SUĖĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jitlob li l-baġit tal-UE għall-2024 jiżgura li l-Istati Membri kollha jistabbilixxu investiment imfassal tajjeb u orjentat lejn il-futur u riformi strutturali responsabbli u sostenibbli sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Istati Membri, jiġu ġġenerati aktar opportunitajiet ta' impjieg, jintlaħqu l-miri tan-newtralità klimatika u tal-bijodiversità tal-UE, u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-ekonomija tal-UE u jinkiseb tkabbir fit-tul, inklużiv u sostenibbli u jiġu avvanzati t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
2. Jistieden lill-baġit tal-Unjoni għall-2024 biex ikun baġit Ewropew veru li jippermetti (i) l-indirizzar b'suċċess tal-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-gwerra fl-Ukrajna, b'mod partikolari ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-ikel, (ii) li jippromwovi l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, u (iii) li jaċċellera l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, ta' REPowerEU, tal-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u tal-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP);
3. Iqis li regoli fiskali sempliċi, sensibbli, infurzabbli u mmexxija mir-responsabbiltà li jippromwovu politiki kontroċikliċi li jħarsu lejn il-futur u jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u tad-defiċit huma kruċjali għall-prospertà ekonomika fit-tul tal-Istati Membri u tal-Unjoni; jieħu nota tal-fatt li r-riforma proposta tal-qafas ta' governanza ekonomika tipprevedi aktar flessibbiltà għall-investimenti strateġiċi pubbliċi u tippermetti perkorsi differenti għat-tnaqqis tad-dejn għall-Istati Membri; jemmen li strateġija ta' konsolidazzjoni fiskali determinata, gradwali u realistika hija ġustifikata biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali u biex jinbnew mill-ġdid buffers fiskali; ifakkar fil-ħtieġa li r-riforma tiġi approvata preferibbilment qabel id-diżattivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali; jisħaq li l-governanza ekonomika fil-livell tal-UE għandha tkun soġġetta għal responsabbiltà demokratika b'saħħitha u għandha tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politika fiskali;
4. Jitlob li l-baġit għall-2024 jinkludi nfiq immirat f'oqsma li huma kruċjali għall-

awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-Unjoni bħall-enerġija, is-sigurtà tad-difiża u l-mobbiltà militari, il-klima, il-bijodiversità u l-agrikoltura, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni u r-riindustrializzazzjoni f'setturi teknoloġiċi ewlenin, abbażi tat-tkabbir ekonomiku u l-istabbiltà tal-prezzijiet u li jimmira għal livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent;

5. Jisħaq li l-baġit tal-Unjoni kif ukoll l-inċentivi tat-taxxa nazzjonali fiskalment responsabbli għandhom jikkontribwixxu biex jiżjed l-infiq fir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) bħala mutur ewlieni għall-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku billi jingranaw kemm l-investment pubbliku privat kif ukoll dak nazzjonali; jisħaq fuq l-importanza tal-finanzjament tal-innovazzjoni tat-teknoloġija b'emissjonijiet żero netti;
6. Jitlob li jkun hemm riżorsi adegwati biex jiġi żgurat li kumpaniji Ewropej u l-Unjoni jkunu kompetittivi internazzjonalment, u jkunu kapaċi jattiraw investimenti produttivi u joħlqu impjiegi ta' kwalità, u jżidu l-produttività fil-kuntest ta' kompetizzjoni internazzjonali li qed tikber;
7. Jenfasizza l-ħtieġa ta' reviżjoni xierqa tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali sabiex ikun adattat għaċ-ċirkostanzi l-ġodda li sehew wara l-adozzjoni tiegħu fl-2020, inkluż billi jiġi ffaċilitat l-infiq f'oqsma strateġiċi għall-kompetittività tal-UE;
8. Jisħaq fuq l-importanza tar-riżorsi proprji ġodda addizzjonali tal-UE biex ikopru l-ispejjeż tal-ħlas lura ta' NextGenerationEU, tal-finanzjament tal-baġit tal-UE u tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; jitlob għal implimentazzjoni rapida tal-Ftehim Globali dwar it-Taxxa; filwaqt li jfakkar li sehem mid-dħul iġġenerat taħt l-Ewwel Pilastru huwa inkluż ukoll fl-ewwel basket tar-riżorsi proprji; jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li sehem mit-taxxa korporattiva miġbura taħt il-BEFIT kif ukoll Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji jew Taxxa fuq l-Attivitajiet Finanzjarji għandhom jiffurmaw parti mit-tieni basket ta' riżorsi proprji ġodda filwaqt li jirrikonoxxu li l-politika tat-taxxa hija kompetenza tal-Istati Membri, filwaqt li fil-livell tal-UE tfittex koordinazzjoni aħjar fil-politiki tat-taxxa;
9. Ifakkar li politika fiskali u kooperazzjoni amministrattiva tajbin huma essenzjali biex jattiraw l-investment u jiffavorixxu l-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej, u b'hekk iżidu d-dħul pubbliku u l-oportunitajiet ta' impjieg; jirrikonoxxi l-qafas kumpless ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u jitlob għalhekk il-finanzjament suffiċjenti tal-programm Fiscalis; jenfasizza li l-programm Fiscalis huwa programm ta' kooperazzjoni kruċjali biex l-Istati Membri u l-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali tagħhom ifittxu li jilhqgħu għanijiet komuni rigward il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evalazzjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa;
10. Jemmen li l-baġit għandu rwol importanti fit-tlestija tal-Unjoni Bankarja u tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali; ifakkar li l-Unjoni għadha lura meta mqabbla ma' ġurisdizzjonijiet oħra rigward l-aċċess tal-kumpaniji għall-finanzjament;
11. Iqis li l-faċilitazzjoni tal-aċċess tal-SMEs, għall-finanzjament hija prijorità għall-Unjoni; jifhem li l-programmi ffinanzjati mill-UE biex jappoġġjaw lill-SMEs iridu jiġu ffinanzjati kif xieraq u għandhom jissaħħu finanzjarjament;
12. Ifakkar li l-investment pubbliku għandu jkun xprun għal aktar investment privat għall-

ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, il-ġenerazzjoni tat-tkabbir u t-tisħiħ tal-kompetittività; jitlob, għalhekk, għal żieda tal-programm InvestEU;

13. Jitlob li l-baġit jipprovdi appoġġ lill-Ukrajna sakemm tkompli l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, u jikkontribwixxi għar-rikostruzzjoni tagħha, inkluż permezz tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza; jenfasizza li l-Faċilità għall-Ukrajna li għadha kif ġiet proposta se tikkontribwixxi għar-rikostruzzjoni, l-irkupru u l-modernizzazzjoni tal-Ukrajna kif ukoll għad-disponibbiltà ta' fondi għall-integrazzjoni tar-rifuġjati; jieħu nota li l-Ukrajna rċeviet għotjiet bħala appoġġ baġitarju u jqis il-vantaġġ tal-għotjiet sabiex ma jkomplix sejjer għall-aġar id-dejn estern u pubbliku tal-Ukrajna; jitlob li jinżamm l-appoġġ taċ-ċittadini Ewropej għall-azzjonijiet meħuda kontra r-Russja u għal azzjonijiet oħra meħtieġa għall-appoġġ tal-Ukrajna;
14. Itenni li l-baġit għandu jappoġġja u jikkomplementa b'mod effettiv l-użu tal-fondi fl-ambitu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), li s-suċċess tagħha jiddependi mill-implimentazzjoni rapida tagħha mill-Istati Membri, il-konformità stretta mar-Regolament tal-RRF u l-attivitajiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea; jesprimi tħassib dwar iż-żieda fl-ispejjeż ta' finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tal-imgħax; jissottolinja kemm huma importanti l-koerenza sistematika, is-sinerġiji u l-valur miżjud ta' proġetti transnazzjonali u transfruntiera fil-kuntest tal-RRF u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej;
15. Jitlob għal riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali adegwati għall-Aġenziji Superviżorji Ewropej (ASE), speċifikament l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, inkluż għall-Awtorità futura għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA), sabiex iwettqu b'mod strett dawk il-kompiti assenjati lilhom mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li żdiedu permezz tar-rieżami tal-ASE u l-leġislazzjoni settorjali; jenfasizza li l-iżviluppi rapidi fl-oqsma tal-finanzjament sostenibbli, fit-teknoloġija finanzjarja, fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, fir-reżiljenza ċibernetika u f'oqsma oħra jinvolvu aktar kompetenzi u responsabbiltajiet għall-ASE u, għalhekk, jitlob li dawn jiġu akkumpanjati b'persunal u finanzjament adegwati; jitlob ukoll finanzjament adegwat iddedikat għall-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evazzjoni tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa; iqis li l-Osservatorju tat-Taxxa tal-UE huwa kontribut utli kemm għad-dibattitu demokratiku kif ukoll għall-informazzjoni ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-appoġġ għall-Osservatorju; jisħaq li l-organizzazzjonijiet kollha li jirċievu finanzjament mill-Unjoni jridu jġibu ruħhom b'mod li jkun politikament newtrali u imparzjali; jinnota li dan japplika wkoll għall-organizzazzjonijiet li suppost jipprovdu għarfien finanzjarju espert indipendenti kif ukoll għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu riċerka fil-qasam tat-tassazzjoni; jitlob finanzjament adegwat għall-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) biex tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod kompetenti; jissottolinja l-ħtieġa dejjem akbar li jissaħħaħ il-funzjonament effiċjenti tal-miżuri tal-UE għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AML/CFT) u l-kontribut meħtieġ tal-AMLA bħala superviżur dirett kif ukoll il-punt fokali ta' sistema integrata magħmula mill-Awtorità nnifisha u mill-awtoritajiet nazzjonali b'mandat superviżorju tal-AML/CFT, bl-għan li tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi relatati mal-AML/CFT;
16. Jinnota li meta l-Prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" jiġi inkorporat fl-attivitajiet

tal-Unjoni, dan għandu jiġi rispettata fl-implimentazzjoni baġitarja u l-miżuri korrettivi meħtieġa li għandhom jittieħdu jekk u meta jkun meħtieġ;

17. Jiŝhaq li l-politika ta' koeżjoni u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment kienu pilastru tal-Unjoni Ewropea, peress li ppermettew il-ħolqien u l-iżvilupp ta' proġetti ta' negozju f'reġjuni b'diffikultajiet akbar, kif ukoll investiment pubbliku tant meħtieġ f'dawk it-territorji; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw assorbiment effettiv u f'waqtu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, inkluż permezz ta' modernizzazzjoni u persunal adegwat tal-amministrazzjonijiet tagħhom, sabiex tali fondi jintużaw skont l-iskop tal-politika tagħhom; jitlob li l-programmi eżistenti jiġu implimentati b'mod koordinat, rapidu, effiċjenti u trasparenti biex jinkisbu l-irkupru u l-koeżjoni reali tal-Unjoni Ewropea.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	30.8.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 42 - : 6 0 : 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Gunnar Beck, Isabel Benjumea Benjumea, Gilles Boyer, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Giuseppe Ferrandino, Claude Gruffat, José Gusmão, Enikő Győri, Eero Heinäluoma, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Costas Mavrides, Siegfried Mureşan, Caroline Nagtegaal, Luděk Niedermayer, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Sirpa Pietikäinen, Eva Maria Poptcheva, Evelyn Regner, Antonio Maria Rinaldi, Dorien Rookmaker, Alfred Sant, Ralf Seekatz, Pedro Silva Pereira, Irene Tinagli, Ernest Urtasun
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marc Angel, Esther de Lange, Nicolaus Fest, Valérie Hayer, Eugen Jurzyca, Andżelika Anna Możdżanowska, Johan Nissinen, Tonino Picula, René Repasi, Andreas Schwab, Sven Simon
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pablo Arias Echeverría, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Colm Markey, Alessandro Panza, Tom Vandendriessche

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

42	+
PPE	Pablo Arias Echeverría, Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Markus Ferber, Danuta Maria Hübner, Esther de Lange, Aušra Maldeikienė, Colm Markey, Siegfried Mureşan, Luděk Niedermayer, Sirpa Pietikäinen, Andreas Schwab, Ralf Seekatz, Sven Simon, Tom Vandenkendelaere
Renew	Gilles Boyer, Engin Eroglu, Giuseppe Ferrandino, Valérie Hayer, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Caroline Nagtegaal, Eva Maria Poptcheva
S&D	Marc Angel, Jonás Fernández, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Eero Heinäluoma, Costas Mavrides, Tonino Picula, Evelyn Regner, René Repasi, Alfred Sant, Pedro Silva Pereira, Irene Tinagli
Verts/ALE	Rasmus Andresen, Claude Gruffat, Stasys Jakeliūnas, Philippe Lamberts, Piernicola Pedicini, Kira Marie Peter-Hansen, Ernest Urtasun

6	-
ECR	Michiel Hoogeveen, Eugen Jurzyca, Johan Nissinen
ID	Gunnar Beck, Nicolaus Fest, France Jamet

6	0
ECR	Andżelika Anna Możdżanowska, Dorien Rookmaker
ID	Alessandro Panza, Antonio Maria Rinaldi
NI	Enikő Győri
The Left	José Gusmão

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

19.7.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 - it-taqsimiet kollha (2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Dragoş Pîslaru

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi għandhom jitqiesu l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklammat mill-Kunsill Ewropew, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2017, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tal-4 ta' Marzu 2021 u d-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021 dwar l-affarijiet soċjali adottata mill-membri tal-Kunsill Ewropew,
- B. billi fil-15 ta' Diċembru 2022 il-Parlament diġà adotta riżoluzzjoni dwar it-titjib tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027¹,
1. Jappella għal rispons baġitarju b'saħħtu mill-Unjoni fl-2024 għad-diffikultajiet soċjali u ekonomiċi li jiffaċċjaw l-Ewropej bħala konsegwenza tal-inflazzjoni u l-kriżi tal-għoli tal-ħajja, fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u l-isfidi ta' wara l-pandemija; jinsab imħasseb b'mod partikolari li l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, tal-ikel u tal-akkomodazzjoni, u l-pressjoni kontinwa fuq is-servizzi essenzjali u l-ktajjen tal-provvista qed jaggravaw l-inugwaljanzi soċjali u ekonomiċi li diġà kienu eżistenti, inaqqsu l-klassi medja, u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u s-saħħa mentali ta' ħafna ħaddiema u l-familji tagħhom sejr in għall-agħar; ifakkar li rkupru sostenibbli, reżiljenti u inklużiv b'saħħtu jirrikjedi użu sħiħ tal-potenzjal tal-baġit tal-UE, b'mod partikolari l-finanzjament u l-istrumenti finanzjarji tal-UE fil-qasam soċjali u tal-impjiegi; jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati proċessi amministrattivi simplifikati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-fondi tal-Unjoni għall-benefiċċju tan-nies u n-negozji;
2. Jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni għandu jappoġġja politiki u miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol u l-mobilità fih, isaħħu l-kompetittività tal-ekonomiji Ewropej, joħolqu impjiegi ta' kwalità u sostenibbli, ikomplu jiżviluppaw sistemi soċjali nazzjonali reżiljenti, filwaqt li jużaw ir-riżorsi u jottimizzaw dawk is-sistemi biex

¹ Testi adottati, P9_TA(2022)0450.

jiżguraw li dawn jgħinu biex jinqered il-faqar, jippromwovu l-politiki ta' inklużjoni u jżidu l-konverġenza soċjali 'l fuq madwar l-Unjoni sabiex ħadd ma jitħalla jibqa' lura; jinnota b'mod partikolari li l-investment fit-tagħlim tul il-ħajja, fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet huwa essenzjali biex tiġi indirizzata t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; jilqa' l-konklużjonijiet tal-Forum Soċjali ta' Porto tal-2023 li jenfasizzaw – fil-kuntest tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet – kif politiki robusti dwar il-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jgħolqu impjiegi aħjar, integrazzjoni aktar rapida fis-suq tax-xogħol u jrawmu l-inklużjoni soċjali, u jkunu sors ta' sodisfazzjon personali, u konsegwentement jagħtu spinta lir-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija u s-soċjetà tal-UE; jinsisti dwar l-importanza li jsir investment fl-inklużjoni soċjali u f'miżuri għall-gruppi f'riskju akbar ta' privazzjoni soċjali u ta' diskriminazzjoni bħat-tfal, iż-żgħażaġh, il-familji LGBTIQ+ jew il-familji b'ġenitur wieħed, il-persuni b'diżabilità, il-persuni akbar fl-età, u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni; ifakkar li l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, bħall-persuni fil-faqar, il-persuni b'diżabilità, iż-żgħażaġh u l-anzjani, il-persuni qiegħda, b'mod partikolari dawk qiegħda għal żmien twil, u pertikolarment il-persuni spostati b'riżultat tal-gwerra ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, hija ta' importanza kbira;

3. Jissottolinja li forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tlaħħaq mad-domandi ta' suq tax-xogħol modern hija essenzjali biex tistimula t-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u tikkontribwixxi għall-prosperità soċjali; jenfasizza b'mod partikolari l-importanza tal-investment fil-ħiliet fi żminijiet ta' trasformazzjonijiet profondi fis-suq tax-xogħol u tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jappella għal appoġġ finanzjarju u tekniku għall-ħolqien ta' strateġiji lokali għall-ħiliet u għal ċentri ta' żvilupp tal-ħiliet f'kooperazzjoni mal-aġenziji lokali tal-impjiegi; jenfasizza r-rwol ewlieni li se jkollhom l-Akkademji tal-Ħiliet stabbiliti skont ir-Regolament dwar l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti fit-tixrid tal-għarfien u l-ħiliet dwar teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti li jistgħu jsaħħu l-kompetittività tal-Unjoni u l-pożizzjoni globali tagħha f'industriji b'emissjonijiet netti zero u jappella għal baġit ta' mill-inqas EUR 102 miljun għat-twaqqif u l-funzjonament tal-Akkademji għall-perjodu 2024-2027 b'allokazzjoni ta' EUR 25,5 miljun għas-sena 2024;
4. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-fondi u l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, inklużi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) u r-Repower EU biex jiġi żgurat irkupru ekonomikament u soċjalment sostenibbli, ġust, inklużiv u nondiskriminatorju; ifakkar li l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) huwa l-mutur ewlieni għat-tiħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-Unjoni skont il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jindika wkoll l-importanza tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), ReactEU bir-riżorsi addizzjonali tagħha għall-FSE+, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI) u l-Fond għal Għajjuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD);
5. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li talloka EUR 16,8143-il biljun f'impenji fl-2024 għall-FSE+; ifakkar li l-FSE+ huwa l-istrument ewlieni għall-investment fin-nies u l-bini tal-protezzjoni soċjali u li jrid ikollu rwol ewlieni fl-appoġġ lill-Istati Membri biex jiksbu l-koeżjoni soċjali, livelli għoljin ta' impjieg, protezzjoni soċjali adegwata u forza tax-xogħol tas-sengħa u reżiljenti li tkun lesta għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u diġitali; jappella għat-tiħiħ tal-FSE+ sabiex ikun iffinanzjat b'mod suffiċjenti fid-dawl taż-żieda qawwija fl-għoli tal-ħajja u l-impatti tiegħu fuq il-

ħaddiema u l-familji tagħhom;

6. Ifakkar fl-obbligu tal-Istati Membri b'rata ta' żgħażaġġ barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ li hija oġġla mill-medja tal-Unjoni li jallokaw mill-anqas 12,5 % tar-riżorsi tagħhom tal-FSE+ biex jimplimentaw il-Garanzija għaż-Żgħażaġġ; jirrikonoxxi li r-rata tal-qgħad għaż-żgħażaġġ fl-UE qed tonqos, għalkemm din ix-xejra hija maqsuma b'mod mhux uniformi fost l-Istati Membri u għadha ħafna oġġla meta mqabbla mar-rata tal-qgħad tal-popolazzjoni ġenerali; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jkompli jsir investiment fil-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità għaż-żgħażaġġ u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri kollha jimmobilizzaw il-finanzjament nazzjonali u Ewropew kollu disponibbli biex jipromwovu u jipprovdu xogħol deċenti u opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità għaż-żgħażaġġ; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-aħjar użu mill-fergħa għall-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) tal-FSE+ għall-investiment fl-innovazzjoni soċjali u biex jistimulaw il-mobilità tal-forza tax-xogħol; jistenna li l-fergħa EaSI tilħaq ir-reġim ta' ħidma sħiħ tagħha fl-2024 issa li l-ibbaġitjar tagħha reġa' huwa konformi mal-ipprogrammar;
7. Ifakkar li l-Garanzija Ewropea għat-Tfal ilha fis-seħħ sentejn u li hija strument kruċjali fil-ġlieda kontra l-faqar tat-tfal li dejjem qed jiżdied; jinnota li fi żmien qasir l-Istati Membri diġà investew madwar EUR 9 biljun fil-Garanzija għat-Tfal; itenni t-talbiet tiegħu biex jiżdied b'mod urġenti l-finanzjament tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-ħtieġa li jinholq baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 biljun u jinsisti li dan il-finanzjament isir disponibbli bħala parti mill-QFP rivedut sabiex ikun jista' jiġi stabbilit diġà fl-2024; ifakkar ukoll fil-pożizzjoni tiegħu li l-Istati Membri kollha għandhom jużaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża għal azzjonijiet immirati biex jiġġieldu l-faqar fost it-tfal u jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Garanzija għat-Tfal; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-possibiltajiet ta' finanzjament eżistenti taħt il-baġit tal-UE, bħall-FSE+, ReactEU, l-RRF, biex jinqered il-faqar fost it-tfal;
8. Jenfasizza l-isfida demografika fl-Unjoni li tirriżulta minn popolazzjoni li qed tixjieħ, tnaqqis fil-fertilità u stennija tal-għomor oġġla; jenfasizza n-nuqqas ta' reazzjonijiet ta' politika Ewropea u nazzjonali, biex tiġi indirizzata l-isfida demografika, li jkopri oqsma bħall-akkomodazzjoni adegwata, il-faċilitajiet ta' kura ta' kwalità suffiċjenti u s-servizzi ta' appoġġ u jinsisti fuq il-ħtieġa li jsir investiment fl-infrastrutturi soċjali; jissottolinja li l-inċertezzi ekonomiċi attwali għandhom impatt serju fuq il-persuni akbar fl-età; jenfasizza li l-baġit għandu jissottolinja l-importanza li jiġi ssalvagwardjat u promoss il-benesseri tal-persuni akbar fl-età u d-drittijiet fundamentali tagħhom fl-UE billi jiġu introdotti kriterji ta' "tixjiħ b'dinjità" u billi jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti biex jiġu appoġġati l-investiment fl-akkomodazzjoni u l-aċċess għaliha sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv il-problemi dejjem jikbru tan-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli, kundizzjonijiet ħżiena ta' akkomodazzjoni, l-esklużjoni f'materji ta' akkomodazzjoni u l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u biex jiġu promossi l-parteċipazzjoni fis-soċjetà, l-aċċess għall-kultura u l-attivitajiet sportivi;
9. Itenni li n-nisa huma aktar milquta mill-kriżijiet u mill-gwerra attwali fl-Ukrajna u huma aktar f'riskju li jbatu l-konsegwenzi ta' impjeg u soċjali; jitlob l-integrazzjoni ta' bbaġitjar reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru bil-għan li jtejjeb l-allinjament tal-politiki u tal-attivitajiet li jipromwovu l-parteċipazzjoni ndaq tan-nisa fis-suq tax-xogħol u li

jinħolqu sistemi komprensivi biex isir monitoraġġ u kejl tal-allokkazzjonijiet tal-baġit maħsuba biex jipromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, l-aċċess għall-impjiegi u d-differenzjali fil-pagi u fil-pensjonijiet;

10. Jisħaq li l-istrument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wera li kien suċċess fil-ġlieda kontra l-qgħad bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tibbaża fuq l-istrument SURE biex tappoġġa l-iskemi nazzjonali li jiproteġu l-impjiegi u jippreservaw l-introjtu tal-ħaddiema li jistgħu jiġu attivati temporanjament meta xi parti mill-UE tgħaddi minn xokk ekonomiku; jinsisti li l-miżuri ta' emerġenza nazzjonali u tal-UE kollha, partikolarment dawk assoċjati mal-protezzjoni tal-impjiegi u l-kumpens għall-introjtu, jibqgħu jiġu ffinanzjati mill-ġdid sakemm il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-gwerra jkomplu jkollhom impatt negattiv fuq is-suq tax-xogħol u sal-irkurpu totali tal-ekonomija; jitlob lill-Kummissjoni tqis l-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fir-rigward tal-implimentazzjoni u t-trasparenza tal-istrument SURE;
11. Ifakkar li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għandu jipprovdi appoġġ għat-territorji u l-persuni li qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi u sfidi relatati mal-impjiegi ta' natura serja li jirriżultaw mill-proċess ta' tranżizzjoni tal-Unjoni lejn il-kisba tal-miri tal-2030 u lejn il-kisba ta' ekonomija newtrali għall-klima sal-2050; jieħu nota tal-approprijazzjonijiet tal-Kummissjoni fl-2024 li jammontaw għal EUR 1,486 biljun; jenfasizza l-importanza tiegħu biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tat-tranżizzjoni, b'mod partikolari l-ħolqien ta' infrastruttura soċjali nazzjonali u l-appoġġ għal dawk li qed ifittxu impjieg, inkluż it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid filwaqt li tiġi żgurata xibka ta' sikurezza għal dawk li waqgħu lura; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit mekkaniżmu għall-monitoraġġ tal-implikazzjonijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika fuq il-koerenza soċjali u l-koeżjoni reġjonali biex tiġi żgurata l-ġustizzja u jiġu identifikati l-ħtiġijiet għal appoġġ pubbliku adegwat;
12. Ifakkar l-mira fid-Dikjarazzjoni ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021 li l-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali jitnaqqas b'mill-inqas 15-il miljun sal-2030, inklużi mill-inqas 5 miljun tifel u tifla; iqis li tinħtieġ ambizzjoni akbar sabiex il-faqar u l-privazzjoni soċjali verament jinqerdu; jieħu nota li, fl-2024, EUR 4.8 biljun tal-baġit tal-FSE+ taħt ġestjoni kondiviża se jiġu allokatu għall-ġajjnuna alimentari u l-assistenza materjali bażika għall-persuni l-aktar fil-bżonn, u dan ifisser li se jinqabeż l-objettiv attwali ta' 4 % u jenfasizza ż-żieda inkwetanti fl-għadd ta' persuni fil-bżonn; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jintlaħqu b'miżuri li jnaqqsu l-esponiment tagħhom għall-ispejjeż tal-enerġija li qed jiżdiedu (iżolament, pannelli solari); iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jipprovdu riżorsi addizzjonali biex jappoġġjaw lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji kollha fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija bħala parti mit-tranżizzjoni ekoloġika; jenfasizza li l-problema ta' persuni mingħajr dar qed taffettwa ħafna adulti u tfal, u trid tiġi evitata u indirizzata b'mod effettiv;
13. Jiddispjaċih dwar aktar tnaqqis fl-allokkazzjoni għal-linja baġitarja 07 20 04 06 (Kompetenzi speċifiċi fil-qasam tal-politika soċjali, inkluż id-djalogu soċjali); jenfasizza li djalogu soċjali b'saħħtu huwa karatteristika ewlenija tal-mudell soċjali Ewropew; ifakkar fl-impenn tal-Unjoni li tippromwovi r-rwol tas-sħab soċjali u li

tiffaċilita d-djalogu soċjali, skont l-Artikolu 152 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat appoġġ adegwat għad-djalogu soċjali u li tiġi żviluppata u mtejba l-kapaċità tas-sħab soċjali u li tiżdied l-allokazzjoni għal din il-linja baġitarja, anke b'kunsiderazzjoni tal-inflazzjoni; ifakkar, barra minn hekk, li huwa essenzjali li jiġi ggarantit appoġġ adegwat għal miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, filwaqt li jitqies ukoll l-impatt tal-inflazzjoni fuq in-nefqa għall-persunal fil-baġits tal-istituti tat-trade unions; f'dan il-qafas, jitlob li jiġu inklużi żidiet fil-linja baġitarja 07 20 04 09 (Miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema); Jinsab imħasseb bil-fatt li l-pagi reali bħalissa qed jonqsu minħabba l-inflazzjoni u sensiela ta' xokkijiet eċċezzjonali tal-prezzijiet tal-enerġija; iqis li hemm bżonn urġenti li jogħlew il-pagi biex tiġi sostnuta d-domanda interna u t-tkabbir inklużiv u jonqos l-impatt tal-kriżi doppja fuq il-ħaddiema u fuq il-familji; iqis li jinħtieġu sforzi addizzjonali fil-baġit tal-UE u l-QFP biex tingħata għajnuna lis-sħab soċjali ħalli jiksbu żidiet fil-pagi permezz ta' oqfsa tripartitiċi ta' żvilupp tal-kapaċitajiet, biex b'hekk jitħaffew l-impatt pożittiv mistenni tad-direttiva proposta dwar il-pagi minimi adegwati u l-implimentazzjoni malajr tagħha;

14. Ifakkar fir-rwol essenzjali tal-proġetti pilota (PPs) u l-azzjonijiet preparatorji (PAs) għall-ittestjar ta' inizjattivi ta' politika ġodda u l-ġbir ta' data fl-oqfsa tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-proposti tal-PP/AP b'mod imparzjali abbażi ta' valutazzjoni legali u finanzjarja, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tintensifika d-djalogu mal-Parlament Ewropew dwar kif ideat innovattivi jistgħu jsiru eliġibbli għal proġetti pilota ġodda u tipprovdi feedback u spjegazzjonijiet dettaljati, aktar ċari u aktar trasparenti tal-valutazzjonijiet tagħha, b'eżempji konkreti tal-azzjonijiet tal-Unjoni li jitqiesu li "jkopru" l-proposti; ifakkar ukoll li l-implimentazzjoni ta' proġett pilota adottat jew ta' azzjoni preparatorja adottata trid tibqa' fidila lejn il-proposta;
15. Ifakkar li l-aġenziji Eurofound, EU-OSHA, Cedefop, ETF u ELA għandhom rwol importanti biex jipprovdu lill-istituzzjonijiet u lill-pajjiżi tal-Unjoni għarfien speċjalizzat b'mod partikolari dwar l-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali u li jridu jirċievu r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom li qed jevolvu; jinnota li l-estimi tal-2024 għall-aġenziji huma konformi mal-iprogrammar tal-baġit u li ammont addizzjonali (EUR 650,000 fl-2024) huwa ppjanat għall-Eurofound għat-tieni sena konsekuttiva biex jgħinha tlaħħaq maż-żieda qawwija fil-korrettur tal-koeffiċjenti fl-Irlanda; itenni s-sejħa preċedenti tiegħu² li jappoġġja t-talba tal-ELA biex 15-il kariga ta' esperti nazzjonali sekondati jiġu ttrasformati f'karigi ta' aġenti temporanji u għal żewġ karigi addizzjonali ta' aġenti kuntrattwali - mingħajr impatt baġitarju - bil-għan li jkun jistgħu jattiraw u jżommu r-riżorsi tal-persunal meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha u biex is-sehem ta' SNEs fil-persunal tal-ELA jinġieb aktar viċin tas-sitwazzjoni standard ta' aġenziji oħrajn tal-UE; iqis li l-għarfien espert tal-aġenziji deċentralizzati għandu jintuża aħjar;
16. Ifakkar fl-importanza tal-obbligu ta' rendikont u l-prijoritizzazzjoni baġitarji, filwaqt li fl-istess ħin jisħaq fuq l-importanza tal-flessibilità u li jkun hemm biżżejjed riżorsi biex jirrispondu għal kriżijiet kbar u l-implikazzjonijiet soċjali u tax-xogħol tagħhom; itenni t-ħassib tiegħu li l-inflazzjoni għolja attwali tpoġġi pressjoni kbira fuq il-limiti massimi

² https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0191_MT.pdf

tal-QFP u ma tħalli l-ebda marġni disponibbli biex jiġu indirizzati l-akbar sfidi fil-proċedura baġitarja annwali u l-għanijiet fit-tul tal-UE; itenni għalhekk l-appelli tiegħu għal revizzjoni urġenti, komprensiva u ambizzjuża tal-QFP attwali; jemmen li l-proposta tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward ma tilħaqx l-ambizzjonijiet tal-UE biex tindirizza l-isfidi soċjali attwali u futuri; jilqa' l-impenn li jsir investiment fis-sovranià Ewropea, madankollu jiddispjaċih għan-nuqqas ta' ambizzjoni tal-proposta tal-Pjattaforma Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) u jtenni t-talba tiegħu għal Fond Ewropew ta' Sovranità³ komplut biex tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-UE, inkluż l-investiment fil-kapital uman u f'ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, jiġi promoss aċċess inklużiv għal impjiegi ta' kwalità u jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' xogħol u ħiliet kritiċi fis-setturi ekonomiċi u industrijali ewlenin; jišhaq fuq l-importanza li jiġu mobilizzati finanzi ġodda biex jiġi evitat li l-finanzjament tal-FSE+ jiġi ddevjat mill-oġettivi speċifiċi tiegħu; jissottolinja l-ħtieġa ta' pjan solidu u sostenibbli biex ikopri ż-żieda fl-ispejjeż tal-imgħax fuq ir-ripagamenti tad-dejn fl-ambitu tan-Next Generation EU; japprova bis-sħiħ li tingħata aktar għajnuna finanzjarja lill-Ukrajna u jilqa' l-Faċilità tal-Ukrajna li għadha kif ġiet proposta;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija xierqa għall-integrazzjoni tal-oġettivi soċjali fl-infiq tal-Unjoni; iqis li metodoloġija ta' integrazzjoni soċjali fil-baġit tal-Unjoni tkun meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-politiki kollha ffinanzjati mill-Unjoni jkunu ta' sostenn għall-20 prinċipju definiti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u li l-infiq kollu tal-Unjoni jikkontribwixxi għall-oġettivi soċjali Ewropej; jinsisti fuq il-fatt li r-regoli li jirregolaw l-użu tal-fondi tal-Unjoni jridu jiżguraw u jsaħħu r-rispett tal-oġhla drittijiet soċjali u prinċipji demokratiċi, ikunu allinjati mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mas-SDGs u mad-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema; jitlob li d-dispożizzjonijiet jippermettu l-finanzjament pubbliku biss għall-impjegaturi li jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli; jitlob kundizzjonalitajiet soċjali aktar effettivi fir-regoli fil-qasam tal-akkwist pubbliku u tal-konċessjonijiet, u li dawn jiġu sostnuti b'sanzjonijiet effikaċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra l-ħolqien ta' bażi ta' data komprensiva, flimkien mad-data tal-Eurostat u relatata magħha, li tippermetti monitoraġġ f'waqtu u affidabbli tal-iżviluppi fl-impjiegi, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u r-relazzjonijiet industrijali; iqis li l-identifikazzjoni tar-riskji soċjali u l-kunsiderazzjoni tal-effetti diverġenti fuq l-impjiegi u l-qgħad fit-tul f'industriji partikolari għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tippreżenta metodoloġija ta' traċċar tan-nefqa rigward l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fil-baġit tal-UE, abbażi tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u ta' Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali u indikaturi tal-benesseri biex jitkejjel l-impatt ġenerali ta' fondi, strumenti u faċilitajiet differenti ffinanzjati fl-ambitu tal-QFP u tal-NGEU⁴;
18. Iqis fundamentali l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-prinċipju tal-multilingwiżmu, billi dan jippromwovi l-kwalità tal-parteċipazzjoni demokratika u tat-trasparenza; jitlob, f'dan ir-rigward, li jizdedu b'mod adegwat il-finanzjamenti għas-servizzi ta' interpretazzjoni u ta' traduzzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE, fosthom il-Parlament u l-Kummissjoni, u li tiġi żgurata l-internalizzazzjoni massima ta' dawn is-servizzi u li jiġu

³ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0053_MT.pdf

⁴ Pożizzjoni tal-Kumitat EMPL fil-forma ta' emendi dwar il-Linji Gwida għall-Baġit 2024 - Taqsima III, 02-03-2023 EMPL_AD (2023)745178 PE745.178v01-00

ggarantiti s-saħħa u s-sikurezza fil-post tax-xogħol għall-ħaddiema li jipprovduhom;

19. Jitlob li l-baġit tal-UE għall-2024 jagħti attenzjoni lill-ħtiġijiet tal-gżejjer, ir-reġjuni u t-territorji ultraperiferiċi, iż-żoni rurali jew remoti, iż-żoni inqas aċċessibbli, iż-żoni muntanjużi jew iż-żoni li għadhom lura, kif ukoll ir-relazzjonijiet magħhom, peress li huma partikolarment affettwati mill-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-kriżijiet attwali u huma aktar vulnerabbli għall-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima;

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 34 - : 3 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marc Angel, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Sylvie Brunet, Jordi Cañas, David Casa, Ilan De Basso, Jarosław Duda, Cindy Franssen, Chiara Gemma, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Irena Joveva, Katrin Langensiepen, Elena Lizzi, Sara Matthieu, Jörg Meuthen, Max Orville, Sandra Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pişlaru, Elżbieta Rafalska, Daniela Rondinelli, Pirkko Ruohonen-Lerner, Mounir Satouri, Romana Tomc, Nikolaj Villumsen, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tomáš Zdechovský
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Alex Agius Saliba, Carmen Avram, Gheorghe Falcă, Aurore Lalucq, Carina Ohlsson, Evelyn Regner, Ralf Seekatz
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrey Novakov, Helmut Scholz

**VOTAZZJONI FINALI B' SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

34	+
PPE	David Casa, Jarosław Duda, Gheorghe Falcă, Cindy Franssen, Andrey Novakov, Ralf Seekatz, Romana Tomc, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský
Renew	Sylvie Brunet, Jordi Cañas, Irena Joveva, Max Orville, Dragoş Pîslaru
S&D	Alex Agius Saliba, Marc Angel, Carmen Avram, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Ilan De Basso, Elisabetta Gualmini, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Carina Ohlsson, Evelyn Regner, Daniela Rondinelli
The Left	Sandra Pereira, Helmut Scholz, Nikolaj Villumsen
Verts/ALE	Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri

3	-
ECR	Pirkko Ruohonen-Lerner
ID	Dominique Bilde
NI	Jörg Meuthen

4	0
ECR	Chiara Gemma, Elżbieta Rafalska
ID	Elena Lizzi, Stefania Zambelli

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

30.8.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 – it-taqsimiet kollha (2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Canfin

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni għall-2024 wasal fi żmien kruċjali, kemm f'termini tat-tweqqif tal-oġġettivi strateġiċi tal-Unjoni, bħall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u ġeopolitikament, bil-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejjja fl-Ukrajna, kif ukoll fi tmiem id-disa' leġislatura tal-Parlament Ewropew u l-mandat tal-Kummissjoni;
2. Jisħaq li minkejja li qed tiffaċċja ċ-ċirkostanzi bla preċedent tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-pandemija tal-COVID-19 u d-diżastri naturali, l-Unjoni wieġbet b'mod deċiżiv u fil-pront, billi użat il-baġit tal-Unjoni bħala waħda mill-għodod ewlenin;
3. Jissottolinja li t-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità huma l-akbar theddida komposta għas-sigurtà fit-tul tal-Unjoni, inkluża s-sigurtà tal-ikel, u jsaħħu biss il-pressjonijiet inflazzjonarji; jisħaq li l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika se ssaħħa l-awtonomija strateġika fit-tul, is-sigurtà ekonomika u r-reżiljenza tal-Unjoni, u se ttejjeb il-benesseri taċ-ċittadini tagħha;
4. Jissottolinja l-importanza tal-fatt li l-adattament għat-tibdil fil-klima jiġi integrat fil-politiki u l-programmi rilevanti kollha li tiffinanzja l-Unjoni; din l-integrazzjoni tippermetti rispons rapidu għal emerġenzi bħall għargħar, nirien, pandemiji u avvenimenti mhux previsti oħra li seħħew dan l-aħħar; jenfazizza l-importanza kontinwa li jiġi żgurat il-finanzjament adegwat tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili sabiex l-Unjoni tkun tista' tirreaġixxi għal emerġenzi bħall dawn; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' tħejjija aħjar għad-diżastri klimatiċi billi tinbena kapaċità ta' adattament, u jiġu stabbiliti miżuri ta' adattament għall-klima fil-livell tal-Unjoni, inkluż test tal-istress tal-infrastrutturi ewlenin ta' rilevanza Ewropea fil-konfront ta' xenarju ta' tisħin globali ta' bejn il-1,5°C u l-4°C, biex titnaqqas il-vulnerabbiltà għall-

impatti tax-xokkijiet klimatiċi; jissottolinja l-ħtieġa li tiġi rikonoxxuta l-importanza tal-programmi tal-Unjoni fl-ġhoti ta' investment u appoġġ għall-prevenzjoni tal-kriżijiet tas-saħħa u t-tiġħ tar-reżiljenza tal-Unjoni;

5. Ifakkar li l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) għandha tikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-bijodiversità u l-azzjoni klimatika fil-politiki tal-Unjoni, għall-iffaċilitar ta' tranżizzjoni ġusta u l-finanzjament tal-irkupru mill-pandemija kif ukoll għall-modernizzazzjoni u t-ttejjija tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-Pjan REPowerEU jiġi eżegwit bis-siġħ ħalli jiġi aċċellerat l-użu ta' sorsi u teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli biex titthaffet it-tranżizzjoni ekoloġika u tintemm id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi;
6. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" jiġi integrat fl-attivitajiet kollha tal-Unjoni permezz tal-implimentazzjoni baġitarja skont il-proposta tal-Kummissjoni għall-emendar tar-Regolament Finanzjarju f'konformità mal-impenj tal-Unjoni għal finanzjament sostenibbli u t-tranżizzjoni ekoloġika;
7. Jissottolinja n-natura transfruntiera tal-isfidi ambjentali u klimatiċi u l-ħtieġa ta' approċċ ikkoordinat; ifakkar fil-bżonn imminenti li jiġi restawrat il-kapital naturali tal-Ukrajna u jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni għall-2024 u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 huma kruċjali biex jinżammu t-tmexxija u l-kredibbiltà tal-Unjoni fil-qasam tal-klima mas-sħab internazzjonali;
8. Jisħaq li l-baġit tal-Unjoni għall-2024 għandu jżomm it-tranżizzjoni ekoloġika bħala waħda mill-prijoritajiet tiegħu u għandu jkun allinjat mal-ambizzjonijiet tal-Unjoni li ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050, kif ukoll mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi u l-Ftehim ta' Kunming-Montreal, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali;
9. Itenni t-talba tiegħu għall-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji dannużi u għall-koerenza bejn il-fondi u l-programmi kollha tal-Unjoni; jinsisti li l-proġetti u l-programmi li huma inkonsistenti mal-oġġettiv li t-tiġħ globali jiġi limitat għal inqas minn 1,5°C, jew mal-oġġettiv li jitwaqqaf u jitreġġa' lura t-telf tal-bijodiversità, ma għandhomx ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-baġit tal-Unjoni;
10. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' sforzi kontinwi lejn il-kisba tal-miri tal-integrazzjoni tal-klima u tal-bijodiversità stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 fil-baġit tal-Unjoni u fl-infiq tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru u jappella għal aktar sforzi fil-baġit tal-Unjoni għall-2024 biex jinkisbu dawn il-livelli ta' nfiq; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni għadha ma ppubblikatx il-metodoloġija għall-ittaggjar *ex ante* tan-nefqa li tikkontribwixxi għat-twaqqif u t-tregġiġħ lura tat-telf tal-bijodiversità; jissottolinja li jridu jsiru aktar sforzi fi ħdan il-baġit tal-Unjoni għall-2024 biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri tal-infiq għall-bijodiversità stabbiliti għas-snin 2026 u 2027; jenfasizza li d-distakk finanzjarju tal-bijodiversità għall-perjodu 2021-2030 huwa ta' madwar EUR 18,69-il biljun fis-sena¹ u għandu jiġi rimedjat kemm jista' jkun malajr; jistieden lill-Kummissjoni tqis bir-reqqa l-konklużjonijiet tar-Rapport Speċjali

¹ <https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/793eb6ec-dbd6-11ec-a534-01aa75ed71a1/language-mt/format-PDF/source-258471562>

tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar “L-infiq fuq il-klima fil-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020” kif ukoll l-awditu tal-prestazzjoni minn Novembru 2022;

11. Jieħu nota tal-istimi tal-Kummissjoni bbażati fuq il-metodoloġija *ex ante* li l-finanzjament totali għall-klima fil-baġit tal-Unjoni se jilħaq EUR 58 134 miljun, u dan jirrappreżenta sehem ta’ 31,9 %; jistenna bil-ħerqa li fl-2023 il-Kummissjoni tippreżenta metodoloġija għall-intraċċar tan-nefqa relatata mal-klima bbażata fuq l-effetti (b’ħarsa lejn l-impatt tas-CO₂) biex tikkomplementa l-metodoloġija bbażata fuq l-intenzjonijiet (bl-użu tal-koeffiċjenti klimatiċi tal-Unjoni); jappella għal aktar ħidma biex issir distinzjoni bejn il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, kif stabbilit fil-Ftehim Interistituzzjonali;
12. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-finanzjament għall-klima u l-finanzjament għall-bijodiversità, u jstieden lill-Kummissjoni tippubblika l-ammonti u l-ishma tan-nefqa li se jikkontribwixxu għaż-żewġ miri għal kull programm meta tippreżenta l-abbozz ta’ baġit;
13. Jilqa’ l-fatt li l-Kummissjoni kompliet tiżviluppa metodoloġija biex tintraċċa l-infiq relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-QFP 2021-2027, li tħares lejn it-tfassil tal-politika u l-allokazzjoni tar-riżorsi u b’mod partikolari l-preżentazzjoni ta’ valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneru *ex post* fuq livell aktar granulari u r-rappurtar dwar il-volumi; jstieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-ġeneru b’mod olistiku u tiżgura li d-data rilevanti kollha tkun faċilment disponibbli għat-traċċar;
14. Jilqa’ l-ftehimiet li laħqu l-koleġiżlaturi dwar porzjon sinifikanti tal-fajls tal-pakkett “lesti għall-mira ta’ 55 %”; jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu u jibnu fuq il-momentum u l-kisbiet għall-implimentazzjoni sħiħa tal-pakkett; jilqa’ r-rieżami tal-leġiżlazzjoni farmaċewtika tal-Unjoni; ifakkar li l-Unjoni jeħtieġ li tindirizza n-nuqqasjiet ta’ mediċini u l-konġestjonijiet fil-katina tal-provvista; ifakkar li s-sistemi tas-saħħa tal-Unjoni huma mgħobbija żżejjed mis-snin tal-pandemija; jappella għal żieda fl-investment pubbliku biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati fl-Unjoni u l-iżvilupp ta’ antibijotiċi tal-ġenerazzjoni li jmiss;
15. Jissottolinja l-importanza tal-appoġġ kontinwu tal-baġit tal-Unjoni għall-aġenziji tal-Unjoni li r-rwol tagħhom qed jiżdied f’dawn iż-żminijiet ta’ ċirkostanzi mingħajr preċedent; ifakkar li sabiex jikkonformaw kif xieraq mal-azzjonijiet ġodda previsti skont il-proposti adottati u futuri, l-aġenziji tal-Unjoni, taħt il-mandat tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (EEA, ECHA, EMA, ECDC u EFSA), iridu jkunu ffinanzjati u mgħammra b’persunal adegwat; jisħaq li d-deterjorament fil-livelli tal-persunal tal-aġenziji tal-Unjoni jista’ jipperikola, fost l-oħrajn, il-kisba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jew il-ġestjoni b’suċċess tar-riskji għas-saħħa pubblika u l-ħolqien ta’ Unjoni Ewropea tas-Saħħa mirfuda mill-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa;
16. Ifakkar fil-ħtieġa li l-baġit annwali jkun konsistenti mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030, tal-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt, tal-Pjan ta’ Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà u ta’ Pjan ta’ Azzjoni għal Tniġġis Zero fil-baġit tal-Unjoni għall-2024; f’dan ir-rigward jitlob li jiżdied l-appoġġ baġitarju għall-programm LIFE l-ġdid u l-Fond għal Tranżizzjoni

Ġusta u l-programmi l-oħra kollha li jappoġġjaw u jipproteġu l-konservazzjoni tan-natura;

17. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa filwaqt li jitnaqqsu d-disparitajiet fl-aċċess ugwali u ekwu għall-kura tas-saħħa u l-medikazzjoni; jisħaq li n-nefqa relatata mas-saħħa għandha ssegwi l-approċċi “Saħħa Waħda” u “Saħħa fil-Politiki Kollha”; jirrikonoxxi l-importanza ta’ programmi tal-Unjoni biex jipprovdu investiment u appoġġ għall-prevenzjoni tal-kriżijiet tas-saħħa transfruntiera u għat-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-infrastruttura; jisħaq fuq in-neċessità li titkompla l-ġlieda tal-Unjoni kontra l-kanċer allinjata mal-Pjan biex Jingħeleb il-Kanċer u billi jiġi żgurat finanzjament adegwat, b’enfasi qawwija fuq azzjonijiet li jagħtu riżultati tanġibbli għaċ-ċittadini; jappella għal aktar azzjoni u finanzjament biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (AMR);
18. Jitlob li jiżdied il-livell ta’ appoġġ għall-Unjoni Ewropea tas-Saħħa flimkien mal-Programm l-UE għas-Saħħa fil-baġit tal-Unjoni għall-2024; jisħaq li għandhom jiġu allokati biżżejjed riżorsi biex jiżdiedu l-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tas-saħħa, fost l-oħrajn, fit-titjib tat-tnejjija għall-pandemiji u l-ġestjoni tagħhom; itenni t-tħassib tiegħu u jiddispijaċih li aktar minn 50 % tal-baġit tal-programm l-UE għas-Saħħa ġie allokati għall-infiq operattiv tal-Awtorità Ewropea tal-Kummissjoni għat-Tħejjija u għar-Rispons f’Każ ta’ Emerġenza tas-Saħħa (DG HERA) u jisħaq fuq l-importanza ta’ finanzjament xieraq li għandu jiġi allokati għall-attivitajiet kif jipprevedi r-Regolament EU4Health; jisħaq fuq kemm hi importanti sistema msaħħa ta’ riżorsi proprji tal-Unjoni biex tiffinanzja l-għanijiet tal-Unjoni għas-saħħa, l-ambjent u l-klima, u tikkontribwixxi għall-irkupru tad-dejn tan-NextGeneration EU; jilqa’ d-dispożizzjonijiet relatati maqbula dwar, fost l-oħrajn, is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) u l-Mekkaniżmu ta’ Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) u jistieden lill-Istati Membri jadottaw, malajr kemm jista’ jkun, il-pakkett il-ġdid dwar ir-riżorsi proprji li l-Kummissjoni pproponiet fl-14 ta’ Diċembru 2021; jappella għal rabta aktar b’saħħitha tar-riżorsi proprji tal-Unjoni mal-politiki ambjentali u klimatiċi fit-tieni pakkett li jmiss;
19. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati aktar miżuri ta’ appoġġ biex tissaħħaħ l-indipendenza strateġika tal-Unjoni u titnaqqas id-dipendenza tagħha fuq pajjiżi terzi fir-rigward tal-produzzjoni ta’ mediċini kritiċi;
20. Jenfasizza li l-baġit tal-Unjoni huwa fil-qalba tat-tranżizzjoni u huwa faċilitatur ewlieni ta’ Unjoni aktar ekoloġika, sostenibbli, aktar reżiljenti, kompetittiva u aktar soċjalment inklużiva fejn l-aċċess għall-kura tas-saħħa huwa ekwu u universali.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	29.8.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 57 -: 5 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Traian Bănescu, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Agnès Evren, Helène Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Javi López, César Luena, Marina Measure, Tilly Metz, Silvia Modig, Dolores Montserrat, Ville Niinistö, Nikos Papandreou, Jutta Paulus, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Erik Poulsen, Frédérique Ries, Sándor Rónai, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone, Christine Schneider, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyraiki, Nils Torvalds, Edina Tóth, Achille Variati, Petar Vitanov, Mick Wallace, Pernille Weiss, Michal Wiezik, Anna Zalewska
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Stefan Berger, Asger Christensen, Christophe Clergeau, Margarita de la Pisa Carrión, Nicolás González Casares, Max Orville, Massimiliano Salini, Christel Schaldemose, Susana Solís Pérez, Nicolae Ștefănuță, Sarah Wiener
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pietro Bartolo, Maria da Graça Carvalho, Marie Dauchy, Daniel Freund, Marisa Matias, Kira Marie Peter-Hansen, Kathleen Van Brempt, Viola von Cramon-Taubadel, Lucia Vuolo

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

57	+
PPE	Traian Băsescu, Stefan Berger, Alexander Bernhuber, Maria da Graça Carvalho, Agnès Evren, Peter Liese, Dolors Montserrat, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Massimiliano Salini, Christine Schneider, Maria Spyraiki, Lucia Vuolo, Pernille Weiss
Renew	Pascal Canfin, Asger Christensen, Martin Hojsik, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Max Orville, Erik Poulsen, Frédérique Ries, Susana Solís Pérez, Nils Torvalds, Michal Wiezik
S&D	Maria Arena, Pietro Bartolo, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Christophe Clergeau, Cyrus Engerer, Heléne Fritzon, Nicolás González Casares, Javi López, César Luena, Nikos Papandreou, Sándor Rónai, Christel Schaldemose, Kathleen Van Brempt, Achille Variati, Petar Vitanov
The Left	Anja Hazekamp, Marisa Matias, Marina Measure, Silvia Modig, Mick Wallace
Verts/ALE	Bas Eickhout, Daniel Freund, Malte Gallée, Tilly Metz, Ville Niinistö, Jutta Paulus, Kira Marie Peter-Hansen, Nicolae Ștefănuță, Viola von Cramon-Taubadel, Sarah Wiener

5	-
ECR	Sergio Berlato, Teuvo Hakkarainen, Margarita de la Pisa Carrión
ID	Marie Dauchy
NI	Ivan Vilibor Sinčić

6	0
ECR	Joanna Kopcińska, Anna Zalewska
ID	Gianna Gancia, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone
NI	Edina Tóth

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

15.9.2023

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni fil-forma ta' ittra dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 - it-taqsimiet kollha (2023/0264(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2022, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra. Huwa eżamina l-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Mejju 2023 u adotta l-opinjoni matul il-laqgħa tad-19 ta' Settembru 2023.

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-Baġit tal-Unjoni għall-2024 għandu jallinja mal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, il-miri tan-newtralità klimatika tal-UE u l-Ftehim ta' Pariġi; jemmen li l-baġit tal-UE għandu jipprovdi finanzjament suffiċjenti għal tkabbir sostenibbli u jikkontribwixxi għal appoġġ adegwat għaċ-ċittadini u l-impriżi li ntlaw minn kriżijiet multipli u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tagħhom; ikompli jindirizza l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, b'appoġġ dirett għall-Ukrajna u billi tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni, l-indipendenza enerġetika, it-tranżizzjoni diġitali, iċ-ċibersigurtà u l-kapaċitajiet ta' difiża.
2. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jżiedu l-investimenti għall-industrija tal-UE. Jenfasizza li l-2024 jeħtieġ li tkun is-sena li fiha l-Ewropa tibda tinvesti fil-kompetittività industrijali tagħha, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-investment fin-negozji sabiex jiġu promossi t-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi ta' kwalità.
3. Ifakkar fl-impatti negattivi ta' inflazzjoni oġhla fuq il-baġit tal-UE, speċjalment minħabba l-ammont oġhla ta' pagamenti tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, u l-ammonti inadegwati konsegwenti li fadal fl-Istrument ta' Marġini Uniku biex tiġi indirizzata nefqa mhux prevista, inkluż kwalunkwe rispons ulterjuri tal-UE għall-iżviluppi fil-gwerra li għaddejjja kontra l-Ukrajna, kif ukoll kwalunkwe azzjoni ġdida biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fis-setturi tal-enerġija, diġitali u industrijali; jinsisti li l-pagamenti tal-imgħax tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru ma għandhom qatt ikunu għad-detriment ta' finanzjament xieraq għal programmi oħra tal-UE; jisħaq li biex l-Ewropa tiġi żgurata futur

b'emissjonijiet zero netti, prosperu u kompetittiv, il-baġit tal-Unjoni jeħtieġ li jagħti prijorità lir-riċerka, l-innovazzjoni u l-investimenti industrijali li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni, u li jżidu r-reżiljenza u l-kompetittività għall-industriji Ewropej kollha.

4. Jemmen bis-sħiħ li l-Programmi eżistenti tal-Unjoni għandu jkollhom baġit akbar biex jiġi żgurat li l-oġġettivi maqbula fl-2020 kif ukoll oġġettivi ġodda miżjuda wara, b'mod partikolari fil-qasam tad-difiża u l-politika industrijali, ikunu jistgħu jinkisbu minkejja inflazzjoni għolja. Jenfasizza li bħala minimu għandu jintuża l-finanzjament kollu disponibbli għall-Programmi, inklużi d-diżimpenji kollha disponibbli skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju.

5. Jinsisti fuq adozzjoni f'waqtha tar-reviżjoni tal-QFP sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex jintlaħaq qbil dwar il-baġit għall-2024, li huwa kritiku fid-dawl tal-fatt li n-Next Generation EU ma jistax jibqa' jintuża biex isaħħaħ il-programmi kritiċi tal-UE (inkluż Orizzont Ewropa) kif kien il-każ fl-2021–2023; jisħaq li r-riallokazzjoni tal-finanzjament bejn il-programmi finanzjarji eżistenti mhijiex soluzzjoni vijabbli fit-tul u jemmen li reviżjoni ambizzjuża tal-QFP tibgħat sinjal pożittiv liċ-ċittadini u n-negozji tal-UE.

6. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) bħala l-komponent baġitarju tal-politika industrijali tal-Unjoni. Jenfasizza li l-ammont mitlub mill-Kummissjoni huwa l-ewwel approċċ pożittiv iżda ma jissodisfax il-wegħda ta' Fond Ewropew għas-Sovranità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmu ġdid u ddedikat fil-QFP li jmiss. Jiddeplora l-fatt li l-finanzjament tiegħu fil-biċċa l-kbira jiddevja r-riżorsi mill-fondi eżistenti filwaqt li ma joffrix appoġġ kredibbli għal inizjattivi importanti bħall-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Zero Netti jew l-Att dwar il-Materja Prima Kritika. Isostni li dan idgħajjef serjament il-valur miżjud ta' STEP peress li jneħħi l-finanzjament ta' importanza fundamentali għall-futur industrijali u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni.

7. Jisħaq għal darb'oħra fuq il-ħtieġa li jiġi mobilizzat finanzjament adegwat għall-proposti leġiżlattivi ġodda kollha b'appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija u dawk ambjentali u diġitali; jinsisti li inizjattivi bħall-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, il-Konnettività Sigura, il-Bank tal-Idroġenu u STEP għandhom jiġu allokati baġit addizzjonali jew għandhom jiksbu linji baġitarji kompletament ġodda. Jinsisti fuq il-kontribut biex ikun disponibbli finanzjament adegwat madwar l-Unjoni.

8. Ifakkar fl-importanza li l-iskemi kollha ta' finanzjament tal-UE li jappoġġjaw l-atturi u l-innovaturi tal-industrija Ewropea jiġu ssimplifikati u jitravmu sinerġiji bejniethom; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata informazzjoni ċara u aċċessibbli lill-applikanti potenzjali; jitlob li l-informazzjoni tiġi kkomplementata b'appoġġ amministrattiv iddedikat, b'mod partikolari għall-SMEs.

9. Jiddeplora t-tnaqqis estensiv, li jammonta għal EUR 166 miljun, għal Orizzont Ewropa propost mill-Kunsill fil-pożizzjoni tiegħu dwar il-baġit tal-2024, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-impenji tan-Next Generation EU jkopru biss sa tmiem l-2023 u għalhekk ma jistgħux jikkompensaw għalih; jisħaq li l-programmi kollha fil-mandat tal-Kumitat ITRE li huma kritiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, kif ukoll għall-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE, jiddependu ħafna fuq l-ispinta tal-innovazzjoni, li tista' tinkiseb biss permezz ta' finanzjament fit-tul sostnut; ifakkar f'dan il-kuntest li l-bidla kontinwa u l-għoti ta' skop

għdid lill-finanzjament għar-riċerka u r-ridirezzjonar tiegħu lejn proġetti u prijoritajiet ta' politika ġodda, urġenti kemm jistgħu jkunu, jikkompromettu l-oġettivi u l-miri fit-tul tal-UE, inkluż fir-rigward tal-miri tal-klima u l-enerġija.

10. Ifakkar fil-konsegwenzi negattivi ta' tali defiċit strutturali ta' fondi u ambizzjoni kif muri mill-fatt li aktar minn 71 % tal-proġetti evalwati bħala "eċċellenti" fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa fl-ewwel sentejn tal-programm ma setgħux jiġu ffinanzjati; jiddeplora l-ħela ta' talent li tirriżulta; jappella għal baġit akbar għal Orizzont Ewropa biex b'hekk kull subprogramm ikun jista' jiffinanzja mill-inqas 50 % tal-proposti "eċċellenti" kollha.

11. Ifakkar f'dan il-kuntest dwar il-każ partikolari tat-tiżniħ ipplanat tal-baġit tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni b'EUR 240 miljun għall-perjodu sa tmiem il-QFP attwali. Jiddeplora l-fatt li tali inizjattiva hija ffinanzjata bi trasferimenti ta' fondi lil hinn minn programmi ewlenin tal-Unjoni, inkluż Orizzont Ewropa.

12. Jisħaq fuq l-importanza tat-tranżizzjoni lejn sistema tal-enerġija effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u bbażata fuq sorsi rinnovabbli permezz ta' interkonnnettività mtejbja biex titnaqqas id-dipendenza enerġetika tal-UE, u b'hekk jittejjbu l-istabbiltà u l-affordabbiltà tal-prezzijiet tal-enerġija; u biex isir investiment sinifikanti f'miżuri ta' ffrankar tal-enerġija u effiċjenza enerġetika, fiż-żieda tal-kapaċitajiet nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli speċjalment fl-Istati Membri li għadhom lura, u fid-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali f'konformità mal-istrateġija ta' integrazzjoni settorjali tal-UE.

13. Ifakkar li l-investimenti fl-irkupru soċjoekonomiku wara l-pandemija u fid-dawl tar-rati għoljin ta' inflazzjoni għadhom kruċjali; jissottolinja l-ħtieġa li tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni tal-industrija u tas-setturi diffiċli sabiex jitrażżnu biex tinkiseb Unjoni kompetittiva b'ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju; itenni l-ħtieġa ta' investimenti robusti fl-infrastruttura, it-tiżniħ tal-grilji tal-elettriku, il-konnnettività u l-iffaċilitar tat-twassil u l-ħżin tal-idroġenu. Jappoġġja baġit imsaħħaħ għall-impriżi konġunti rilevanti, bħall-idroġenu nadif u teknoloġiji diġitali ewlenin, b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ għas-setturi u l-SMEs l-aktar milquta mill-pandemija u l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kif ukoll attivitajiet li jikkontribwixxu għan-newtralità klimatika.

14. Jesprimi tħassib li, għalkemm il-baġit tal-2024 jipprevedi finanzjament għdid iddedikat għall-industrija tad-difiża, il-ħtiġijiet jiġu parzjalment issodisfati bl-użu ta' EUR 300 miljun mill-Istrument ta' Flessibbiltà, li jiġġenera inċertezza dwar il-finanzjament tad-difiża sostenibbli fil-futur. Jesprimi tħassib li l-baġits futuri tal-UE (2025-2027) jistgħu jiġu promulgati mingħajr revizzjoni tal-QFP u deċizzjoni tal-UE dwar ir-"riżorsi proprji", u dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġu adottati b'suċċess il-proposti l-ġodda dwar ir-riżorsi proprji li saru mill-Kummissjoni.

15. Jitlob finanzjament xieraq fl-implimentazzjoni tal-Akkademji tal-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u tal-Akkademji tal-Alleanza Ewropea tal-Batteriji; ifakkar fl-importanza li jkun hemm forza tax-xogħol b'ħiliet li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; jinsisti fuq il-promozzjoni tat-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-għdid.

16. Jenfasizza l-importanza tal-parteċipazzjoni tan-nisa fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika, kif ukoll fl-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda u s-setturi tal-kapital ta' riskju; jappella għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-

implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programmi kollha.

17. Jitlob finanzjament u persunal adegwati għall-aġenziji u l-korpi kollha tal-Unjoni fl-oqsma ta' politika tal-industrija, ir-riċerka u l-enerġija; jitlob fondi u persunal addizzjonali għall-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) u 10 karigi ekwivalenti full-time addizzjonali u approprijazzjonijiet addizzjonali korrispondenti għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA); jiddeplora t-tnaqqis propost mill-Kunsill għall-baġits tal-ACER u tal-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali (EUSPA) preċiżament fil-mument meta jiksbu kompiti ġodda relatati mal-leġislazzjoni li tkun għadha kif ġiet adottata.

Dejjem tiegħek,



Cristian-Silviu Buşoi

President



Christian Ehler

Rapporteur

19.7.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 – it-taqsimiet kollha (2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Andreas Schwab

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li fil-proċedura baġitarja l-Kumitat IMCO huwa responsabbli għall-intestatura 1 – Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali, inklużi r-raggruppamenti tal-baġit 03 02 Programm tas-Suq Uniku, 03 03 Programm tal-UE Kontra l-Frodi, u 03 05 Kooperazzjoni fil-Qasam tad-Dwana;
2. Jilqa' l-ogħla ammont allokat għall-funzjonament tas-suq intern; jenfasizza madankollu l-impatt taż-żieda sinifikanti fl-inflazzjoni fl-UE s-sena l-oħra; jinnota li minħabba l-inflazzjoni għolja, il-baġit propost jirrappreżenta tnaqqis meta mqabbel ma' dak tas-sena l-oħra; jenfasizza l-ħtieġa li tali inflazzjoni titqies fid-determinazzjoni tal-baġit; jappella għal adattament li jqis ir-rata tal-inflazzjoni medja fl-UE fl-2022; iwissi li l-infiq għoli tal-gvern jista' jkompli jżid l-inflazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi identifikat u jitnaqqas il-finanzjament għal programmi b'effiċjenza baxxa u l-ħtieġa li jiġu pprovduti riżorsi suffiċjenti għall-finanzjament ta' prijoritajiet ġodda;
3. Jinnota li l-gwerra mhux ġustifikata u illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna għadha toħloq problemi fis-suq intern bħall-inflazzjoni għolja u d-distorsjonijiet fil-ktajjen tal-provvista u l-flussi kummerċjali. Jappella għalhekk għal inċentivi biex is-suq intern isir aktar reżiljenti, jitnaqqsu d-dipendenzi u jiġu diversifikati l-ktajjen tal-provvista;
4. Jappella għal inizjattivi adegwati u effettivi biex is-suq uniku jiġi restawrat, approfondit aktar u kkompletat filwaqt li tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni lejn ekonomija soċjali tas-suq diġitali u sostenibbli, jiġi promoss l-interess tal-konsumaturi Ewropej billi jissaħħaħ il-benessri tal-konsumatur, jiġi żgurat standard għoli ta' protezzjoni, u jiġu indirizzati ostakli mhux ġustifikati u sproporzjonati għall-erba' libertajiet li jagħmlu s-suq uniku aktar b'saħħtu u aktar reżiljenti bl-għan li jiżdiedu l-flussi kummerċjali tal-UE u jittejbu l-ktajjen tal-valur, u b'hekk jingħata kontribut għat-ktabbir ekonomiku;

5. Ifakkar li wara l-kriżi finanzjarja ġie rreġistrat irkupru fl-investimenti pubbliċi, li laħqu livell komparabbli ma' dak tal-Istati Uniti; jenfasizza li l-investment privat fl-Unjoni għadu lura b' mod sinifikanti; jappella għal politiki strutturali adegwati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f' dak tal-Istati Membri biex itejbu l-attrawenza tagħhom bħala destinazzjonijiet għall-investment u t-talent, inkluż bit-tnaqqis tal-burokrazija;¹
6. Jilqa' l-fatt li l-programmi tas-Suq Uniku u InvestEU ntlaqgħu tajjeb; jemmen li dawk il-programmi se jkomplu jgħinu jtejbju l-funzjonament tas-suq intern u l-kompetittività tal-SMEs u n-negozji ġodda biex jiġġeneraw it- tkabbir tal-Ewropa fis-suq globalizzat; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu finanzjament suffiċjenti tal-programmi, speċjalment inizjattivi li jappoġġjaw it-tranżizzjoni ekoloġika u d-diġitalizzazzjoni, inkluż is-settur industrijali, u jiżguraw l-effiċjenza u l-monitoraġġ tagħhom fil-livelli kollha; Jemmen li n-nefqa mill-baġit 2024 għandha ssir b'kunsiderazzjoni tal-effettività tal-miżuri għall-iżvilupp tas-suq intern, il-koeżjoni soċjali, is-sostenibbiltà tal-SMEs u l-eliminazzjoni tad-disparitajiet fis-suq intern;
7. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni diġitali u sostenibbli; ifakkar fil-ħtieġa ta' sinerġiji bejn is-suq uniku u l-istrument ta' rkupru Next Generation EU; Jemmen li l-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom iqisu l-bidliet li seħħew fl-Istati Membri wara l-gwerra fl-Ukrajna u l-kriżijiet suċċessivi;
8. Jissuġġerixxi l-allokazzjoni ta' baġit speċifiku għall-ħolqien ta' programm li jinforma lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom fis-suq intern;
9. Jenfasizza, b' mod partikolari, il-potenzjal kbir tal-moviment liberu tas-servizzi, li għadu sottożviluppat, u jappella għal inizjattivi u azzjonijiet biex tingħata spinta lill-kummerċ transfruntier fis-servizzi b'rispett sħiħ għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, u jitqies id-dritt tal-Istati Membri li jirregolaw is-servizzi fl-interess pubbliku ġenerali filwaqt li jirrispettaw il-kriterji tan-nondiskriminazzjoni, in-neċessità u l-proporzjonalità; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga malajr il-każijiet kollha ta' tfixkil tar-regoli tas-suq intern, irrispettivament mid-daqs tal-Istat Membru;
10. Jenfasizza li l-Att dwar is-Servizzi Diġitali u l-Att dwar is-Swieq Diġitali kif ukoll il-leġiżlazzjoni futura dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u l-Att dwar id-Data jsaħħu l-ekonomija diġitali, jiproteġu lill-konsumaturi online, jiżguraw il-ġustizzja u l-kontestabbiltà fis-suq diġitali u stabbilew regoli ċari dwar kif joperaw il-pjattaformi u l-gwardjani online; jappella għal finanzjament suffiċjenti tal-politiki diġitali tal-Unjoni sabiex isir sforz għal pożizzjoni ta' tmexxija tal-Unjoni fl-ekonomija diġitali globali;
11. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u tal-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll taċ-Ċentru Ewropew tad-Data Doganali; jinsisti fuq l-importanza ta' aktar standardizzazzjoni, diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni tas-sistemi doganali; jisħaq li biex it-Tieqa Unika Doganali tiġi implimentata kif xieraq, l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri għandu jkollhom riżorsi suffiċjenti għad-dispożizzjoni tagħhom; jisħaq li n-nuqqas ta' riżorsi u persunal suffiċjenti tal-awtoritajiet doganali jista' jipperikola l-funzjonament tajjeb tas-suq intern

¹ <https://oecdoscope.blog/2022/05/17/how-can-europe-catch-up-on-its-digital-backlog/>

u l-unjoni doganali;

12. Jinnota li l-infrastruttura transfruntiera hija s-sinsla tas-suq uniku, li tgħin il-prodotti, is-servizzi, in-negozji u ċ-ċittadini jiċċirkolaw b'mod liberu minn naħa għall-oħra tal-fruntieri; jisħaq u jilqa' l-fatt li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa riformata hija strument importanti għall-investiment u l-promozzjoni ulterjuri tal-infrastruttura pan-Ewropea tat-trasport; Jitlob li jiġu indirizzati kif xieraq l-interkonnexjonijiet bejn l-Istati Membri differenti u li ma jinħolqux żoni iżolati jew mhux konnessi tajjeb fi ħdan l-UE;
13. Jistieden lill-Kummissjoni talloka riżorsi biex tiżgura l-aċċess għall-internet u d-diġitalizzazzjoni għaċ-ċittadini kollha tal-UE, speċjalment l-anzjani u dawk li jgħixu f'żoni rurali. Għalkemm sar haġna progress, huwa meħtieġ li jintemm id-distakk diġitali u tiġi żgurata l-ugwaljanza tal-kundizzjonijiet għaċ-ċittadini kollha;
14. Jinnota li l-adozzjoni tal-aħjar prattiki fl-akkwist pubbliku għall-proġetti ffinanzjati mill-UE tista' tgħin biex jiġu evitati l-iżbalji frekwenti u tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-investimenti;
15. Jisħaq li l-baġit għandu jkun trasparenti u komprensibbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni u bbażat fuq ir-riżultati, sabiex jiżdiedu l-effiċjenza u l-produttività tal-istituzzjonijiet pubbliċi;
16. Jissottolinja l-importanza ta' tikkettar ċar li jindika pubblikament li proġett kien ġie ffinanzjat jew parzjalment iffinanzjat mill-UE; itenni li nfiq effettiv u sostenibbli kif ukoll evalwazzjoni xierqa tar-riżultati u l-impatti ta' proġetti iffinanzjati jgħolqu ffrankar li jista' jiffinanzja attivitajiet ulterjuri;
17. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet li jimmaniġġjaw proġetti ffinanzjati mill-UE biex jivvalutaw dejjem il-ħtieġa għal finanzjament pubbliku fil-proċeduri tal-għażla tal-proġetti tagħhom sabiex jevitaw l-esklużjoni tal-investimenti privati; ifakkar li, skont il-Qorti tal-Awdituri, tali analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji li turi diskrepanza fil-finanzjament tgħin fil-valutazzjoni tal-ħtieġa ta' finanzjament tal-UE fi proġetti ta' riċerka; jiddispjaċih f'dan ir-rigward li din mhijiex diġà proċedura standard;
18. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja l-proġetti pilota u l-proposti ta' azzjonijiet preparatorji fi ħdan il-mandat tal-Kumitat IMCO, li jgħinu jew itejbu s-suq uniku Ewropew kif ukoll it-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi Ewropej dwar il-prodotti u s-servizzi li jirċievu.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 29 -: 9 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoş, Markus Buchheit, Anna Cavazzini, Deirdre Clune, David Cormand, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Kateřina Konečná, Maria-Manuel Leitão-Marques, Antonius Manders, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Campomenosi, Claude Gruffat, Ivars Ijabs, Karen Melchior, Tsvetelina Penkova, Kosma Złotowski
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Paulo Rangel, Grzegorz Tobiszowski

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

29	+
ECR	Adam Bielan, Grzegorz Tobiszowski, Kosma Złotowski
ID	Alessandra Basso, Marco Campomenosi
PPE	Pablo Arias Echeverría, Deirdre Clune, Krzysztof Hetman, Antonius Manders, Paulo Rangel, Andreas Schwab, Ivan Štefanec, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann
Renew	Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoș, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Ivars Ijabs, Karen Melchior, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Brando Benifei, Biljana Borzan, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi, Christel Schaldemose

9	-
ID	Markus Buchheit, Virginie Joron
The Left	Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Anna Cavazzini, David Cormand, Alexandra Geese, Claude Gruffat, Kim Van Sparrentak

1	0
ECR	Eugen Jurzyca

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

20.9.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 – it-taqsimiet kollha 2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Ciarán Cuffe

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Transport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi s-settur tat-transport huwa essenzjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali u għall-koeżjoni tal-Unjoni, u biex jiżgura l-mobilità, l-aċċessibilità u l-konnettività għaċ-ċittadini kollha u għar-reġjuni kollha, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni periferiċi, rurali, insulari u ultraperiferiċi u żoni żvantaġġati oħra, li jiddependu minn konnessjonijiet bl-ajru u bil-baħar;
- B. billi t-transport irid jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-isforzi biex tintlaħaq in-newtralità klimatika fl-Unjoni kollha sal-2050 u jitnaqqsu l-kostijiet esterni assoċjati mat-transport inkluż it-tniġġis tal-arja u mill-istorbju; billi biex tinkiseb din il-bidla sistematika l-modi kollha tat-transport jeħtieġu l-inċentivi t-tajba biex imexxu t-tranżizzjoni b'mod teknoloġikament newtrali;
- C. billi t-transport bl-ajru u fuq l-ilma se jkollu sfidi akbar ta' dekarbonizzazzjoni fid-deċennji li ġejjin; billi minħabba n-nuqqas attwali ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero lesti għas-suq, l-iżvilupp twil u ċ-ċikli tal-ħajja tal-inġenji tal-ajru u l-bastimenti, l-investimenti neċessarji fit-tagħmir u l-infrastruttura tar-riforniment tal-fjuwil huma kruċjali, filwaqt li titqies il-kompetizzjoni internazzjonali f'dawn is-setturi;
- D. billi l-mobilità fl-Ewropa għandha tkun ibbażata fuq sistema tat-transport multimodali bi prezz raġonevoli, intelliġenti, effiċjenti u interkonnessa kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija, imsaħħa minn network u infrastruttura ferrovjarji ta' veloċità għolja bi prezz raġonevoli; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti;
- E. billi t-transport huwa kruċjali għat-tranżizzjonijiet ġusti, diġitali u ekoloġiċi u, biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura; billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li t-transport ikun aċċessibbli u bi prezz raġonevoli għaċ-ċittadini Ewropej kollha u li l-mobilità tagħhom bħala għodda vitali għall-ħajja ekonomika u soċjali tagħhom ma tkun limitata; billi partijiet mis-settur tat-transport qed jesperjenzaw nuqqas ta' ħaddiema u f'xi każijiet, il-

kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sikurezza jeħtieġ li jittejbu;

- F. billi d-diġitalizzazzjoni se ssir xprun indispensabbli għall-modernizzazzjoni tas-sistema kollha, u b'hekk tagħmilha bla xkiel, aktar effiċjenti u sikura; billi l-UE teħtieġ ukoll li tuża d-diġitalizzazzjoni biex tkompli żżid il-livelli ta' sikurezza, sigurtà, affidabilità u kumdità, u b'hekk iżżomm it-tmexxija tal-UE fil-manifattura u s-servizzi tat-tagħmir tat-trasport u ttejjeb il-kompetittività globali tagħna permezz ta' ktajjen loġistiċi effiċjenti u reżiljenti;
- G. billi s-settur tat-trasport qed jikkontribwixxi madwar 5 % għall-PDG tal-UE u jimpjega aktar minn 10 miljun ruħ fl-Unjoni; billi s-sistema tat-trasport hija kritika għan-negozji tal-UE u għall-ktajjen tal-provvista globali;
- H. billi s-setturi tat-trasport u tat-turiżmu jirrappreżentaw parti importanti mill-ekonomija tal-UE f'termini ta' PDG u impjiegi; u billi s-setturi tat-trasport u t-turiżmu u n-negozji kienu fost l-aġħar li ntlaqtu mill-kriżi tal-COVID-19 u mill-gwerra ta' aggressjoni illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi dawn is-setturi u n-negozji tas-settur jeħtieġu rispons koordinat fil-livell tal-UE, sostnut minn mezzi baġitarji adegwati;
- I. billi, fil-kuntest ekonomiku attwali kkaratterizzat minn tkabbir ekonomiku mrażżan, livelli ta' inflazzjoni għoljin bla preċedent u rati tal-imgħax li qed jiżdiedu, l-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport saru ferm aktar għaljin;
- J. billi t-trasport għadu qed jiffaċċja firxa wiesgħa ta' sfidi ta' finanzjament madwar l-UE: nuqqas ta' investiment, nuqqas ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament xierqa, infrastruttura li qed tiqdiem, riżervi ta' proġetti tat-trasport mhux żviluppati biżżejjed u mhux trasparenti, tkabbir kontinwu ta' popolazzjonijiet urbani, u ostakli regolatorji u amministrattivi;
- K. billi s-settur tat-trasport tal-Unjoni jeħtieġ li jsir indipendenti mis-sorsi tal-enerġija fossili Russi u jevita kwalunkwe dipendenza futura fuq pajjiżi jew reġjuni tad-dinja waħdanin għall-provvista kritika tal-enerġija, il-fjuwils jew il-materja prima, inkluż għall-produzzjoni ta' batteriji għall-użu f'vetturi elettriċi bil-batterija u soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija;
- L. billi l-Kummissjoni qed tkompli tintegra lill-Moldova u lill-Ukrajna fis-Suq Uniku tal-UE permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-finanzjament tal-infrastruttura; billi dan il-ftehim se jippermetti lill-promoturi tal-proġetti tal-Moldova u tal-Ukrajna japplikaw għal finanzjament tal-UE għal proġetti ta' interess komuni fl-oqsma tat-trasport, tal-enerġija u diġitali, filwaqt li jtejjeb il-konnettività tal-pajjiż mal-ġirien tiegħu fl-UE u se jippromwovi t-tkabbir, l-impjiegi u l-kompetittività;
- M. billi l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna tenfasizza l-fatt li n-network tat-trasport tal-UE ma jistax jitqies f'iżolament; billi t-trasport, u l-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna b'mod partikolari saru vitali għall-ekonomija tal-Ukrajna, u bħalissa huma l-unika għażla għall-Ukrajna biex tesporta l-prodotti mhux agrikoli tagħha lejn il-bqija tad-dinja, u biex timporta dak li teħtieġ, bħall-fjuwil u l-assistenza umanitarja;
- N. billi t-turiżmu huwa attività ekonomika essenzjali għall-Unjoni u jikkontribwixxi għat-tkabbir ta' ħafna setturi oħra b'aktar minn 10 % tal-PDG tal-UE; billi t-turiżmu jirrappreżenta aktar minn 11 % tal-forza tax-xogħol u għandu rwol importanti fil-

promozzjoni tal-impjiegi u l-benesseri soċjali, speċjalment fir-reġjuni tal-UE li jiddependu mit-turiżmu;

- O. billi l-abbozz ta' baġit tal-Unjoni għall-2024 juri li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali attwali ma jistax jissodisfa l-ħtiġijiet tal-Unjoni, ma għandux biżżejjed flessibbiltà biex jiffaċċja żviluppi mhux mistennija, mhuwiex kapaċi jiffinanzja kif xieraq il-prijoritajiet sussegwenti kollha tiegħu, speċjalment is-setturi tat-trasport, tal-ivvjaġġar u tat-turiżmu u ma jikkumpensax għal-livelli għoljin tal-inflazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' finanzjament sfavorevoli; billi din l-opinjoni hija maħsuba biex tistabilixxi għadd ta' prijoritajiet li jirriflettu l-marġini limitati ta' manuvra għall-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni għall-2024;
1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-finanzjament fit-tul meħtieġ tal-proġetti tat-trasport tal-Unjoni li jipprovdu mobilità u trasport interkonness, effiċjenti u bi prezz raġonevoli għaċ-ċittadini u l-merkanzija, u jħaffu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jemmen bis-sħiħ li r-rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali jrid ikun ambizzjuż biżżejjed biex jiżgura li l-għanijiet fit-tul tal-politika tat-trasport u l-prijoritajiet il-ġodda tal-Unjoni ma jiġux imminati minn riżorsi baġitarji inadegwati u inflazzjoni; u jiddispjaċih ferm li dan mhuwiex rifless fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rieżami tal-QFP;
 2. Ifakkar li l-infrastruttura transfruntiera hija s-sinsla tas-Suq Uniku, li tippermetti li l-prodotti, is-servizzi, in-negozji u ċ-ċittadini jiċċaqalqu b'mod liberu bejn il-fruntieri; itenni r-rwol kruċjali tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) biex jitlesta fil-waqt in-network trans-Ewropew għal appoġġ fil-qafas tal-Korsiji ta' Solidarjetà kif ukoll biex tinkiseb konnettività aktar b'saħħitha mas-sħab strateġiċi tagħna f'pajjiżi mhux tal-UE; jiddispjaċih ferm dwar it-tnaqqis fl-impjenji baġitarji tal-FNE-Trasport għall-2024 meta mqabbla ma' dawk għall-2023; jiddispjaċih dwar ir-riallokazzjoni tal-fondi mill-FNE għal oqsma bħall-Att dwar iċ-Ċipep u l-baġit eżekuttiv tal-Kummissjoni għall-komunikazzjoni; jenfasizza li kwalunkwe politika Ewropea ġdida trid tiġi b'baġit ġdid u mhux b'ċaqliq ta' fondi fil-QFP attwali; jirimarka li s-sottoskrizzjoni żejda tal-finanzjament tal-FNE, u l-eżawriment tal-finanzjament allokat jiġġustifikaw frontloading ta' finanzjament għall-FNE biex jiġu evitati nuqqasijiet; iħeġġeġ, għalhekk, żieda sostanzjali u rapida tal-pakkett tal-FNE biex jintlaħqu l-għanijiet ta' politika eżistenti u ġodda kollha;
 3. Jikkritika n-nuqqas ta' żieda fil-kontribuzzjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Trasport) għall-impjenji tal-mobilità militari, fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; jemmen li l-pakkett jeħtieġ li jiġi rinforzat aktar biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-Unjoni u tittejjeb il-mobilità militari tal-UE, speċjalment fil-punti ta' qsim tal-fruntieri mal-Ukrajna u l-Moldova; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jesploraw u jippreżentaw soluzzjonijiet biex tiżdied il-linja baġitarja tal-mobilità militari;
 4. Jilqa' ż-żieda fl-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni għall-FNE għat-trasport fl-2024 iżda jirimarka li l-persjonijiet inflazzjonarji jikkanċellaw din iż-żieda żgħira u għalhekk jitlob żieda addizzjonali;
 5. Jilqa' ż-żieda fir-raggruppament tal-Klima, l-Enerġija u l-Mobilità fil-qafas ta' Orizzont

Ewropa iżda jemmen li jkunu ġustifikati aktar żidiet; jiddispjaċih dwar it-tnaqqis fil-baġit għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa; ifakkar fl-importanza li jiġi żgurati li l-alleanzi industrijali u l-impriżi konġunti jaqblu mal-livell ta' responsabilità tagħhom u li jkunu ffinanzjati b'mod suffiċjenti;

6. Jišhaq li l-ġhodod leġislativi adottati biex jiġu żviluppati u introdotti fjuwils sostenibbli fis-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu mhumiex akkumpanjati mill-appoġġ finanzjarju xieraq, u, f'dan ir-rigward, jiddispjaċih dwar it-tnaqqis fil-baġit għall-Impriża Konġunta Avjazzjoni Nadifa;
7. Ifakkar fil-bidla modali lejn il-miri ferrovjarji stabbiliti fl-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti u jišhaq fuq l-importanza li dan jiġi rifless fil-baġit; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tingħata prijorità lill-investimenti f'modi ta' trasport sostenibbli, interkonnessi, effiċjenti, bi prezz raġonevoli u intelliġenti u fil-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi madwar l-Unjoni;
8. Jilqa' ż-żieda fil-kontribuzzjonijiet baġitarji għall-aġenziji tat-trasport tal-Unjoni – l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) u l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) – iżda jtenni li l-finanzjament għal dawn l-aġenziji għandu jilħaq il-livell ta' responsabilità tagħhom, bħal kompiti ġodda bħall-appoġġ għall-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni u marittimi sostenibbli, u l-oġettivi tal-politika tat-trasport tal-UE; jirrimarka li l-finanzjament għall-ERA għandu jiżdied biex jaqbel aktar ma' dak tal-EMSA u tal-EASA, speċjalment għat-tlestija u għall-implimentazzjoni tan-network TEN-T, b'mod partikolari fir-rigward tal-interoperabilità transfruntiera, it-titjib tas-sikurezza, iż-żieda fil-kompetittività u l-varar tal-ERTMS;
9. Ifakkar li kwalunkwe leġislazzjoni ġdida li tapplika għas-settur tat-trasport, bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u partikolarment l-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti, timplika responsabilitajiet addizzjonali għall-aġenziji tat-trasport tal-Unjoni; itenni li l-finanzjament adegwat ta' daww l-aġenziji huwa ferm aktar meħtieġ meta jitqiesu l-ħidma u l-kontribut tagħhom għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tat-trasport tal-Unjoni;
10. Jitlob lill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) tkompli bl-isforzi tagħha barra mill-UE, jiġifieri bil-ftuħ ta' uffiċċji ta' rappreżentanza ġodda f'reġjuni li sa issa jinsabu parzjalment mhux koperti bħall-Afrika u r-Reġjun tal-Golf; jilqa' l-isforzi addizzjonali tal-Aġenzija fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni billi nġhaqdet ma' Orizzont Ewropa u qed tipparteċipa fil-governanza tal-impriżi konġunti Avjazzjoni Nadifa u SESAR; iħeġġeġ lill-Aġenzija tiżviluppa Punt Ċentrali ta' Koordinament għall-SAF u skema ta' Ċertifikazzjoni tal-UE għall-istandards tal-fjuwil biex jipromwovu l-produzzjoni ta' sorsi tal-enerġija futuri għall-ġenerazzjoni li jmiss tal-inġenji tal-ajru u l-flotot eżistenti konformi mal-ogħla livell ta' protezzjoni ambjentali;
11. Jiddispjaċih li għal darb' oħra m'hemm l-ebda proposta dwar it-turiżmu, minkejja l-appelli dejjiema u regolari mill-Parlament Ewropew; itenni, barra minn hekk, it-talba tiegħu għall-ħolqien ta' aġenzija Ewropea għat-turiżmu.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	19.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 36 - : 2 0 : 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	José Ramón Bauzá Díaz, Erik Bergkvist, Izaskun Bilbao Barandica, Paolo Borchia, Karolin Braunsberger-Reinhold, Jakob G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Gheorghe Falcă, Carlo Fidanza, Isabel García Muñoz, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Peter Lundgren, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Jan-Christoph Oetjen, Rovana Plumb, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Massimiliano Salini, Achille Variati, Petar Vitanov, Lucia Vuolo, Roberts Zīle, Kosma Złotowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Pär Holmgren, Ljudmila Novak, Jutta Paulus, Andreas Schieder, Annalisa Tardino
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Matteo Adinolfi, Pietro Fiocchi, Niclas Herbst, Ondřej Kovařík, Francisco José Millán Mon, Dennis Radtke, Christian Sagartz, Petri Sarvamaa, Eugen Tomac

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

36	+
ECR	Carlo Fidanza, Pietro Fiocchi, Roberts Zīle, Kosma Zlotowski
PPE	Karolin Braunsberger-Reinhold, Gheorghe Falcă, Niclas Herbst, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Francisco José Millán Mon, Ljudmila Novak, Dennis Radtke, Christian Sagartz, Massimiliano Salini, Petri Sarvamaa, Eugen Tomac, Lucia Vuolo
Renew	José Ramón Bauzá Díaz, Izaskun Bilbao Barandica, Elsi Katainen, Ondřej Kovařík, Jan-Christoph Oetjen, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet
S&D	Erik Bergkvist, Isabel García Muñoz, Rovana Plumb, Thomas Rudner, Andreas Schieder, Achille Variati, Petar Vitanov
Verts/ALE	Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grünenberg, Pär Holmgren, Jutta Paulus

2	-
ECR	Peter Lundgren
The Left	Kateřina Konečná

3	0
ID	Matteo Adinolfi, Paolo Borchia, Annalisa Tardino

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

20.9.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 – it-taqsimiet kollha (2023/0000(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Juozas Olekas

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tal-EUR 53,76 biljun f'impenji u l-EUR 52,58 biljun f'pagamenti għall-agricoltura; madankollu, jitlob żieda fil-baġit meta jitqiesu l-isfidi li s-settur agroalimentari ffaċċja fl-2023 u li se jħallu riperkussjonijiet li għad iridu jiġu indirizzati b'mod effiċjenti fl-2024; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġjati aktar il-bdiewa u l-produtturi, speċjalment fil-kuntest tal-isfidi tat-tibdil fil-klima, il-ħtieġa ta' adattament għall-iżviluppi teknoloġiċi u l-fluttwazzjonijiet tas-suq fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, l-inflazzjoni u l-kriżi tal-enerġija, li qed ikollhom impatt sinifikanti fuq is-suq intern u b'mod partikolari fuq is-settur agroalimentari;
2. Jemmen li hija meħtieġa żieda fil-baġit sabiex tiġi salvagwardjata s-sigurtà tal-ikel fil-kuntest ta' avvenimenti klimatiċi estremi, bħal nixfiet fit-tul u reġim ta' preċipitazzjoni mmodifikat b'mod profond, u t-tfixkil determinat mill-importazzjonijiet agrikoli Ukreni, li l-istat tagħhom huwa kkaratterizzat minn volatilità akbar, kif muri mis-suspensjoni reċenti tal-inizjattiva tal-Baħar l-Iswed dwar iċ-Ċereali; jisħaq li dak il-baġit irid jiġi estiż, iżda wkoll jiżdiedu miegħu fondi ġodda, li jridu jakkumpanjaw l-inizjattivi l-ġodda kollha; jissottolinja li ġeneralment id-daqs ta' dan il-baġit huwa iżgħar meta mqabbel mal-2023 fir-rigward tal-ING tal-UE u anke jekk il-baġit tal-2024 huwa EUR 2.7 biljun aktar minn dak miftiehem għall-2023, iż-żieda ma tagħmilx tajjeb għal-livelli għoljin ta' inflazzjoni, li minn naħa rriżultat f'telf tal-valur ekonomiku tas-sussidji tal-PAK, u min-naħa l-oħra wasslet għal diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Iżvilupp Rurali;
3. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar "It-Titjib tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027: baġit tal-UE reżiljenti u adegwat għal sfidi ġodda"; jitlob reviżjoni urġenti tal-baġit fit-tul tal-UE biex jirreaġixxi b'mod aktar effettiv għall-ħtiġijiet li qed jevolvu, jindirizza d-diskrepanzi fil-finanzjament, iżid il-flessibbiltà u r-rispons għall-kriżijiet, u jipprova finanzjament ġdid għal prijoritajiet politiċi ġodda, jisħaq li l-ħlas lura tas-self tal-pjan ta' rkupru ma jipperikolax il-programmi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal lott ġdid ta' riżorsi ġodda malajr kemm jista' jkun;
4. Jiddispjaċih dwar it-tnaqqis sinifikanti f'linji baġitarji importanti bħall-iskema tal-iskejjel (tnaqqis ta' 12,2 % meta mqabbel mal-2021) u l-programm għall-bdiewa żgħażaġh (16,9 % meta mqabbel mal-2021), u jitlob li dawn il-programmi jingħataw spinta minflok;
5. Jenfasizza r-rwol essenzjali li għandha l-agricoltura biex jinkisbu l-oġġettivi tal-Unjoni tas-sigurtà tal-ikel, it-tkabbir sostenibbli, l-inklużjoni soċjali, it-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu, filwaqt li tgħin biex tiddiversifika l-produzzjoni agrikola, tippreserva l-bijodiversità u tiżviluppa ekonomiji lokali, oġġettivi kompatibbli mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli; jinsisti, għaldaqstant, li m'għandu jkun hemm ebda tnaqqis fil-baġit tal-agricoltura, speċjalment minħabba l-fatt li s-settur agrikolu spiss jiġi affettwat minn kriżijiet li jirrikjedu rispons

baġitarju;

6. Jinnota li, minbarra l-Politika Agrikola Komuni, il-fondi tal-politika ta' koezzjoni huma ta' importanza kbira għall-iżvilupp soċjoekonomiku taż-żoni rurali; jisħaq li l-investimenti minn dan is-sors jixprunaw l-iżvilupp taż-żoni rurali u jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja tal-abitanti, jappoġġja n-negozji u l-intraprenditorija, itejjeb is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol, u għandu l-potenzjal li jwaqqaf il-fluss 'il barra tal-migrazzjoni, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażaġh, minn żoni b'densità baxxa tal-popolazzjoni;
7. Jisħaq li l-baġit tal-Unjoni għall-2024 għandu jkun allinjat mal-ambizzjonijiet tal-Unjoni li ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050, kif ukoll mal-impenji internazzjonali tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Ftehim ta' Pariġi u l-Ftehim ta' Kunming-Montreal, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew;
8. Jitlob li, fid-dawl tar-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u tat-tnejjja ta' qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-fondi addizzjonali meħtieġa biex jappoġġjaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri għar-restawr tan-natura; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni, abbażi ta' din il-valutazzjoni tidentifika s-soluzzjonijiet potenzjali eżistenti u tipproponi t-twaqqif ta' fond ta' restawr permanenti u ddedikat;
9. Jirrimarka l-effetti kaskata negattivi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq is-sigurtà globali tal-ikel, l-affordabbiltà tal-ikel, speċjalment f'dawk ir-reġjuni tad-dinja li jiddependu ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-ikel bażiku mill-Ukrajna, fuq il-prezzijiet tal-komoditajiet u għalhekk fuq il-kostijiet tal-produzzjoni, fuq il-funzjonament bla xkiel tas-settur agroalimentari kollu, u l-istabbiltà tas-swieq agrikoli tal-UE, peress li l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna affettwat serjament il-prezzijiet tar-riżorsi meħtieġa għall-produzzjoni agrikola u ż-żieda fl-ispekulazzjoni fis-swieq tal-komoditajiet agrikoli; jesprimi t-ħassib tiegħu li dan il-kunflitt wassal, fost affarijiet oħra, għat-tfixkil tal-ktajjen tal-provvista, il-limitazzjoni tal-produzzjoni agrikola u ż-żieda fil-vulnerabbiltà għall-kriżijiet tal-ikel fir-reġjun; itenni l-ħtieġa li dawn il-kwistjonijiet jiġu indirizzati b'mod urġenti permezz ta' żieda fl-appoġġ tal-UE sabiex jiġi żgurat aċċess għal ikel suffiċjenti ta' kwalità tajba fis-suq tal-UE, u b'mod partikolari fiż-żoni milquta; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa urġenti li jiġi żgurat qafas finanzjarju xieraq fil-livell tal-UE biex jgħin lill-bdiewa, speċjalment lill-bdiewa żgħar u ta' daqs medju, joperaw b'mod effettiv, b'mod partikolari biex tiġi evitata kwalunkwe eskalazzjoni tal-kriżi tal-ikel u lakuni potenzjali fis-sigurtà tal-ikel; jisħaq fuq l-importanza dejjem tikber tas-sovranità tal-ikel u l-għalf;
10. Jilqa' l-fatt li r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali jagħti prijorità lill-assistenza lill-Ukrajna permezz tal-“Faċilità għall-Ukrajna”, bl-għan tagħha li tagħti appoġġ finanzjarju prevedibbli lill-Ukrajna matul il-perjodu 2024-2027; jinnota fl-istess ħin li l-influssi mhux ikkontrollati ta' prodotti agrikoli mill-Ukrajna lejn is-swieq agrikoli fl-Istati Membri tal-UE qrib il-kunflitt iddestabilizzaw is-swieq ta' dawn il-pajjiżi, speċjalment fis-setturi taċ-ċereali, taż-żrieragħ żejtnin u tal-frott artab; jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni biex issolvi l-kriżi sussegwenti u jħeġġiġha timmonitorja b'mod kostanti s-sitwazzjoni f'dawn is-swieq sabiex, jekk ikun meħtieġ,

il-Kummissjoni tkun lesta tintroduċi miżuri ġodda mingħajr dewmien żejjed;

11. Jenfasizza l-importanza tar-riżerva għall-kriżijiet biex tiffinanzja miżuri eċċezzjonali għal avvenimenti klimatiċi u disturbji fis-suq u l-fatt li din intużat ripetutament biex tappoġġja lill-bdiewa fl-Istati Membri, li huma l-aktar affettwati minn disturbji fis-suq provokati mill-gwerra illegali tar-Russja kontra l-Ukrajna; jisħaq li l-miżuri adottati s'issa fl-2023 se jkunu parzjalment koperti mir-riżerva agrikola tal-2024 u li jista' jkun hemm bżonn ta' aktar appoġġ peress li l-qamħ tal-Baħar l-Iswed ma ġġeddidx, u peress li dan se jpoġġi pressjoni saħansitra ikbar fuq is-swieq agrikoli u l-infrastruttura tal-portijiet tal-Istati Membri tal-UE li jinsabu max-xatt tax-xmara; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni taħseb b'mod urġenti dwar alternattivi finanzjarji għar-riżerva tal-PAK għall-kriżijiet, li diġà ntużat, filwaqt li tiżgura li l-pagamenti diretti lill-bdiewa ma jintlaqtux; ifakkar, madankollu, li r-riżerva għall-kriżijiet tikkonsisti biss f'madwar EUR 3 għal kull ettaru ta' art agrikola fl-UE;
12. Jinnota li parti mill-qamħ Ukren għall-esportazzjoni qed jibqa' fis-suq tal-UE, li jwassal għal telf sinifikanti għall-bdiewa f'xi Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-allokkazzjonijiet finanzjarji għal dawn il-pajjiżi sabiex tiġi installata kapaċità ta' ħżin addizzjonali fil-portijiet u tiġi appoġġjata l-infrastruttura lokali, bl-għan li jiġi żgurati it-tranżitu tal-qamħ Ukren lejn id-destinazzjoni finali tagħhom;
13. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġu żgurati marġnijiet wesgħin biżżejjed taħt il-limiti massimi biex ilaħħqu ma' ċirkostanzi mhux previsti fis-settur agroalimentari;
14. Jissottolinja li l-inflazzjoni kienet ħafna ogħla mid-deflatur ta' 2 % previst fil-QFP, u li dan mhux se jikkompensa għat-telf tal-valur ikkawżat mill-inflazzjoni; dan affettwa l-kapaċità tax-xiri tal-konsumaturi u poġġa pressjoni addizzjonali fuq il-produtturi u impona aktar pressjoni fuq il-profittabbiltà tal-bdiewa, speċjalment il-bdiewa fuq skala żgħira u l-bdiewa żgħażaġh, li qed jiffaċċjaw spejjeż dejjem akbar; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li din ir-realtà titqies fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki finanzjarji u ekonomiċi tal-UE; jenfasizza l-fatt li l-baġit tal-PAK fil-QFP 2021-27 diġà huwa aktar baxx milli fil-perjodu ta' ppjanar preċedenti u li l-inflazzjoni għolja tkompli tnaqqas il-finanzjament disponibbli għall-bdiewa partikolarment fil-baġit tal-PAK; jenfasizza li s-sussidji mogħtija permezz tal-PAK jistgħu ma jibqgħux attraenti peress li r-rekwiżiti għall-bdiewa jiżdiedu fil-komplessità filwaqt li l-benefiċċji finanzjarji jonqsu; jenfasizza li r-reviżjoni tal-QFP għandha tindirizza dawn in-nuqqasijiet kollha;
15. Jissottolinja l-ħtieġa ta' distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ tal-PAK fi ħdan u bejn l-Istati Membri u jitlob appoġġ addizzjonali għall-bdiewa fl-Istati Membri bl-aktar pagamenti diretti baxxi, billi, fost l-oħrajn, jitħaffef il-proċess tal-istabilizzar tal-appoġġ tal-PAK qrib tal-medja tal-UE, sabiex jiġi stabbilizzat l-introjtu tagħhom u tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jifilħu għall-pressjonijiet inflazzjonarji u ż-żieda fil-prezzijiet tal-input;
16. Jitlob appoġġ addizzjonali għall-Istati Membri l-aktar affettwati mill-impatt tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna; jiġġustifika dawn it-talbiet bil-fatt li l-Istati inkwistjoni huma partikolarment vulnerabbli għall-fluttwazzjonijiet ekonomiċi u jeħtieġu assistenza addizzjonali biex jiżguraw l-istabbiltà, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur agrikolu tagħhom; jipproponi miżuri konkreti, bħal żieda fil-finanzjament għal sussidji agrikoli, l-iffaċilitar tal-aċċess għall-kreditu u l-assistenza teknika biex il-bdiewa jiġu meġġuna

jimmaniġġjaw ir-riskji b'mod aktar effettiv u jiġi evitat il-periklu ta' rilokazzjoni tal-attivitajiet agrikoli minn dawk il-pajjiżi lejn pajjiżi oħra ġewwa jew barra l-UE;

17. Iqis li l-isfida demografika tal-popolazzjoni li qed tixjieħ hija ta' tħassib partikolari fiż-żoni rurali u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li t-tiġdid ġenerazzjonali, bħala l-muftieħ għas-sostenibbiltà soċjali, ekonomika u ambjentali taż-żoni rurali u l-awtonomija alimentari tal-UE, il-futur tal-agrikoltura u l-mudell tradizzjonali tal-biedja tal-familja, jikkostitwixxi, fost affarijiet oħra, prijorità għolja fil-perjodu ta' programmazzjoni futur tal-PAK, jenfasizza l-ħtieġa għal miżuri mmirati biex jappoġġjaw negozji ġodda minn bdiewa żgħażaġh, jiffaċilitaw id-dħul tagħhom fil-biedja u jiffaċilitaw l-akkwist tal-azjendi agrikoli miż-żgħażaġh u min-nisa peress li dawn għandhom rwol fundamentali fiż-żamma tar-reżiljenza ekonomika taż-żoni rurali, u jindirizzaw l-eżodu rurali; jappella għal appoġġ aktar solidu u aktar inċentivi f'dik id-direzzjoni; jappella, b'mod partikolari, li jissaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażaġh u li jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-art u għall-kreditu; dan l-appoġġ għandu jinkludi miżuri li jiffaċilitaw it-tranżazzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-proprjetà, u b'mod partikolari għajna għaż-żgħażaġh biex jiksbu self, aċċess rapidu għall-assistenza teknika u taħriġ aħjar bi tħejjija għall-isfidi speċjali involuti fil-biedja; jisħaq ukoll fuq l-importanza li jinżamm dialogu kontinwu mal-bdiewa żgħażaġh sabiex ikun hemm ftehim aħjar tal-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom; jitlob li jittejjbu l-iskemi ta' taħriġ għall-bdiewa żgħażaġh u jħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jżidu l-appoġġ għall-bdiewa żgħażaġh fil-Baġit Ġenerali 2024;
18. jinnota l-ħtieġa li qed tikber ta' professjonisti żgħażaġh bi kwalifiki għolja fir-reġjuni, u jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa, inklużi inċentivi finanzjarji, biex iż-żgħażaġh jiġu mħeġġa jistudjaw il-professjonijiet agrikoli, kif ukoll biex jiffaċilitaw it-trasferiment tal-għarfien minn persuni akbar fl-età għall-ġenerazzjoni aktar zaġżuġha;
19. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni kompliet tiżviluppa metodoloġija biex tintraċċa l-infiq relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-QFP 2021-2027, li tħares lejn it-tfassil tal-politika u l-allokazzjoni tar-riżorsi u b'mod partikolari l-preżentazzjoni ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneru ex post fuq livell aktar granulari u r-rappurtar dwar il-volumi; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt fir-rigward tal-ġeneri b'mod olistiku u tassigura mod kif id-data rilevanti kollha tkun disponibbli għat-traċċar;
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw riżorsi baġitarji biex ifasslu u jimplimentaw miżuri għall-ġlieda kontra d-disparitajiet bejn il-ġeneri; jinnota l-ħtieġa kruċjali li l-intraprendituri nisa fiż-żoni rurali jingħataw ambjent favorevoli, anki minn perspettiva ġuridika u politika, li jwassal għal aċċess akbar għall-informazzjoni, l-għarfien u l-ħiliet, kif ukoll jiffaċilita l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji, li jwassal għall-ħolqien ta' aktar impjiegi fiż-żoni rurali;
21. Jenfasizza l-importanza ta' mekkaniżmi ta' appoġġ ridistributtiv għall-introjtu meta jingħata appoġġ lil azjendi agrikoli iżgħar u ta' daqs medju u biex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta u ekwa tal-fondi tal-Unjoni, speċjalment miżuri għall-bdiewa żgħażaġh involuti fi prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent; jenfasizza li l-azjendi agrikoli iżgħar u ta' daqs medju għandhom rwol kruċjali fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, fil-ħolqien u l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista qosra, fil-protezzjoni tal-

ambjent u fl-appoġġ għall-ekonomiji rurali; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat appoġġ finanzjarju xieraq biex jgħin lil dawn l-azjendi agrikoli jsiru aktar reżiljenti u biex jadattaw għall-użu ta' teknoloġiji ġodda fis-settur agrikolu sabiex isiru aktar kompetittivi fis-swieq nazzjonali, Ewropej u internazzjonali; jitlob għal enfasi fuq proġetti li jippromwovu u jtejbu s-salvagwardja tal-impjiegi eżistenti fis-settur tal-agrikoltura u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità bi drittijiet adegwati u pagi ġusti u kundizzjonijiet tax-xogħol stabbli u diċenti, kif ukoll li jiġġieldu b'mod effettiv u deċiżiv il-faqar u l-esklużjoni soċjali fiż-żoni rurali;

22. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi pprovdut finanzjament biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija sostenibbli fiż-żoni rurali, pereżempju permezz ta' investiment f'impjanti tal-bijogass, li għandhom il-potenzjal li jnaqqsu l-faqar enerġetiku, b'mod partikolari fiż-żoni l-anqas żviluppati;
23. Jisħaq fuq l-importanza ta' finanzjament suffiċjenti għar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur agroalimentari, speċjalment għall-iżvilupp ta' prattiki tal-biedja sostenibbli u b'mod partikolari permezz tal-programm Orizzont Ewropa u s-Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni (EIPs), filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa jkunu involuti f'din ir-riċerka; ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka jilħqu l-livell tal-azjendi agrikoli fil-ħin, li l-bdiewa jkunu mħarrġa kif xieraq biex jimplementawhom u li dawn ir-riżultati jissarrfu f'servizzi ta' konsulenza għall-azjendi agrikoli aċċessibbli li jipprovdu informazzjoni aġġornata u mfassla apposta lill-bdiewa; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-għarfien lill-bdiewa u bejniethom, speċjalment sabiex jitrawmu l-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività fl-agrikoltura; jissottolinja r-rwol ta' sistemi ta' għarfien u innovazzjoni agrikoli aktar b'saħħithom (AKIS), kif ukoll tan-Network tad-Data dwar is-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli (FSDN), biex jiġu inkoraġġiti proġetti ta' innovazzjoni u jinfirex l-użu tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tipprovi biżżejjed appoġġ finanzjarju għal aktar użu ta' soluzzjonijiet intelliġenti u innovattivi fis-settur tal-agrikoltura, minħabba l-benefiċċji ambjentali potenzjali tagħhom u minħabba l-ħtieġa għal aktar effiċjenza agrikola; iqis li biedja preċiża flimkien mal-użu tad-diġitalizzazzjoni għandhom jiġu analizzati u promossi aktar; jisħaq li xokk reali tal-investiment se jkun fattur essenzjali li jikkontribwixxi għall-ekotranzizzjoni tal-mudell ta' produzzjoni agrikola Ewropea;
24. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati sħubijiet bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-organizzazzjonijiet agrikoli sabiex jiġu stimolati l-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u prattiki ġodda li jtejbu l-produttività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-settur agroalimentari;
25. Ifakkar fl-importanza li jiġi żgurat li r-riżultati tar-riċerka jilħqu l-livell tal-azjendi agrikoli; jisħaq li l-ostakli bħan-nuqqas ta' standardizzazzjoni tal-formati tad-data jridu jiġu eliminati sabiex id-data agrikola tkun tista' tintuża b'mod effiċjenti u sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tagħha;
26. Jilqa' l-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, li hija kruċjali biex tiġi żgurata r-reżiljenza u tiġi indirizzata d-depopolazzjoni ta' dawn iż-żoni u biex ikun hemm sistemi agrikoli aktar preċiżi, effiċjenti u sostenibbli fl-UE bi prestazzjoni ambjentali ogħla, kif ukoll biex tiżdied l-attraenza tal-impjiegi fl-agrikoltura u fil-komunitajiet rurali għall-ġenerazzjonijiet iżgħar; jisħaq li t-

trasformazzjoni diġitali fiż-żoni rurali teħtieġ aktar appoġġ; ifakkar li l-bdiewa għandu jkollhom aċċess għal soluzzjonijiet diġitali, avvanzati teknoloġiċi u żviluppi fl-intelliġenza artifiċjali. F'dan ir-rigward, appoġġ finanzjarju suffiċjenti huwa kruċjali biex tiġi żgurata trasformazzjoni diġitali ġusta li tipprevjeni milli jiġgravaw id-disparitajiet bejn ir-reġjuni; jinnota l-importanza kontinwa tal-appoġġ għall-investimenti fil-modernizzazzjoni u l-innovazzjoni biex is-settur agrikolu jikkontribwixxi ħalli jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija għall-Bijodiversità u l-Istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt”;

27. Jenfasizza r-rwol importanti tal-kooperattivi agrikoli, u jistieden lill-Istati Membri jipprovdu aktar appoġġ lis-settur kooperattiv biex jiżviluppa skemi ta' inċentivi għat-twaqqif ta' kooperattivi ġodda, li jgħinu biex tingħata spinta lill-kompetittività tas-settur agroalimentari u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali taż-żoni rurali filwaqt li jiġi żgurat li jittaffa l-piż amministrattiv bla bżonn; jisħaq li din il-kollaborazzjoni tista' tgħin lill-membri tal-kooperattivi jadattaw b'mod aktar faċli għat-tibdil fil-klima, iżidu l-effiċjenza u jiddiversifikaw il-produzzjoni tagħhom; jenfasizza l-fatt li dawn l-organizzazzjonijiet jaqdu rwol kruċjali fit-titjib tal-effiċjenza ekonomika u l-produttività, fil-promozzjoni tal-innovazzjoni u fit-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien fiż-żoni rurali; iħeġġeġ ukoll l-adozzjoni ta' miżuri li jipproteġu u jsaħħu d-drittijiet u l-interessi tal-membri tal-kooperattivi agrikoli; tali appoġġ jista' jinkludi programmi edukattivi u taħriġ fil-ġestjoni moderna tal-intrapriżi kooperattivi u fil-prinċipji finanzjarji u tal-kummerċjalizzazzjoni, sabiex tiżdied l-attraenza ta' din il-forma ta' assoċjazzjoni tal-bdiewa fil-livell lokali;
28. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-inizjattivi ta' Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità fiż-żamma u r-restawr ta' ekonomiji rurali lokali haġġin u li qed jirnexxu, u l-ħtieġa li jinżamm livell suffiċjenti ta' finanzjament għall-programm LEADER; jistieden lill-Istati Membri jużaw bis-sħiħ il-kapaċitajiet tal-programm LEADER;
29. Ifakkar li l-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) bdiet f'Jannar 2023, bl-istabbiliment tal-arkitettura ekoloġika l-ġdida tal-PAK u haġġet pass importanti fit-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel aktar sostenibbli fl-UE, fost affarijiet oħra billi introduċiet il-ħtieġa li l-bdiewa jallokaw riżorsi sinifikanti biex jilħqu l-oġettivi ambjentali, inkluż permezz tal-ekoskemi; jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ bir-reqqa tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-PAK fir-rigward tal-piż amministrattiv u burokratiku li jiġġeneraw u l-impatt tagħhom fuq il-volum tal-produzzjoni agrikola tal-UE, il-fluwidità u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel; jisħaq li dan il-monitoraġġ għandu jiffoka mhux biss fuq il-konformità mar-regolamenti tal-UE, iżda wkoll fuq l-effetti konkreti ta' dawn il-pjanijiet fuq il-bdiewa, speċjalment l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju u l-bdiewa żgħażaġh; jistieden lill-Kummissjoni tiżvolġi rwol attiv f'dan il-proċess u taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tiżgura li l-PAK tiġi implimentata b'mod effiċjenti u korrett u li l-bdiewa jkunu infurmati kif xieraq dwar l-ġhodod disponibbli għalihom permezz tal-PAK; iħeġġeġ lill-Istati Membri jtejbu l-kwalità tad-data u l-indikaturi rrapportati lill-Unjoni sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-PAK il-ġdida bbażata fuq il-prestazzjoni u jivvalutaw b'mod preċiż l-impatt tagħha.
30. Jitlob li jsir dibattitu usa' dwar il-futur tal-agrikoltura fl-UE, inkluż dwar kif is-settur jista' jiġi riformat biex jiffaċċja sfidi futuri bħat-tibdil demografiku, it-tibdil fil-klima u

d-diġitalizzazzjoni;

31. Jinsisti li kwalunkwe dħul għall-baġit tal-Unjoni derivat minn kwalunkwe dħul assenjat jew ħlas lura ta' irregolaritajiet mill-agrikoltura fis-snin preċedenti għandu jibqa' taħt l-Intestatura 3;
32. Ifakkar li, skont ir-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri, l-infiq fuq il-klima fil-baġit għall-2014-2019 ma kienx għoli daqs kemm ġie rrapportat, u li kwistjonijiet ta' affidabbiltà jistgħu jibqgħu fir-rapportar tal-Kummissjoni għall-perjodu 2021-2027, meta l-mira l-ġdida tal-UE għall-infiq fuq il-klima se tiżdied għal 30 %, jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar il-kontribut li sar mill-infiq fuq il-klima għall-oġġettivi tal-UE dwar il-klima u l-enerġija, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq il-kejl tal-impatt tal-baġit fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tirrieżamina l-metodoloġija tal-obbligu ta' rendikont tal-integrazzjoni tal-klima, biex tippermetti teħid ta' deċiżjonijiet aħjar biex tiġi żgurata tranżizzjoni sħiħa lejn settur agrikolu sostenibbli;
33. Jemmen li l-UE tista' tagħmel kontribut vitali għall-promozzjoni ta' drawwiet tal-ikel li jagħmlu ġid lis-saħħa, speċjalment fost it-tfal, u għalhekk iqis li huwa essenzjali li jsir użu sħiħ tal-limiti massimi previsti għall-iskemi tal-Unjoni għall-iskejjel; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jsaħħu l-programmi nazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw l-utilizzazzjoni sħiħa tal-allokazzjonijiet massimi disponibbli billi jstabbilixxu programmi inqas burokratiċi;
34. Ifakkar fir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kunflitt ta' interess fl-infiq agrikolu u tal-koeżjoni tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni biex ittejjeb il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u r-rapportar tal-kunflitti ta' interess, u tippromwovi t-trasparenza;
35. Jistieden lill-Kummissjoni tħaddan livell adegwat ta' finanzjament sabiex tippreserva l-istatus sanitarju u fitosanitarju għoli fl-UE, u jirrifjuta kwalunkwe tnaqqis fir-rati ta' kofinanzjament għall-programmi sanitarji u l-ġlieda kontra l-mard emerġenti, li jista' jipperikola s-saħħa tal-annimali u tal-pjanti u b'hekk is-saħħa tal-bniedem fl-UE;
36. Jirrimarka l-potenzjal sinifikanti tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola bbażat fuq ir-riżultati biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima permezz tas-sekwestru tal-karbonju u l-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi;
37. Jenfasizza l-valur li l-ekonomija ċirkolari u s-setturi agrikoli li jaħdmu skont il-prinċipji tagħha jistgħu jgħibu biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, iħeġġeġ proġetti pilota biex jittejjeb l-għarfien u jiżdied il-fehim tal-benefiċċji possibbli tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari għas-sistema Ewropea tal-ikel;
38. Jafferma mill-ġdid is-sinifikat tal-iskema tal-Unjoni ta' frott, ħaxix u ħalib fl-iskejjel biex tgħin lit-tfal isegwu dieta tajba għas-saħħa, b'enfasi fuq in-nutrizzjoni; jistieden lill-Istati Membri jużaw bis-sħiħ l-allokazzjonijiet tagħhom u jagħtu prijorità lill-produtturi sostenibbli, lokali u ta' kwalità għolja;
39. Jisħaq fuq l-importanza tal-Korsiji ta' Solidarjetà biex jiġi żgurat li l-qamħ Ukren ikun jista' jilħaq il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, jappoġġja l-ekonomija tal-Ukrajna u jipprevjeni kriżi globali tal-ikel; jinnota, madankollu, l-impatt taż-żieda qawwija fit-traffiku, u

jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi finanzjament għat-tishiĥ u t-titjib tal-infrastruttura rilevanti.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	19.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 -: 4 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoş Benea, Benoît Biteau, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Dacian Cioloş, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, José Manuel Fernandes, Paola Ghidoni, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Camilla Laureti, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Eugenia Rodríguez Palop, Daniela Rondinelli, Bronis Ropé, Bert-Jan Ruissen, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Veronika Vrecionová, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Rosanna Conte, Peter Jahr, Petros Kokkalis, Tilly Metz, Michaela Šojdrová, Irène Tolleret, Emma Wiesner

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

41	+
ECR	Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
ID	Angelo Ciocca, Rosanna Conte, Paola Ghidoni, Gilles Lebreton
NI	Dino Giarrusso
PPE	Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, José Manuel Fernandes, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Marlene Mortler, Anne Sander, Petri Sarvamaa, Simone Schmiedtbauer, Michaela Šojdrová, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Dacian Cioloș, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Ulrike Müller, Irène Tolleret, Asger Christensen
S&D	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-Dragoș Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Camilla Laureti, Maria Noichl, Juozas Olekas, Daniela Rondinelli
The Left	Petros Kokkalis, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Bronis Ropé

4	-
Verts/ALE	Benoît Biteau, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Tilly Metz

2	0
ID	Ivan David
Renew	Emma Wiesner

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

19.7.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 – it-taqsimiet kollha (2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Pierre Karleskind

SUĖĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni:

1. Ifakkar fl-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tas-sajd, l-akkwakultura u l-affarijiet marittimi; jisħaq fuq ir-rwol essenzjali tagħhom mhux biss biex jiżguraw is-sovranità tal-ikel u r-reżiljenza tal-ekosistemi tal-baħar u tas-sistemi tal-ikel iżda wkoll biex jagħtu spinta lill-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli li tiżviluppa fi ħdan il-limiti ekoloġiċi u biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp u r-rivitalizzazzjoni taż-żoni kostali, speċjalment fir-reġjuni ultraperiferiċi; huwa tal-fehma li ż-żamma tal-pożizzjoni kompetittiva tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura trid timxi id f'id mal-kisba tal-oġġettivi soċjali, ambjentali u ekonomiċi stabbiliti fil-politika komuni tas-sajd (PKS) kif ukoll fil-Patt Ekoloġiku u fl-istrateġiji sussegwenti;
2. Ifakkar fl-effetti fuq il-katina tal-provvista tal-ikel, l-ispejjeż tal-fjuwil u l-volatilità tal-prezzijiet ikkawżati mill-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-impatti tagħha fuq l-attivitajiet tas-sajd tal-UE u l-ġhajxien tas-sajjieda, speċjalment fil-Baħar l-Iswed;
3. Jisħaq li l-aggressjoni militari tar-Russja wasslet għal tfixkil sinifikanti fil-flussi kummerċjali u żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, li laqtet b'mod partikolarment iebes lis-sajd fuq skala żgħira, u li għaliha ntab l-użu ta' miżuri ta' kriżi tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) biex jiġu mmitigati l-effetti tal-inflazzjoni għas-sajjieda, il-produtturi u l-konsumaturi;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi sinerġiji bejn is-servizzi tal-Istati Membri u l-atturi lokali, inklużi s-sajjieda, biex tindirizza b'mod xieraq l-isfidi relatati mal-kompetizzjoni għall-ispazju marittimu bil-ħsieb li tiġi żgurata l-koeżistenza armonjuża ta' attivitajiet marittimi differenti, speċjalment l-attivitajiet tas-sajd;
5. Jinsisti li trid tingħata attenzjoni speċjali lill-flotot tas-sajd sabiex jittejjbu s-sikurezza, il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien abbord, l-effiċjenza enerġetika u s-sostenibbiltà ambjentali, inkluż it-tiġdid tal-flotot u b'attenzjoni speċjali għall-flotta tas-sajd fuq skala żgħira,

filwaqt li tiġi żgurata r-reżiljenza soċjali u ekonomika tal-komunitajiet li jiddependu minnhom; itenni li dan jista' jikkontribwixxi biex is-settur tas-sajd isir aktar attraenti u sostenibbli u jeħtiġilna li ma nħalltuhx mal-espansjoni tal-flotta jew maż-żieda fil-kapaċità tas-sajd jew il-kapaċità li jinqabad il-ħut;

6. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tipproponi azzjonijiet ulterjuri biex jiżdied is-sehem globali tal-produzzjoni sostenibbli tal-akkwakultura tal-UE, li tikkontribwixxi għall-provvista ta' proteina akkwatika ta' kwalità għolja u b'impronta tal-karbonju baxxa; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħmlu użu sħiħ mir-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-FEMSA sabiex b'mod sostenibbli jagħtu spinta lit-tkabbir tas-sehem tal-produzzjoni tal-akkwakultura globali ta' dan is-settur oġġla mit-2 % attwali tiegħu permezz ta' miri speċifiċi, aċċettabbli u kondiviżi għall-2030; ihegġegħ lill-Istati Membri jallokaw biżżejjed finanzjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza, inkluż kontra l-predaturi, tas-settur tal-akkwakultura tal-UE, bħall-għalf għall-bhejjem supplimentari b'impronta ambjentali u klimatika iżgħar u li jikkontribwixxi biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-fracass tal-fdal tal-ħut;
7. Ifakkar li, bħala riżultat tal-Brexit, is-settur tas-sajd tal-UE għadu qed jesperjenza tfixkil ekonomiku konsiderevoli; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex bħala kwistjoni ta' prijorità, tiżgura kumpens proporzjonat biex tikkumpensa l-ħsara mġarrba mis-settur u mill-komunitajiet tas-sajd; jinsisti li l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li tali kumpens jasal għand is-sajjieda malajr kemm jista' jkun;
8. Ihegġegħ lill-Istati Membri jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) u jistieden lill-Kummissjoni testendi l-iskadenza biex tkopri kompletament il-perjodu ta' aġġustament sat-30 ta' Ġunju 2026, u b'hekk tippermetti lis-sajjieda, inkluż lis-sajjieda fuq skala żgħira, jibbenefikaw bis-sħiħ mir-riżorsi tagħha; jinsisti li l-BAR għandha tintuża wkoll biex tgħin lis-setturi tal-bejgħ bl-ingrossa u tal-ipproċessar, li ntlauptu ħażin minn din il-kriżi; jisħaq li r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għandha tiffinanzja firxa ta' miżuri biex jindirizzaw l-impatti tal-Brexit li jvarjaw mill-waqfien permanenti mill-attivitajiet tas-sajd sal-investment fihom sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tas-sajd;
9. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jittejjeb l-għarfien xjentifiku u tekniku sabiex jiġu żgurati l-iżvilupp u l-użu tal-aktar soluzzjonijiet affidabbli bbażati fuq ir-riċerka; itenni l-importanza li jiġu garantiti riżorsi finanzjarji suffiċjenti għall-entitajiet xjentifiċi tal-Istati Membri u Ewropej sabiex ikunu jistgħu jiġbru, jimmaniġġjaw, janalizzaw, jużaw u jiskambjaw data tas-settur tas-sajd u jinvestu fir-riċerka dwar tekniki tas-sajd innovattivi u aktar selettivi miftuħin għat-teknoloġija;
10. Jiġbed l-attenzjoni għad-dimensjoni internazzjonali tal-PKS u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiddeka riżorsi adegwati għall-governanza tal-oċeani; jisħaq fuq l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali, it-trasparenza, it-traċċabbiltà u kundizzjonijiet ekwi għat-tweqqiq tal-impenji tal-UE;
11. Iwiegħed l-appoġġ tiegħu għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), li għandu l-għan b'mod partikolari li jelimina l-frott tal-baħar maqbud illegalment mill-ktajjen tal-provvista tal-UE u li jiżgura kundizzjonijiet ekwi għas-

sajjieda Ewropej; jitlob għalhekk li jkun hemm finanzjament adegwat u miżjud għall-politika tal-UE fil-ġlieda kontra s-sajd IUU madwar id-dinja, inkluż billi jissaħħu l-kontrolli fuq il-prodotti fil-fruntieri tal-UE jew l-għajjnuna għall-iżvilupp u billi tizzied il-kooperazzjoni mal-forzi navali nazzjonali; jinnota li mill-pakkett allokat għall-kontroll ta' EUR 488 miljun previsti mill-FEMS 2014–2020, intużaw biss EUR 296 miljun u dan ifisser li madwar 40 fil-mija tal-pakkett ma intużax; għaldaqstant jappella biex il-baġit allokat għall-kontroll tas-sajd jintuża kollu kemm hu biex jiġi implimentat ir-Regolament ta' riforma li jmiss (KE) Nru 1224/2009 dwar il-kontroll tas-sajd li ntlaħaq qbil dwaru fit-trilogu;

12. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titlu "Dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE" (COM(2023)0100); jistieden lill-Kummissjoni tiffinanzja b'mod adegwat miżuri li għandhom l-għan li effettivament jagħmlu l-flotta tal-UE inqas dipendenti fuq il-fjuwils fossili u aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, tiffinanzja r-riċerka dwar l-adattament ta' sistemi ta' propulsjoni b'emissjonijiet zero, bħall-e-fjuwils, il-propulsjoni mir-riħ u l-batteriji, għall-użu fuq bastimenti tas-sajd u b'tipi differenti ta' rkaptu;
13. Jisħaq fuq l-importanza tal-monitoraġġ biex jiġu żgurati l-objettivi tal-PKS; jissottolinja r-rwol tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-UE, u speċjalment fl-iskoraġġiment u t-trażżin tas-sajd IUU fl-ilmijiet Ewropej kif ukoll fil-livell globali, li jirrikjedi finanzjament aktar ambizzjuż fit-tul jekk iridu jintlaħqu l-objettivi tal-PKS; jistieden lill-Kummissjoni tlaħħam l-arranġament ta' ħidma tripartitiku bejn l-EFCA, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex);
14. Jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali, inkluż id-diversifikazzjoni tal-professjoni, huwa waħda mill-prijoritajiet tas-settur tas-sajd Ewropej; jistieden lill-Istati Membri jużaw il-FEMSA biex jiffinanzjaw programmi mfassla speċifikament ħalli jgħinu liż-żgħażaġh għal professjonijiet fis-sajd, u fis-settur usa' tal-ekonomija blu sostenibbli, biex irendu s-settur aktar varjat u jinkoraġġixxu persuni minn gruppi sottorappreżentati, b'mod partikolari lin-nisa, biex jidħlu fis-settur; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tappoġġja l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi baġitarji biex tadatta u ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xoġhol abbord il-bastimenti tas-sajd u timplimenta proġetti li jappoġġjaw il-ħolqien ta' assoċjazzjoni ta' sajjieda żgħażaġh Ewropej;
15. Itenni l-ħtieġa li jingħata appoġġ sostanzjali liż-żoni kostali żvantaġġati u lir-reġjuni ultraperiferiċi Ewropej. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tippermetti appoġġ finanzjarju għat-tiġdid tal-flotta fir-reġjuni ultraperiferiċi Ewropej billi ttemm il-projbizzjoni fuq l-għajjnuna mill-Istat għas-sostituzzjoni tal-bastimenti. Ifakkar li, kuntrarjament għad-dispożizzjonijiet tal-FEMSA, dan l-objettiv għadu ma rċieva ebda finanzjament Ewropej f'xi reġjun ultraperiferiku.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	18.7.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, François-Xavier Bellamy, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Niclas Herbst, Ladislav Ilčić, France Jamet, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Ana Miranda, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Annie Schreijer-Pierik, Marc Tarabella
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ska Keller, Gabriel Mato, Stéphanie Yon-Courtin
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Elsi Katainen, Margarida Marques

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

20	+
ECR	Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen
ID	Rosanna Conte, France Jamet
NI	Marc Tarabella
PPE	François-Xavier Bellamy, Maria da Graça Carvalho, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Annie Schreijer-Pierik
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Elsi Katainen, Stéphanie Yon-Courtin
S&D	Clara Aguilera, Isabel Carvalhais, Margarida Marques, Predrag Fred Matić
Verts/ALE	Ana Miranda

0	-

3	0
Verts/ALE	Rosa D'Amato, Ska Keller, Caroline Roose

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

2.10.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 – it-taqsimiet kollha

(COM(2023)0300 – C9-0336/2023 – 2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Morten Løkkegaard

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappella għal żidiet sinifikanti għal programmi importanti tal-UE li jiffukaw fuq iċ-ċittadini Ewropej, inklużi ż-żgħażaġh Ewropej, il-kultura, l-istampa ħielsa u l-edukazzjoni, jiġifieri Erasmus+ u Ewropa Kreattiva; itenni t-talba tiegħu biex jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti għall-politiki dwar iż-żgħażaġh u biex il-legat tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ ikompli jirriżulta f'eżiti tanġibbli għaż-żgħażaġh;
2. Jappella għal żieda sinifikanti ta' EUR 60 miljun għall-Programm Erasmus+;
3. Jissottolinja l-importanza ta' Erasmus+, bħala l-aktar programm emblematicu tal-UE ta' suċċess, biex jissaħħu l-identitajiet Ewropej u jiġu promossi l-valuri Ewropej permezz tal-edukazzjoni u t-tagħlim fi Stati Membri differenti;
4. Jišhaq li xi studenti, b'mod partikolari żgħażaġh minn sfondi żvantaġġati jħabbtu wiċċhom ma' ostakli finanzjarji sinifikanti u diffikultajiet oħra, li jistgħu jaffettwaw ukoll lill-ġhalliema u lill-persunal edukattiv, u dan iwassal biex il-programm jibqa' inaċċessibbli għal għadd kbir ta' persuni;
5. Jenfasizza r-rwol tal-inizjattiva DiscoverEU bħala għodda biex iż-żgħażaġh jitqarrbu lejn l-UE;
6. Jissottolinja r-rwol ta' Erasmus+ biex iħeġġeġ liż-żgħażaġh jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Ewropa;
7. Jenfasizza li l-Programm għandu jkompli jappoġġja wkoll lill-istudenti Ukreni fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna billi jappoġġja lill-istudenti, lill-ġhalliema, lill-iskejjel, lis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u lill-NGOs;

8. Jemmen li żieda baġitarja se tgħin biex jiġu żgurati l-ekoloġizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni kontinwi tal-Programm Erasmus+
9. Jenfasizza l-importanza ta' fondi addizzjonali biex tiġi appoġġjata l-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni;
10. Jenfasizza l-potenzjal tan-networks tal-Universitajiet Ewropej, b'mod partikolari għal aktar kooperazzjoni fir-riċerka u l-għbir ta' riżorsi edukattivi;
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-isport fl-ambitu ta' Erasmus+ biex jiġi promoss ir-rwol tiegħu fit-titjib tas-saħħa u l-inklużjoni soċjali filwaqt li tiġi miġġielda wkoll id-diskriminazzjoni;
12. Jenfasizza l-Esport u l-potenzjal sinifikanti fil-ludifikazzjoni ta' materjal edukattiv li, fost affarijiet oħra, jista' jgħin lill-persuni żvantaġġati jitgħallmu u jistudjaw aħjar, inklużi l-valuri Ewropej ewlenin; Barra minn hekk jissottolinja li t-teknoloġiji l-ġodda jeħtieġu l-iżvilupp ta' ħiliet ġodda essenzjali għall-futur tas-suq tax-xogħol;
13. Jenfasizza li Ewropa Kreattiva, bħala l-uniku Programm tal-UE li jappoġġja direttament is-settur u l-industriji kulturali u kreattivi, jeħtieġ tisħiħ sinifikanti tal-fergħat kollha tiegħu biex jilħaq l-għanijiet tiegħu fl-2024, inkluż l-iżgurar tal-irkupru sħiħ tas-settur wara l-pandemija u r-reżiljenza tiegħu kontra l-inflazzjoni attwalment għolja, li ddgħajjef ukoll il-kapaċità tal-akkwist taċ-ċittadini Ewropej; barra minn hekk, iż-żieda fil-finanzjament hija meħtieġa biex jiġu implimentati aktar azzjonijiet trażversali marbuta mat-titjib tal-inklużività ġenerali tal-programm u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;
14. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġjati s-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi, il-ġurnalisti u l-professjonisti tal-media u s-settur edukattiv biex jiġu ġestiti kriżijiet multipli, inkluża l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, inflazzjoni għolja kontinwa u prezzijiet tal-enerġija partikolarment għoljin;
15. Itenni l-ħtieġa li tiġi appoġġjata l-media editorjali u tal-aħbarijiet biex tgħin fil-ġlieda kontra l-gwerra tal-informazzjoni kostanti u intensifikata, li qed thedded id-dibattitu pubbliku fid-demokrazija Ewropej u l-elezzjonijiet tagħhom, inklużi l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2024; jinsisti, għalhekk, li l-fergħa Transsettorjali taħt Ewropa Kreattiva għandha tissaħħaħ bi EUR 15 miljun addizzjonali;
Ifakkar, barra minn hekk, fil-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ għas-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi biex il-programm jiġi allinjat mal-oġġettivi tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura tal-2018, u l-prijoritajiet u l-azzjonijiet korrispondenti tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023–2026; għalhekk, il-fergħa kulturali fl-ambitu ta' Ewropa Kreattiva għandha tissaħħaħ bi EUR 15 miljun addizzjonali; barra minn hekk, jissottolinja l-ħtieġa li tissaħħaħ il-fergħa tal-media bi EUR 13 miljun addizzjonali biex jiġi appoġġjat is-settur awdjoviżiv;
16. Jitlob żieda fil-baġit limitat ħafna għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex ikun jista' jakkomoda l-interess dejjem akbar fil-programm u jippermettilu jindirizza sfidi mhux mistennija u jappoġġja liż-żgħażaġh involuti f'azzjonijiet ta' involviment ċiviku, mobbiltà u solidarjetà; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-fergħa umanitarja biex jittejbu

l-isforzi tal-programm relatati mal-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

17. Ifakkar fl-importanza tal-fergħa ta' involviment taċ-ċittadini fil-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV), b' mod partikolari fir-rigward tal-attivitajiet ta' ġemellaġġ u ta' tifikira tal-bliet, u r-rwol essenzjali tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili fi proġetti u attivitajiet relatati; jesprimi l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-programm u b' mod speċifiku l-fergħa ta' involviment taċ-ċittadini;
18. Jilqa' l-iżvilupp tal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB); ifakkar li l-finanzjament tal-NEB ma għandux isir għad-detriment ta' programmi diġà eżistenti fil-qasam tal-kultura u l-edukazzjoni bħal Ewropa Kreattiva, Erasmus+ jew il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà; iqis li l-użu ta' fondi eżistenti mhuwiex biżżejjed biex jintlaħqu l-oġettivi tal-inizjattiva; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tiżgura finanzjament suffiċjenti għall-inizjattiva fil-baġit tal-2024 u biex tqis l-istabbiliment ta' baġit separat bħala parti mir-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP);
19. Jitlob lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-QFP li jmiss, tqis l-istabbiliment ta' fond permanenti tal-Unjoni għall-media tal-aħbarijiet biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp diġitali tal-media, tissalvagwardja l-indipendenza tal-ġurnalisti u l-ġurnaliżmu Ewropej u tiggarrantixxi l-libertà tal-istampa;
20. Jitlob lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-QFP li jmiss, tipproponi finanzjament suffiċjenti għaż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (EEA) u tirrifletti dwar struttura baġitarja aktar xierqa biex tkopri l-azzjonijiet relatati mal-EEA; jitlob li dan jinkludi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-UE għas-Sistema Ewropea tal-Iskejjel (ESS) fil-baġits futuri tal-UE, sabiex tiżdied it-trasparenza, jiġi żgurat l-ippjanar strateġiku u jiġi ffaċilitat l-iskrutinju parlamentari skont il-proċedura ta' kwittanza, u jitlob li l-ESS tiġi inkluża f'aktar iżvilupp tal-EEA biex issir "laboratorju" u sors ta' esperjenza għall-innovazzjoni pedagoġika u l-iskambju tal-aħjar prattiki għall-benefiċċju tal-istudenti Ewropej kollha;
21. Jitlob lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-QFP li jmiss, tipproponi żieda fil-finanzjament għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura, peress li dawn jirrappreżentaw valur miżjud kbir għas-soċjetà Ewropea, u l-"Premju Melina Mercouri" bħala l-unika opportunità diretta ta' finanzjament tal-UE għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura ġie mogħni b'EUR 1.5 miljun biss għal snin.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI
OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	19.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 3 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Andrea Bocskor, Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Tomasz Frankowski, Catherine Griset, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Niyazi Kizilyürek, Predrag Fred Matić, Niklas Nienass, Peter Pollák, Diana Riba i Giner, Marcos Ros Sempere, Massimiliano Smeriglio, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	David Cormand, Morten Løkkegaard, Rob Rooker, Domènec Ruiz Devesa
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Angel Dzhambazki, Mónica Silvana González, Ivan Štefanec

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

21	+
PPE	Asim Ademov, Tomasz Frankowski, Peter Pollák, Ivan Štefanec, Sabine Verheyen, Theodoros Zagorakis, Milan Zver
Renew	Ilana Cicurel, Laurence Farreng, Morten Løkkegaard
S&D	Mónica Silvana González, Hannes Heide, Petra Kammerevert, Predrag Fred Matić, Marcos Ros Sempere, Domènec Ruiz Devesa, Massimiliano Smeriglio
The Left	Niyazi Kizilyürek
Verts/ALE	David Cormand, Niklas Nienass, Diana Riba i Giner

3	-
ECR	Rob Rooker
ID	Catherine Griset
NI	Andrea Bocskor

1	0
ECR	Angel Dzhambazki

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

22.9.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 – it-taqsimiet kollha
(2023/0264(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Salvatore De Meo

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-2024 se tkun is-sena tal-elezzjonijiet Ewropej;
1. Jilqa' ż-żieda proposta ta' 68 % fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' 147 % fl-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-“Impenn u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni”, meta mqabbla mal-baġit 2023, peress li tiffinanzja programmi u inizjattivi bħall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV) u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ICE), li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni ċivika ġenerali fil-politika tal-Unjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-Unjoni; jitlob żieda fil-fondi li tippermetti aktar involviment miż-żgħażaġh fir-rigward tal-valuri u l-politiki tal-Unjoni;
 2. Jinnota ż-żieda fil-finanzjament għal “Rappreżentanzi tal-Kummissjoni” b'0,9 % f'appropriazzjonijiet ta' impenn u b'1,6 % f'appropriazzjonijiet ta' pagament u jqis li dik ż-żieda mhijiex biżżejjed, speċjalment peress li l-2024 hija s-sena tal-elezzjonijiet Ewropej; jipproponi żieda ta' 20 % tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament meta mqabbla mal-livelli tal-2023; iqis li din iż-żieda hija meħtieġa għall-fini tal-inkoraġġiment ta' djalogi proattivi dwar kwistjonijiet tal-UE maċ-ċittadini fl-Unjoni kollha qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni;
 3. Iqis li ż-żieda ta' 0,9 % u 1,7 % fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament rispettivament mhijiex biżżejjed għas-“Servizzi ta' komunikazzjoni għaċ-ċittadini” meta mqabbla mal-baġit 2023; jipproponi żieda ta' 15 % tal-appropriazzjonijiet ta' impenn meta mqabbla mal-baġit 2023 fid-dawl ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni intensifikati relatati mal-kampanja ta' informazzjoni tal-elezzjonijiet Ewropej; jissottolinja li jrid ikun hemm disponibbli mezzi finanzjarji adegwati li jippermettu u jiżviluppaw aktar il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kemm fit-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi tal-Unjoni kif ukoll dawk ta' kuljum, inkluż permezz ta' fondi ddedikati għal punt uniku ta' servizz

online għall-istrumenti ta' parteċipazzjoni kollha eżistenti kif ukoll Agora taċ-Ċittadini tal-UE; ifakkar li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni għandu jkollhom kontenut disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE, kif ukoll għandhom jikkunsidraw l-użu tal-lingwi nattivi għaċ-ċittadini tal-UE li jgħixu fi Stati Membri oħra; jisħaq li l-awtoritajiet lokali, NGOs iżgħar u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra għandhom ikunu involuti fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni;

4. Jenfasizza l-hteġa li jiżdedu r-riżorsi tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fid-dawl tat-tkabbir tal-kompiti tagħha kif previst mill-mandat rivedut reċentement ibbażat fuq ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/555 tal-5 ta' April 2022;
5. Iqis li għandhom jiġu ddedikati riżorsi adegwati għat-tisħiħ tat-trasparenza u l-integrità tal-istituzzjonijiet u tal-aġenziji kollha tal-UE, speċjalment billi jiżdedu l-approprijazzjonijiet baġitarji tar-Reġistru ta' Trasparenza Konġunt, u billi jiġu żgurati biżżejjed riżorsi għall-istabbiliment xieraq u l-funzjonament sħiħ tal-korp tal-etika interistituzzjonali;
6. Jenfasizza bil-qawwa l-hteġa ta' aktar investiment u riżorsi ddedikati biex jiżded il-fehim taċ-ċittadini u r-rwol tagħhom fid-demokrazija tal-UE, inkluż permezz tal-edukazzjoni u l-involviment ta' komunitajiet lokali, skejjel jew universitajiet, b'mod partikolari fid-dawl tas-sejbiet u r-riżultati tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa; Jitlob li jiġi previst il-finanzjament adegwat għal Konvenzjoni għar-reviżjoni tat-Trattati, li tipprovdi segwitu għall-konklużjonijiet tal-Konferenza;
7. Jitlob żieda ta' 20 % fir-riżorsi ddedikati għaċ-ċittadinanza tal-Unjoni, li baqgħu statiċi minkejja talbiet ripetuti għat-tfassil tal-politika u għal interventi regolatorji, u hteġa prevedibbli għal aktar żidiet, inkluż minħabba Stati Membri ġodda u riformi tat-trattati. Dan huwa l-każ b'mod speċjali jekk iridu jintlaqgħu l-appelli għall-ħolqien ta' statut taċ-ċittadinanza Ewropea. Din l-inizjattiva teżiġi konsultazzjoni pubblika wiesgħa u input mill-esperti qabel l-elezzjonijiet Ewropej. Il-proċess għandu jkun dinamiku, marbut mad-dimensjoni Ewropea tal-edukazzjoni ċivika u espansjoni tad-drittijiet speċifiċi għaċ-ċittadinanza;
8. Jappella għal riżorsi speċifiċi għal iktar proġetti u proġetti msaħħa ta' interazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali, sabiex tissaħħaħ il-parteeipazzjoni nazzjonali fil-livell tal-Unjoni;
9. Iħeġġeġ lill-Kumitat għall-Baġits jinkorpora l-linji baġitarji msemmija hawn fuq fil-pożizzjoni tiegħu, peress li dawn jaqdu l-iskop li jiksbu riżultati konkreti u komunikazzjoni ta' kwalità għaċ-ċittadini.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	20.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Włodzimierz Cimoszewicz, Ana Collado Jiménez, Gwendoline Delbos-Corfield, Salvatore De Meo, Daniel Freund, Charles Goerens, Sandro Gozi, Zdzisław Krasnodębski, Jaak Madison, Victor Negrescu, Max Orville, Paulo Rangel, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Vladimír Bilčík, Mercedes Bresso, Pascal Durand, Alin Mituța
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sara Skyttedal

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

21	+
PPE	Vladimír Bilčík, Ana Collado Jiménez, Salvatore De Meo, Paulo Rangel, Sara Skyttedal, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Renew	Charles Goerens, Sandro Gozi, Alin Mituța, Max Orville
S&D	Mercedes Bresso, Włodzimierz Cimoszewicz, Pascal Durand, Victor Negrescu, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira
The Left	Helmut Scholz
Verts/ALE	François Alfonsi, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund

3	-
ECR	Zdzisław Krasnodębski, Jacek Saryusz-Wolski
ID	Jaak Madison

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

20.9.2023

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2024 – it-taqsimiet kollha (2023/0000(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Robert Biedroń

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri hija valur ewlieni tal-Unjoni minqax fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; billi l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jgħid li “fl-azzjonijiet kollha tagħha l-Unjoni għandha tftitex li telimina l-inugwaljanzi, u li tinkoraġixxi ugwaljanza”, b’hekk tistabbilixxi l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, li jstipula li l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri trid tiġi integrata fil-politiki u l-programmi kollha, inklużi l-livelli kollha tal-proċess baġitarju;
- B. billi l-baġits qatt ma huma newtrali għall-ġeneru u għalhekk jeħtieġ li jiġu stabbiliti bl-oġettiv ċar ta’ antidiskriminazzjoni u bil-għan li jintlaħaq kulħadd u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom; billi l-Parlament talab ripetutament għal finanzjament suffiċjenti għall-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u l-Fergħa Daphne u l-Fergħa tal-Ugwaljanza u d-Drittijiet tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV), li huwa meħtieġ b’mod urġenti biex tiġi miġġielda l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar l-Unjoni;
- C. billi l-Kummissjoni kompliet tiżviluppa metodoloġija biex tintraċċa l-infiq relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-QFP 2021-2027, li tiffoka fuq it-tfassil tal-politika u l-allokazzjoni tar-riżorsi u, b’mod partikolari, il-preżentazzjoni ta’ valutazzjoni *ex post* tal-impatt fir-rigward tal-ġeneri fuq livell aktar dettaljat u r-rapportar dwar in-nefqa;
- D. billi, anki meta jitqies il-bilanċ tal-ħajja personali, tal-familja u dik professjonali, il-baġit tal-Unjoni għandu jinkludi żieda fl-investment f’servizzi ta’ kura pubblika ta’ kwalità għolja, inklużi networks pubbliċi ta’ nurseries u crèches u servizzi pubbliċi ta’ attivitajiet ta’ ħin liberu għat-tfal u network pubbliku tal-kura tas-saħħa, kif ukoll id-

difiża ta' sistemi tas-saħħa pubbliċi, aċċessibbli u ta' kwalità u sistema tas-sigurtà soċjali pubblika, li tiżgura l-universalità tagħhom;

- E. billi huwa importanti li wieħed jiffoka fuq it-tiżiħ tal-potenzjal tan-nisa fis-setturi kollha tal-ekonomija, u dan jinkludi l-ekonomija diġitali, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) u x-xjenza, it-teknoloġija, l-ingerija u l-matematika (STEM);
- F. billi n-nuqqas ta' konformità mal-istat tad-dritt fil-Polonja kellu impatt negattiv fuq in-nisa, il-bniet u l-persuni LGBTI;
- G. billi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) jinsab taħt pressjoni akbar u insostenibbli minħabba żieda fl-ammont ta' xogħol u talbiet għal riċerka, b'mod partikolari fil-kuntest tar-rigressjoni kontra d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar l-Unjoni u s-sitwazzjoni tan-nisa li qed jaħarbu mill-Ukrajna; billi l-EIGE talab ripetutament għal tmien aġenti kuntrattwali bil-kost ġenerali stabbilit għall-baġit ta' preċiżament EUR 327 500; billi ż-żieda fil-persunal tal-EIGE tipprevjeni t-tnaqqis fl-iskala tal-attivitajiet kritiċi tiegħu u r-rifjut ta' talbiet li ġejjin mill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għal assistenza teknika dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri minħabba riżorsi umani insuffiċjenti;
- H. billi hemm rigressjoni inkwetanti u li qed tiżdied kontra l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tan-nisa u l-komunità LGBTIQ+, inkluża l-proliferazzjoni ta' transfobija rampanti; billi l-prekarjetà ekonomika tista' tikkontribwixxi għaż-żieda tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-forom kollha tagħha; billi hemm bżonn li jiżdiedu r-riżorsi pubbliċi, finanzjarji u umani biex isir intervent fost il-gruppi f'riskju ta' faqar u biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet li jgħolqu riskji partikolari għan-nisa, għall-persuni LGBTIQ+, għat-tfal u għaż-żgħażaġh, għall-anzjani, jew għall-persuni b'diżabbiltà, kif ukoll għal dawk li jispiċċaw mingħajr dar;
- I. billi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR) huma drittijiet tal-bniedem, protetti skont id-dritt internazzjonali u Ewropew; billi l-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2022 talab li d-dritt għal abort sikur u legali jiġi inkluż fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; billi l-abort irid ikun deċiżjoni volontarja fuq talba tan-nisa, meħuda liberament, f'konformità mal-istandards mediċi bbażati fuq il-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa; billi l-aċċess għal servizzi ta' abort bla ħlas sikuri u legali jrid jiġi garantit;
- 1. Jissottolinja li perspettiva tal-ġeneru għandha tiġi integrata bis-siħħ fil-livelli kollha tal-proċess baġitarju; jitlob l-implimentazzjoni obligatorja tal-ibbaġitjar għal kwistjonijiet ta' ġeneru u l-inklużjoni ta' objettivi relatati mal-ġeneru fil-programmi kollha tal-Unjoni kif ukoll l-identifikazzjoni tal-linji baġitarji rilevanti, il-monitoraġġ effettiv tal-kontribuzzjoni tal-baġit tal-Unjoni għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u rieżami sensitiv għall-ġeneru tal-programmi u l-infiq kollha sabiex isiru l-aġġustamenti meħtieġa fil-perjodu tal-QFP ta' wara; itenni t-talbiet tiegħu għall-ħtieġa li jitħaffef il-progress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' baġits u fondi li jgħallju l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, kif ukoll għal investiment akbar fl-istatistika dwar il-ġeneru; jissottolinja li dan huwa kruċjali għall-Unjoni li qed tiffaċċja kriżijiet u kunflitt u rigressjonijiet kontra d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri;

2. Jirakkomanda li l-fondi, b'mod partikolari, jiżdienu biex jippermettu l-protezzjoni tal-maternità, il-paternità u t-tfulija bikrija permezz ta' programmi xierqa; jitlob, għalhekk, li s-saħħa tal-ommijiet u tat-tfal tingħata importanza partikolari fil-baġit tal-Unjoni għall-2024; jirakkomanda wkoll li jiġu żgurati fondi għall-protezzjoni, il-promozzjoni u l-appoġġ għat-treddiġh, u b'hekk jingħata kontribut biex jintlaħaq l-oġettiv tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa li jiġi żgurat li, sal-2025, ir-rata globali tat-treddiġh esklużiv fl-ewwel sitt xhur tal-ħajja tat-tarbija tkun mill-inqas 50 %, li jirrikjedi, fost miżuri oħra, l-adeqwatezza tat-tul u r-remunerazzjoni tal-liv tal-maternità u tal-paternità;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm biżżejjed allokkazzjonijiet baġitarji biex jiġi żgurat li l-komunikazzjoni uffiċjali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tkun inklużiva fir-rigward tal-ġeneru u, fejn possibbli, anki bil-braille;
4. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-allokkazzjoni baġitarja lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tal-persuni LGBTIQ+, u l-ġustizzja soċjali fl-Ewropa u lil hinn minnha, inkluż f'kunflitti bħall-Ukrajna; jenfasizza l-importanza li jintlaħqu organizzazzjonijiet lokali iżgħar sabiex jiġi garantit l-aħjar impatt fuq id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għalhekk jilqa' l-offerti u appoġġ finanzjarju ieħor lil tali intermedjarji; jišhaq li s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati huma drittijiet fundamentali u jenfasizza l-importanza kontinwa li jiġu ffinanzjati organizzazzjonijiet li jaħdmu fil-qasam, bħal dawk li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-organizzazzjonijiet li jipprovdu aborti sikuri u legali; jitlob allokkazzjonijiet baġitarji fl-ambitu tal-programm l-UE għas-Saħħa għar-riċerka dwar kundizzjonijiet speċifiċi għall-ġeneru bħall-endometrijożi u l-fibroji b'perspettiva intersezzjonali, flimkien mal-forniment ta' servizzi transfruntieri biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' abort sikur u legali għaċ-ċittadini kollha;
5. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-korrelazzjoni bejn l-attakki fuq l-istat tad-dritt u r-rigressjoni fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa u tal-persuni LGBTIQ+; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-istat tad-dritt fl-Unjoni, u b'hekk tiproteġi d-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, permezz tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-istat tad-dritt għall-aċċess għall-fondi tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-missjoni ewlenija ta' dawk li lilhom jingħataw il-fondi tal-Unjoni u żżomm il-finanzjament mill-atturi li jfittxu li jużaw il-fondi tal-Unjoni għall-finijiet ta' rigress tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiffriża l-fondi kollha lill-Polonja sakemm l-awtoritajiet Pollakki jikkonformaw mad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;
6. Jistieden lill-Istati Membri jissalvagwardjaw is-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati u jtenni l-ħtieġa li l-baġit tal-Unjoni jkollu rwol aktar attiv, fost l-oħrajn, billi jiżgura l-eżistenza u s-sensibilizzazzjoni tal-programmi u servizzi relatati mas-saħħa riproduttiva, inkluż billi jiggarantixxi aċċess liberu għall-metodi ta' kontraċezzjoni, u b'hekk jissalvagwardja d-dritt fundamentali għas-saħħa u jiżgura l-kura essenzjali u l-mediċini għall-ippjanar volontarju tal-familja, li jkopri b'mod speċifiku, fost l-oħrajn, il-kwistjonijiet tar-riproduzzjoni, il-preparazzjoni għat-twelid, is-saħħa tal-ommijiet u tat-trabi tat-twelid u t-trattamenti tal-fertilità;

7. Itenni l-bżonn li l-baġit tal-Unjoni jaqdi rwol aktar attiv fl-isforzi biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; jitlob, għalhekk, li jappoġġja l-miżuri u l-proġetti mmirati lejn il-qerda tal-faqar fost in-nisa u t-tfal, il-promozzjoni ta' integrazzjoni akbar u aħjar fis-suq tax-xogħol, l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi tax-xogħol u tal-pagi bejn l-irġiel u n-nisa, it-titjib tal-aċċess għall-kura tas-saħħa u tal-ġoti tagħha, u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, it-tfal u ż-żgħażaġh;
8. Ifakkar fir-rwol importanti li għandu l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) fil-fehim u l-indirizzar tal-firxa u l-kawżi tal-inugwaljanza bejn il-ġeneri fl-Unjoni, speċjalment fil-kuntest tar-rigressjoni kontra d-drittijiet tan-nisa u l-kriżijiet relatati mal-kunflitti, ekonomiċi u tas-saħħa; ifakkar li l-EIGE esperjenza kwistjonijiet persistenti b'nuqqas ta' persunal, li komplew jaggravaw permezz taż-żieda qawwija fit-talbiet għal assistenza teknika bħala riżultat tal-prijoritizzazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki u l-inizjattivi kollha tal-Unjoni fl-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020–2025; jistieden lill-Kummissjoni talloka s-somma ta' EUR 327 500 bħala minimu lill-EIGE biex tiżgura li l-EIGE jkun jista' jimpjega t-tmien aġenti kuntrattwali li jeħtieġ biex iwettaq il-mandat tiegħu, li jfisser li huwa meħtieġ finanzjament addizzjonali kif ukoll persunal addizzjonali biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' riċerka tiegħu, jiġu estiżi l-attivitajiet ta' ġbir u ta' analiżi tad-data tiegħu, u jiġi appoġġjat l-iżvilupp ta' għodod u metodoloġiji innovattivi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fl-Unjoni u jiġi żgurat li l-persunal attwali jkollu bilanċ adegwat bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jissottolinja li t-talba tal-EIGE għal aġenti kuntrattwali tkun ibbażata fuq approprjazzjonijiet baġitarji u se tiżgura biss il-livelli minimi meħtieġa biex ikun jista' jwettaq il-mandat tiegħu u jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tiegħu;
9. Ifakkar li mara minn kull tlieta fl-Unjoni ġiet affettwata mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru, b'kost ekonomiku stmat ta' EUR 290 biljun fis-sena¹; jitlob finanzjament addizzjonali kontinwu tal-Fergħa tal-Ugwaljanza u d-Drittijiet tal-Programm CERV u l-Programm Daphne biex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fl-Unjoni, inkluż fil-qafas tal-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza u l-abbuż sesswali fuq in-nisa, il-bniet u forom oħra ta' vjolenza domestika; jissottolinja r-rekwiżit li jiġu allokati mill-inqas 40 % tal-fondi ddedikati għall-fergħa tal-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u għall-fergħa Daphne tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri għal attivitajiet intiżi biex jipprevjenu u jiġġieldu fil-livelli kollha l-forom kollha ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru u mill-inqas 15 % għal attivitajiet intiżi biex jippromwovu t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;
10. Jilmenta dwar il-pjaga tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru li hija mifruxa mhux biss fl-Unjoni, iżda madwar id-dinja; jenfasizza li n-nisa f'kunflitti armati jsofru konsegwenzi sproporzjonati, inklużi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bbażata fuq il-kunflitt, il-vjolenza sesswali u t-traffikar għall-isfruttament sesswali; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-allokkazzjoni baġitarja għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa fl-Ewropa u lil hinn minnha, inklużi organizzazzjonijiet li jittrattaw il-

¹ <https://eige.europa.eu/publications-resources/publications/costs-gender-based-violence-european-union>

ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inklużi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, l-organizzazzjonijiet LGBTIQ+ u l-organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi u appoġġ għall-vittmi ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru f'kunflitt; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-allokkazzjonijiet baġitarji għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali speċifikament biex tiffinanzja l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq il-prevenzjoni tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru f'kunflitt u tipprovdi appoġġ lis-superstiti, inklużi azzjonijiet u organizzazzjonijiet li jipprevjenu l-vjolenza abbażi tal-ġeneru bbażata fuq il-kunflitti u biex jintużaw approprjazzjonijiet addizzjonali għat-taħriġ għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex iżidu l-kapaċità tagħhom u jipprovdu taħriġ lill-infurzar tal-liġi ħalli jittrattaw każijiet bħal dawn;

11. Jissottolinja li kwalunkwe strateġija ta' ugwaljanza għandha tindirizza l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, inklużi l-ostakli u l-ksur tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati tan-nisa; itenni li l-aċċess għall-kura tas-saħħa u s-servizzi pubbliċi, inkluż l-aċċess għall-abort u l-appoġġ psikoloġiku għan-nisa vittmi tal-vjolenza, għandu jitqies bħala prijorità;
12. Jisħaq fuq l-importanza li jintużaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) biex jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-impjiegi u l-aċċess għas-suq tax-xogħol tan-nisa, il-kura tat-tfal u l-faċilitajiet ta' kura fit-tul, b'mod partikolari fid-dawl tad-differenza medja bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa tal-Unjoni ta' 14 %; jissottolinja l-hteġa ta' allokkazzjonijiet baġitarji biex jappoġġjaw l-intraprenditorija tan-nisa u l-indipendenza ekonomika tan-nisa u jippromwovu approċċ progressiv biex jiġi żgurat u mhegġegħ l-aċċess tan-nisa għal self, finanzjament ta' ekwità, kapitalisti ta' riskju, investituri informali u investituri permezz ta' programmi u fondi tal-Unjoni, bħall-Fond Soċjali Ewropew; jitlob żieda fil-baġit tal-FSE+ sabiex jiżiedu l-fondi għall-fergħa tal-EaSI; jisħaq fuq l-importanza tal-politika ta' koeżjoni fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, jilqa' l-fatt li ġiet inkluża sistema ta' traċċar tan-nefqa relatata mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-FSE+, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni, li se tippermetti monitoraġġ aħjar tal-investimenti relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
13. Jissottolinja li jeħtieġ li jkun hemm enfasi akbar fuq l-investiment strateġiku u t-tkabbir sostenibbli fl-Unjoni u fl-Istati Membri sabiex tittejjeb il-koeżjoni ekonomika u jinħolqu l-impjiegi, b'mod partikolari għan-nisa u t-tfajliet fid-diversità kollha tagħhom; jenfasizza l-importanza ta' investimenti f'servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, inklużi l-kura tas-saħħa u l-infrastruttura soċjali biex jiġu indirizzati l-kriżijiet soċjali u tas-saħħa, tinbena r-reżiljenza soċjali u jiġu miġġielda l-inugwaljanzi u tiġi żgurata paga ugwali għal xogħol ugwali ta' valur ugwali; jisħaq fuq l-importanza li jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja f'dawk is-setturi, bil-għan li tinkiseb tranżizzjoni ġusta lejn soċjetà li tuża inqas karbonju;

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	19.9.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 26 - : 6 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Christine Anderson, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Annika Bruna, Maria da Graça Carvalho, Margarita de la Pisa Carrión, Gwendoline Delbos-Corfield, Rosa Estaràs Ferragut, Lina Gálvez Muñoz, Lívía Járóka, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Karen Melchior, Johan Nissinen, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Pina Picierno, Evelyn Regner, Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Christine Schneider, Sylwia Spurek
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Laura Ballarín Cereza, Silvia Modig, Eleni Stavrou, Hilde Vautmans
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Martin Hojsik

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

26	+
PPE	Isabella Adinolfi, Maria da Graça Carvalho, Rosa Estaràs Ferragut, Arba Kokalari, Elżbieta Katarzyna Lukacijewska, Christine Schneider, Eleni Stavrou
Renew	Abir Al-Sahlani, Martin Hojsik, Karen Melchior, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans
S&D	Laura Ballarín Cereza, Robert Biedroń, Vilija Blinkevičiūtė, Lina Gálvez Muñoz, Maria Noichl, Carina Ohlsson, Pina Picierno, Evelyn Regner
The Left	Silvia Modig, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Diana Riba i Giner, Sylwia Spurek

6	-
ECR	Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión
ID	Christine Anderson, Annika Bruna, Maria Veronica Rossi
NI	Livia Járóka

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA ADOTTATA FIT-TRILOGU BAĠITARJU TAL- 25 TA' APRIL 2023

Dati għall-proċedura baġitarja u modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-2023

- A. F'konformità mal-Parti A tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar id-dati ewlenin li ġejjin għall-proċedura baġitarja tal-2024:
1. Il-Kummissjoni se tagħmel hilita biex tippreżenta d-Dikjarazzjoni tal-Estimi għall-2024 sal-bidu ta' Ġunju;
 2. Se jissejjaħ trilogu fit-18 ta' Lulju (filgħodu), wara l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Il-Kunsill se jagħmel ħiltu biex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u jgħaddiha lill-Parlament Ewropew sa tmiem is-36 ġimgħa, sabiex jiġi ffaċilitat ftehim f'waqtu mal-Parlament Ewropew;
 4. Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew se jagħmel ħiltu biex jivvota dwar l-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill sa tmiem l-40 ġimgħa (l-ewwel ġimgħa ta' Ottubru);
 5. Se jissejjaħ trilogu fit-12 ta' Ottubru (filgħodu), qabel il-qari tal-Parlament Ewropew;
 6. Il-Plenarja tal-Parlament Ewropew se tivvota dwar il-qari tagħha fit-42 ġimgħa (Sessjoni plenarja tas-16-19 ta' Ottubru);
 7. Il-Perjodu ta' Konċiljazzjoni se jibda fl-24 ta' Ottubru. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 314(4)(c) tat-TFUE, iż-żmien disponibbli għall-konċiljazzjoni se jiskadi fit-13 ta' Novembru 2023;
 8. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni se jiltaqa' fis-26 ta' Ottubru (filgħodu), ospitat mill-Parlament Ewropew, u fl-10 ta' Novembru, ospitat mill-Kunsill (u jista' jerġa' jibda kif xieraq); is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni se jitħejjew permezz ta' trilogu jew trilogi. Hemm skedat trilogu fis-26 ta' Ottubru (filgħodu). Jistgħu jissejju

trilogu jew trilogi addizzjonali matul il-perjodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 jum, inkluż fid-9 ta' Novembru, ospitati mill-Kunsill.

- B. Il-modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jinsabu fil-Parti E tal-anness għall-ftehim interistituzzjonali msemmi hawn fuq.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	9.10.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 16 -: 4 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Rasmus Andresen, David Cormand, Andor Deli, Pascal Durand, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Niclas Herbst, Hervé Juvin, Joachim Kuhs, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Bogdan Rzońca, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Angelika Winzig
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Attila Ara-Kovács, Sunčana Glavak, Hannes Heide, Jarosław Kalinowski, Sabine Verheyen

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

16	+
PPE	Sunčana Glavak, Niclas Herbst, Jarosław Kalinowski, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Sabine Verheyen, Angelika Winzig
Renew	Vlad Gheorghe, Nils Torvalds
S&D	Attila Ara-Kovács, Pascal Durand, Hannes Heide, Nils Ušakovs
Verts/ALE	Rasmus Andresen, David Cormand, Alexandra Geese

4	-
ID	Joachim Kuhs
NI	Andor Deli, Hervé Juvin, Lefteris Nikolaou-Alavanos

1	0
ECR	Bogdan Rzońca

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni